**QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**
**BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**

**MAĠISTRAT NATASHA GALEA SCIBERRAS B.A., LL.D.**

**Kumpilazzjoni Numru: 52/2014**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Malcolm Bondin)**

**vs**

**Jason Grima**
**(Karta tal-identita` bin-numru 574082(M))**

**Illum, 30 ta' Jannar 2023**

Il-Qorti,

Wara li rat l-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tal-imputat **Jason Grima** ta' 31 sena, iben Lawrence u Doris nee` Agius, imwieled il-Pieta` fil-21 ta' Ottubru 1982, residenti 'Azur Waters', Flat 1, Triq San Pawl, San Pawl il-Baħar, detentur tal-karta tal-identita` bin-numru 574082(M);

Akkużat talli f'dawn il-Gżejjer fil-11 ta' Jannar 2014 u fit-tmien xhur ta' qabel din id-data:

a) Assoċja ruħu ma' xi persuna jew persuni oħra f'dawn il-Gżejjer jew barra minn dawn il-Gżejjer sabiex ibiegħ jew jittraffika mediċina (**pjanta *cannabis***) f'dawn il-Gżejjer kontra d-disposizzjonijiet tal-Ordinanza dwar il-Mediċini

Perikolużi, Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta, jew li jippromwovi, jikkostitwixxi, jorganizza jew jiffinanzja l-assoċjazzjoni;

b) Biegħ jew xort'oħra traffika l-pjanta *cannabis* kollha jew biċċa minnha, u dan bi ksur tal-Artikolu 8(e) tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta;

c) Ipproduċa, biegħ jew xort'oħra traffika r-raża meħuda mill-pjanta *cannabis* jew xi preparazzjonijiet li jkollhom bħala bażi din ir-raża, u dan bi ksur tal-Artikolu 8(b) tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta;

d) Kellu fil-pussess tiegħu l-pjanta *cannabis* kollha jew biċċa minnha bi ksur tal-Artikolu 8(d) tal-Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta, **liema droga nstabet f'tali ċirkostanzi li juru li ma kinitx għall-użu esklussiv tiegħu**;

e) Kellu fil-pussess tiegħu r-raża meħuda mill-pjanta *cannabis* jew xi preparazzjonijiet li jkollhom bħala bażi din ir-raża, bi ksur tal-Artikolu 8(a) tal-Kap. 101 tal-Liġijiet, **liema droga nstabet f'tali ċirkostanzi li juru li ma kinitx għall-użu esklussiv tiegħu**;

f) Kellu fil-pussess tiegħu d-droga **kokaina** speċifikata fl-ewwel skeda tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta, meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni għall-importazzjoni jew esportazzjoni maħruġ mit-Tabib Prinċipali tal-Gvern, skont id-disposizzjonijiet tar-raba' u s-sitt Taqsima tal-Ordinanza, u meta ma kienx bil-liċenzja jew xort'oħra awtorizzat li jimmanifattura jew li jforni d-droga msemmija u ma kienx b'xi mod ieħor bil-liċenzja mill-President ta' Malta li jkollu fil-pussess tiegħu din id-droga, u naqas li jipprova li d-droga msemmija ġiet fornuta lilu għall-użu tiegħu skont ir-riċetta kif provdut fir-regolamenti msemmija, u dan bi ksur tar-Regolamenti tal-1939 dwar il-Kontroll Intern tad-Drogi Perikolużi (GN 292/1939), kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta.

Il-Qorti ġiet mitluba sabiex tissekwestra f'idejn terzi persuni b'mod ġenerali l-flejjes u l-proprjeta` mobbli jew immobbli kollha li jkunu dovuti lil jew ikunu jmissu lill-akkużat jew huma proprjeta` tiegħu, kif ukoll sabiex il-Qorti tipprojbixxi lill-akkużat milli jittrasferixxi jew xort'oħra jiddisponi minn xi proprjeta` mobbli jew immobbli, u dan ai termini tal-Artikolu 22A tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, Kap.

101 tal-Liġijiet ta' Malta u tal-Artikolu 23A tal-Kodiċi Kriminali, Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

F'każ ta' ħtija, il-Qorti ġiet ukoll mitluba sabiex tordna lill-imputat sabiex iħallas l-ispejjeż li għandhom x'jaqsmu mal-ħatra tal-esperti, skont l-Artikolu 533(1) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Rat l-atti kollha tal-kawża u d-dokumenti esebiti, inkluż l-Ordni tal-Avukat Ġenerali datat 13 ta' Jannar 2014, bis-saħħa tas-sub-artikolu (2) tal-Artikolu 22 tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi (Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta), sabiex l-imputat jitressaq quddiem il-Qorti Kriminali biex iwieġeb għall-akkużi miġjuba kontra tiegħu għal ksur tal-provvedimenti tal-istess Ordinanza[1];

Rat illi fl-udjenza tat-13 ta' Jannar 2014, waqt l-eżami tiegħu skont il-liġi, l-imputat wieġeb li mhux ħati tal-imputazzjonijiet miġjuba kontra tiegħu[2];

Rat in oltre illi wara rikors tal-imputat tat-3 ta' Diċembru 2014[3], b'digriet tagħha tal-4 ta' Marzu 2015, il-Qorti Kriminali ordnat illi l-imputat jiġi proċessat quddiem il-Qorti tal-Maġistrati[4];

Rat in-nota tal-Avukat Ġenerali tal-10 ta' Ottubru 2016[5], li permezz tagħha fil-waqt illi għamel referenza għad-digriet tal-Qorti Kriminali tal-4 ta' Marzu 2015, għal kull buon fini ippreżenta Ordni bis-saħħa tal-Artikolu 31 tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi (Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta), datat 7 ta' Ottubru 2016, sabiex l-imputat jiġi proċessat quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali fuq l-akkużi miġjuba kontra tiegħu għal ksur tal-provvedimenti tal-istess Ordinanza[6];

Rat illi fl-udjenza tat-22 ta' Novembru 2016, id-difiża ħadet konjizzjoni tal-Kontro-Ordni tal-Avukat Ġenerali u għal kull buon fini ddikjarat illi ma kellha l-ebda oġġezzjoni li l-każ odjern jiġi trattat u deċiż bi proċedura sommarja[7];

---

[1] Ara a fol. 5 tal-proċess.
[2] A fol. 10 tal-proċess.
[3] A fol. 288 u 289 tal-proċess.
[4] A fol. 295 tal-proċess.
[5] A fol. 409 tal-proċess.
[6] A fol. 410 tal-proċess.
[7] A fol. 411 tal-proċess.

Rat id-digriet ta' din il-Qorti, kif diversament preseduta, tal-4 ta' Lulju 2019, li permezz tiegħu laqgħet it-talba tad-difiża magħmula minnha fl-udjenza tat-8 ta' Marzu 2018[8], u assumiet il-funzjoni ta' Qorti dwar id-Droga u għaldaqstant ai termini tal-Artikolu 8(3) tal-Kapitolu 537 tal-Liġijiet ta' Malta, irreferiet lill-imputat quddiem il-Bord ta' Rijabilitazzjoni ta' Persuni li Nqabdu bid-Droga[9];

Rat in-Nota tal-Bord ta' Rijabilitazzjoni ta' Persuni li Nqabdu bid-Droga datata 23 ta' Settembru 2020, li permezz tagħha nforma lill-Qorti li kien sodisfatt illi l-proċess ta' rijabilitazzjoni tal-imputat intemm b'suċċess[10];

Rat illi fl-udjenza tat-23 ta' Frar 2021, id-difiża ddikjarat illi ma kellhiex aktar provi xi tressaq f'dan il-każ u għalhekk għalqet il-provi tagħha[11];

Rat in oltre illi din il-kawża ġiet assenjata lill-Maġistrat sedenti bl-assenjazzjoni tad-doveri datata 11 ta' Ġunju 2021[12];

Rat illi fl-udjenza tat-28 ta' Frar 2022, il-partijiet iddikjaraw li kienu qed jeżentaw lil din il-Qorti, kif preseduta, milli terġa' tisma' l-provi kollha mressqa fil-kawża sa dakinhar, quddiem il-Qorti kif diversament preseduta[13];

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet finali tal-Prosekuzzjoni ppreżentata nhar il-21 ta' Marzu 2021[14], kif ukoll in-nota ta' sottomissjonijiet finali tal-imputat ippreżentata nhar l-10 ta' Jannar 2022[15];

Semgħet lill-Prosekuzzjoni fl-udjenza tat-28 ta' Frar 2022, tiddikjara li qed tistrieħ fuq in-nota ta' sottomissjonijiet tagħha[16], fil-waqt illi semgħet it-trattazzjoni finali ulterjuri tad-difiża[17];

Rat illi din il-kawża tinsab differita għas-sentenza għal-lum.

---

[8] Ara a fol. 428 tal-proċess.
[9] Ara dan id-digriet a fol. 465 tal-proċess.
[10] A fol. 494 tal-proċess.
[11] A fol. 503 tal-proċess.
[12] A fol. 505 *et seq* tal-proċess.
[13] A fol. 520 tal-proċess.
[14] A fol. 504 tal-proċess.
[15] A fol. 507 tal-proċess.
[16] A fol. 520 tal-proċess.
[17] Ara a fol. 521 tal-proċess.

**Ikkunsidrat:**

Illi fil-każ odjern, il-Prosekuzzjoni ressqet is-segwenti xhieda u provi in sostenn tal-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tal-imputat:

1. Fis-seduta tat-23 ta' Jannar 2014, **Etienne Ciantar** jixhed illi fil-11 ta' Jannar huwa ċempel lil Brian sabiex imur jixtri l-ħaxixa u mar ġewwa appartament ħdejn iċ-ċinema, ġewwa Buġibba, fejn jirrisjedi l-istess Brian, minn fejn xtara d-droga. Hekk kif ħareġ mill-blokka tal-appartamenti, ġie arrestat mill-Pulizija. Huwa jgħid illi waqt li kien fl-appartament, huwa xtara mitt (100) gramma mingħand Brian u tagħha ħallsu seba' mitt ewro (€700) fi flus kontanti. Ix-xhud jgħid in oltre illi xi xahrejn qabel, huwa kien xtara wkoll ħamsin (50) gramma *cannabis grass* mingħand Brian, mill-istess appartament. Nhar il-11 ta' Jannar, meta akkwista d-droga, fl-appartament kien hemm ukoll il-mara ta' Brian u t-tifla.

   **In kontro-eżami**, ix-xhud jgħid illi lill-imputat huwa ma jafux.[18]

2. Fis-seduta tat-23 ta' Jannar 2014, **id-Deputat Reġistratur, Benjamina Mifsud** esebiet vera kopja ta' proċess verbal bin-numru 102/14 redatt mill-Maġistrat Dr. Ian Farrugia u magħluq fis-17 ta' Jannar 2014 dwar '*Sejba t'ammont ta' droga gewwa 10/11, Flat 15, Triq il-Pijunieri, Bugibba u kamra 3629, Blue Sea San Anton Hotel, Triq ir-Ramel, Bugibba bejn il-11 u t-12 ta' Jannar 2014*'.[19]

3. Fl-istess seduta tat-23 ta' Jannar 2014, **l-Ispettur** (illum Supretendent) **Malcolm Bondin** jixhed illi fil-11 ta' Jannar 2014, l-Iskwadra kontra d-Droga kienet qed tagħmel xogħol ta' sorveljanza fuq ċertu Brian Godfrey Bartolo wara li l-Pulizija kienet irċeviet informazzjoni illi dan kien involut fit-traffikar tad-droga. Huwa jixhed dwar dak li ngħad lilu mill-Pulizija li kienu qed josservaw il-movimenti ta' Bartolo u dan fis-sens illi għall-ħabta tal-5.00 p.m. kienu raw lil Bartolo dieħel fl-appartament tiegħu fi Triq il-Pijunieri, bin-numru 10/11, appartament numru 15, wara li rawh nieżel mill-karozza tiegħu, li kienet tal-kiri, flimkien ma' żewġ persuni maskili, wieħed mil-liema persuni kellu *haversack* fuq dahru. Wara xi ftit minuti, huma raw lil dawn iż-żewġ persuni ħerġin mill-appartament u ġew arrestati. Irriżulta illi wieħed minnhom kien ċertu Onile Lakale Zumeta (li mill-atti fil-fatt jirriżulta li kien jismu Unai Lacalle Zumeta), ta' nazzjonalita` Spanjola, li kellu *haversack* fil-

[18] A fol. 17 tal-proċess.
[19] A fol. 22 *et seq* tal-proċess.

pussess tiegħu, f'liema *haversack* kien hemm xi żewġ nuċċalijiet, xi biċċa karta u biċċa *wire* aħmar. Fuq il-persuna tiegħu nstabu madwar tlett elef u erba' mitt ewro (€3,400) fi flus kontanti. Ikompli jixhed illi ftit wara ġie arrestat ukoll Jason Grima, ossia l-imputat odjern, wara li ġie nnutat jagħmel kuntatt ma' Zumeta. Fuq il-persuna tal-imputat, instabet is-somma ta' mitejn u ħamsa u sebgħin ewro (€275), żewġ biċċiet sustanzi ħodor suspettati *cannabis grass* u *mobile phone* tad-ditta iPhone.

Jixhed ukoll illi minn hemmhekk kompliet l-osservazzjoni fuq ir-residenza ta' Brian Godfrey Bartolo, fejn il-Pulizija preżenti innutaw persuna oħra dieħla, ossia ċertu Etienne Ciantar, li wara li daħal b'idu f'idu, ħareġ b'basket tal-kartun f'idejh, liema basket irriżulta li kien jikkontjeni borża b'sustanza ħadranija suspettata *cannabis grass*. Ciantar ġie arrestat u ttieħed ġewwa l-Kwartieri Ġenerali tal-Pulizija. L-Ispettur Bondin jixhed ukoll illi wara ftit minuti, il-Pulizija osservaw lil Brian Godfrey Bartolo ħiereġ minn ġewwa r-residenza, flimkien ma' tifla żgħira, u illi kellu *pouch* iswed fil-pussess tiegħu. Bartolo ġie mwaqqaf mill-Pulizija u fil-*pouch* instabu flus kontanti, boroż tal-plastik bi trab abjad u boroż tal-plastik kontenenti materjal ħadrani suspettat *cannabis grass*. Jixhed ukoll illi saret tfittxija ġewwa r-residenza ta' Bartolo ossia 10/11, Blokk B, numru 15, Triq il-Pijunieri, Buġibba u illi hemmhekk instabu *inter alia* diversi sustanzi, imwieżen elettroniċi u flus kontanti, li dwarhom jixhed fid-dettal. Saret in oltre tfittxija ġewwa garaxx fi Triq Dun Alvaro di Sande, il-Mosta, liema garaxx skont l-informazzjoni li kellha l-Pulizija, kien jappartjeni lil Bartolo, fejn instabu fost oġġetti oħrajn, diversi sustanzi u flus kontanti, li dwarhom ix-xhud ukoll jixhed fid-dettal.

L-Ispettur Bondin jixhed ukoll illi l-Pulizija kompliet bl-istħarriġ tagħha fir-rigward tal-imputat odjern, li rrilaxxja stqarrija, wara li għażel li ma jeżerċitax id-dritt li jottjeni parir legali qabel l-interrogatorju tiegħu. Jixhed in oltre illi wara li l-imputat irrilaxxja din l-istqarrija, saret tfittxija fir-residenza tiegħu ġewwa 'Azur Water', Triq San Pawl, San Pawl il-Baħar, fejn il-Pulizija sabu xi biċċiet tar-raża tal-*cannabis*, xi *grass* u xi żerriegħa. Ix-xhud esebixxa miżien elettroniku li nstab ġewwa l-istess appartament fuq il-*unit* tat-televixin (Dok. MB), *mobile phone* tad-ditta Blackberry (Dok. MB 1) u *pendrive* (Dok. MB 2) li nstabu fl-istess appartament, *mobile phone* tad-ditta iPhone li nstab fuq il-persuna tal-imputat (Dok. MB 3), xi dokumenti li nstabu fuq l-imsemmija *unit* tat-televixin (Dok. MB 4)[20], li skont ix-xhud jinkludu karta A4 bil-*letterhead* ta' Brian Bartolo bħala Malta Handyman Services bid-

[20] A fol. 44 tal-proċess.

dettalji ta' Bartolo u xi ndirizz ta' appartament ġewwa l-Mosta u dokumenti b'xi numri fuqhom, id-dikjarazzjoni tal-imputat dwar ir-rifjut tal-jedd għall-parir legali (Dok. MB 5)[21] u l-istqarrija rilaxxjata mill-imputat nhar it-12 ta' Jannar 2014 (Dok. MB 6)[22]. Jixhed ukoll illi dakinhar stess tat-12 ta' Jannar 2014, l-istess imputat ikkonferma l-istqarrija tiegħu bil-ġurament quddiem il-Maġistrat (illum Imħallef) Dr. Edwina Grima.

**In kontro-eżami** l-Ispettur Bondin jikkonferma illi l-imputat ikkopera bis-sħiħ mal-Pulizija u illi għandu jibbenefika mill-Artikolu 29 tal-Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta. Mistoqsi jekk l-imputat għandux jibbenefika b'żewġ gradi, huwa jwieġeb: "*Minn naha taghna ma nsibu l-ebda oggezzjoni, mbaghad sta ghall-Qorti tara l-koperazzjoni shiha tieghu*"[23]. Jixhed ukoll għas-suġġeriment tad-difiża illi bis-saħħa tiegħu ġiet arrestata iżjed minn persuna waħda, illi l-arresti saru kollha f'daqqa, iżda l-imputat tahom iżjed informazzjoni dwar kif seħħ il-każ.[24]

Fis-seduta tal-10 ta' April 2014, reġa' xehed **l-Ispettur Malcolm Bondin** li filwaqt illi rrefera għall-oġġetti li ġew elevata minn fuq il-persuna tal-imputat odjern fil-11 ta' Jannar 2014 minn PS 579 u PS 1174, esebixxa borża bin-numru S00569089 li tikkontjeni s-somma ta' €275 (Dok. MB 1), kif ukoll sustanza suspettata *cannabis* elevata minn fuq il-persuna tal-imputat fil-jum imsemmi mill-istess żewġ uffiċjali tal-Pulizija (Dok. MB 2).[25]

**L-Ispettur Malcolm Bondin** reġa' xehed in kontro-eżami fis-seduta tal-5 ta' Ottubru 2015. Jikkonferma li l-investigazzjoni kienet fir-rigward ta' Brian Bartolo u l-konnessjoni tiegħu ma' persuna Spanjola. Jgħid b'referenza għall-istqarrija tal-imputat, illi huwa ngħata l-jeddijiet li kienu viġenti dak iż-żmien għalkemm ma kienx hu li ħa l-istqarrija tal-imputat iżda l-Ispettur (illum Assistent Kummissarju) Dennis Theuma, li kien qed jassistih. Fiż-żmien in kwistjoni, huwa seta' jikkonsulta ma' avukat u dak il-jedd ingħata lilu, iżda mhux il-jedd li jkun assistit minn avukat waqt l-istqarrija. Jgħid in oltre illi huwa ma kienx involut fit-tfittxija li saret fir-residenza tal-imputat, iżda kien bagħat pulizija oħrajn għal dan il-għan u nstabu ammonti minimi ta' droga.

[21] A fol. 45 tal-proċess.
[22] Ara a fol. 46 tal-proċess.
[23] A fol. 42 tal-proċess.
[24] Ara din ix-xhieda a fol. 33 *et seq* tal-proċess.
[25] Ara a fol. 83 *et seq* tal-proċess.

Jgħid ukoll illi minn dakinhar l-imputat ma reġax kellu skontri mal-ġustizzja dwar droga.[26]

4. Fis-seduta tal-4 ta' Marzu 2014 xehed **PS 891 Christopher Baldacchino** li jgħid illi fil-11 ta' Jannar 2014, kienu qed jagħmlu osservazzjoni fuq residenza f'San Pawl il-Baħar, ossia *Residential Court*, Flat 15, Triq il-Korp tal-Pijunieri, San Pawl il-Baħar fuq ċertu Brian Godfrey Bartolo. Jgħid illi kienu jafu li Bartolo kien qed jagħmel użu minn vettura tal-għamla Chevrolet Matiz bin-numru ta' reġistrazzjoni FDK 483. Wara xi ħin ta' osservazzjoni ġew innutati żewġ persuni ħerġin mir-residenza, liema persuni marru ħdejn il-vettura. Jixhed illi l-imputat odjern fetaħ il-vettura min-naħa tax-xufier u l-persuna l-oħra, li kienet miegħu, fetaħ il-vettura min-naħa tal-passiġġier. Jixhed ukoll illi dawn reġgħu għalqu l-vettura, baqgħu jitkellmu għal xi ħin u wara li ħadu b'idejn xulxin infirdu. Jgħid illi hawnhekk għaddew għall-arrest tal-persuna li kien mal-imputat li rriżulta li kien ċertu Unai Lamel Zameta ta' nazzjonalita` Spanjola u li waqt tfittxija fuq il-persuna tiegħu, instabu tlett elef u erba' mitt ewro (€3,400) fi flus kontanti. Jgħid ukoll illi Zameta kien qed iġorr basket fuq dahru, li kien jikkontjeni żewġ nuċċalijiet tax-xemx, żewġ *mobile phones* u biċċa *wire* aħmar. Fl-istess waqt li ġie arrestat Zameta, membri oħra mill-Iskwadra kontra d-Droga waqqfu lill-imputat odjern. Ix-xhud ikompli jgħid illi l-għada, saret tfittxija ġewwa l-appartament tal-imputat, 'Azur Water', Flat 1, Triq San Pawl, San Pawl il-Baħar, fil-presenza tiegħu u ta' ċertu Paul Borg, li kien jgħix miegħu, u fil-kexxun tal-komodina fil-kamra tas-sodda kien hemm kaxxa tal-kartun, li kien fiha kaxxa tal-ħadid, li kienet tikkontjeni sitt boroż b'sustanza suspettata *cannabis grass*, diversi *crushers* u miżien elettroniku. Instabet ukoll ittra b'*letterhead* ta' Brian Godfrey Bartolo.[27]

   **PS 891 Oscar Baldacchino** reġa' xehed fis-seduta tal-10 ta' April 2014, u jgħid illi wara l-arrest tal-imputat odjern u ta' Zumeta, ġie arrestat ukoll Brian Godfrey Bartolo mir-residenza fejn kienet qed issir l-osservazzjoni u minn fejn kienu raw lill-imputat u lil Zumeta ħerġin iżjed kmieni. Jixhed illi Bartolo deher ħiereġ mir-residenza b'tifla f'idu u ġie mwaqqaf, u f'*pouch* li kien qed iġorr instabu ħames *sachets* b'sustanza suspettata kokaina u xi *sachet* b'sustanza suspettata *cannabis*. Sussegwentement saret tfittxija fl-appartament ta' Bartolo, Flat 15, Residential Court, Triq il-Korp tal-Pijunieri, Buġibba minn fejn ġew elevati diversi oġġetti relatati mad-droga, fosthom

[26] A fol. 415 *et seq* tal-proċess.
[27] Ara din ix-xhieda a fol. 67 *et seq* tal-proċess.

imwieżen diġitali, ammonti ta' droga kokaina u *cannabis* u ammonti konsiderevoli ta' flus, arma tan-nar, munizzjoni u oġġetti oħra relatati mad-droga.[28]

5. Fis-seduta tal-4 ta' Marzu 2014, **PS 239 Joseph Caruana** u **PC 813 Clinton** Vella, maħtura fil-mori tal-inkjesta li saret mill-Maġistrat Dr. Ian Farrugia bħala *Scene of Crime Officers* (ara paragrafu 2 *supra* u d-digriet fil-proċess verbal tal-istess inkjesta, a fol. 31 tal-proċess) esebew kopja tar-relazzjoni tagħhom rigward sejba ta' sustanza suspettata droga u oġġetti konnessi mal-abbuż tad-droga ġewwa l-fond bin-numru 10/11, Residential, Block B, Flat No. 15, Triq il-Pijunieri, Buġibba nhar il-11 ta' Jannar 2014 bħala Dok. JC/CV.[29]

   Mill-istess relazzjoni jirriżulta illi huma aċċedew ġewwa l-imsemmi fond għall-ħabta tas-7.00 p.m. u hemmhekk ġew mgħoddija, mill-Ispettur Malcolm Bondin, xi oġġetti li allegatament kienu nstabu fuq il-persuna ta' Brian Godfrey Bartolo. Dawn l-oġġetti ġew fotografati minn PS 239 Joseph Caruana u elevati minn PC 813 Clinton Vella, kif jirriżulta mill-istess relazzjoni.[30]

   Skont l-istess relazzjoni, fuq il-post ġew indikati lil PS 239 u PC 813 mill-membri tal-Iskwadra kontra d-Droga, diversi oġġetti li kienu nstabu waqt it-tfittxija li saret minnhom fl-istess residenza. Fir-rigward PS 239 Joseph Caruana ġibed numru ta' ritratti, filwaqt illi PC 813 Clinton Vella eleva dawn l-oġġetti, kif jirriżulta mill-istess relazzjoni.[31]

   Jirriżulta in oltre mill-istess relazzjoni illi għall-ħabta tal-10.20 p.m., PS 239 Joseph Caruana u PC 813 Clinton Vella aċċedew ġewwa garaxx mingħajr numru fi Triq Dun Alvaro de Sande, Mosta, fejn preżenti kien hemm ukoll Brian Godfrey Bartolo. Fil-fond, ġew indikati lilhom diversi oġġetti li kienu nstabu waqt tfittxija mill-membri tal-Iskwadra kontra d-Droga. Hawnhekk PS 239 ġibed nurmu ta' ritratti, filwaqt illi PC 813 Clinton Vella eleva dawn l-oġġetti.[32]

---

[28] Ara a fol. 91 *et seq* tal-proċess.
[29] Ara din ix-xhieda a fol. 73 *et seq* tal-proċess.
[30] Ara paġni 3 u 4 tar-relazzjoni.
[31] Ara paġi 5 sa 8 tar-relazzjoni.
[32] Ara paġni 10 sa 12 tar-relazzjoni.

Mill-istess relazzjoni jirriżulta wkoll illi d-dokumenti hemmhekk indikati ġew mgħoddija lix-Xjenzat Godwin Sammut għall-analizi tiegħu nhar it-13 ta' Jannar 2014.[33]

6. Fis-seduta tal-10 ta' April 2014, **il-Brigadier Maurice Calleja** u **PS 602 Jonathan Attard**, maħtura fil-mori tal-inkjesta li saret mill-Maġistrat Dr. Ian Farrugia bħala espert ballistiku u *Scene of Crime Officer (ballistics)* rispettivament (ara d-digriet fil-proċess verbal tal-istess inkjesta, a fol. 31 tal-proċess), esebew ir-relazzjoni tagħhom bħala Dok. MC/JA dwar sejba ta' pistola, *revolver* u munizzjon fil-11 ta' Jannar 2014 fil-lok Nru. 10/11, Residential, Block B, Flat No. 15, Pioneer Road, Buġibba waqt tfittxija relatata mad-droga.[34]

7. Fl-istess seduta tal-10 ta' April 2014, **PC 1589 Tarik Shaik** jixhed illi fil-11 ta' Jannar 2014, kienu qed jagħmlu osservazzjoni fuq fond bl-isem ta' Residential Court, Flat 15, Triq il-Pijunieri, Buġibba, fejn wara ħin twil ta' osservazzjoni, innutaw żewġ persuni ħerġin mill-istess blokka u bdew resqin lejn vettura bin-numru ta' reġistrazzjoni FDK 483 tal-għamla Matiz, li kienet qed tintuża minn Brian Godfrey Bartolo u kienet ipparkjata fl-istess triq. Jgħid illi dawn fetħu l-bieba tal-vettura u bdew deħlin fiha, iżda għal xi raġuni ma daħlux u baqgħu jitkellmu bejniethom, ħadu b'idejn xulxin, tgħannqu u telqu. Wieħed minn dawn il-persuni kien l-imputat. Jgħid in oltre illi wara li tbiegħdu minn xulxin, l-imputat reġa' lura u deher dieħel fil-blokka, filwaqt li l-ieħor baqa' sejjer għal triqtu. Dan tal-aħħar, li rriżulta li kien Unai Zameta, ta' nazzjonalita` Spanjola, ġie mwaqqaf, saritlu tfittxija u minn fuqu ġiet elevata s-somma ta' tlett elef u erba' mitt ewro (€3,400. Ix-xhud ikompli jixhed illi ftit wara ġew arrestati wkoll l-imputat odjern, Etienne Ciantar, li skont ix-xhud inqeda mingħand Brian Godfrey Bartolo u eventwalment l-istess Bartolo. L-għada, 12 ta' Jannar 2014, marru ġewwa 'Azur Waters' fi Triq San Pawl il-Baħar, fejn jirrisjedi l-imputat u fejn saret tfittxija fil-presenza tiegħu u tal-*flatmate* tiegħu, ċertu Paul Borg. It-tfittxija fuq il-persuna ta' Borg u tal-kamra tiegħu rriżultat fin-negattiv. Mill-kamra tal-imputat, minn komodina, ġiet elevata kaxxa tal-kartun b'*safe*, li kellha *sealable bags* trasparenti b'sustanza kannella suspettata raża tal-*cannabis* u *sealable bags* oħra b'sustanza ħadranija suspettata pjanta tal-*cannabis*. Minn fuq il-*coffee table* ġew elevati żewġ *crushers* bit-traċċi, u minn fuq il-*unit* tat-

[33] Ara paġna 20 tar-relazzjoni.
[34] Ara x-xhieda tal-esperti a fol. 85 *et seq* tal-proċess u r-relazzjoni esebita a fol. 87 *et seq* tal-proċess.

televixin, ġew elevati miżien bi traċċi, żewġ *mobile phones*, u *letterhead* bl-isem ta' Brian Bartolo fuqha.[35]

8. Fis-seduta tal-10 ta' April 2014, ġew esebiti wkoll ħames proċessi verbali:

   i. Proċess verbal dwar xhieda ġuramentata ta' **Jason Grima** ai termini tal-Artikolu 24A(12) tal-Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta meħuda fit-12 ta' Jannar 2014, redatt mill-Maġistrat (illum l-Onor. Imħallef) Dr. Edwina Grima;[36]

   ii. Proċess verbal dwar xhieda ġuramentata ta' **Brian Godfrey Bartolo** ai termini tal-Artikolu 24A(12) tal-Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta meħuda fit-13 ta' Jannar 2014, redatt mill-Maġistrat Dr. Edwina Grima;[37]

   iii. Proċess verbal dwar xhieda ġuramentata ta' **Etienne Ciantar** ai termini tal-Artikolu 24A(12) tal-Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta meħuda fil-11 ta' Jannar 2014, redatt mill-Maġistrat Dr. Edwina Grima;[38]

   iv. Proċess verbal dwar xhieda ġuramentata ta' **Jose` Ramon Garate Lasarte** detentur tal-karta tal-identita` Spanjola numru 15245095(M) meħuda nhar it-18 ta' Jannar 2014, redatt mill-Maġistrat (illum l-Onor. Imħallef) Dr. Consuelo Scerri Herrera;[39]

   v. Proċess verbal dwar xhieda ġuramentata ta' **Jose` Ramon Garate Lasarte** ai termini tal-Artikolu 24A(12) tal-Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta, meħuda fit-13 ta' Jannar 2014, redatt mill-Maġistrat Dr. Edwina Grima.[40]

9. Fis-seduta tal-10 ta' April 2014, **PS 579 Antoine Micallef** jixhed illi fil-11 ta' Jannar 2014, għall-ħabta tal-5.00 p.m, hu flimkien ma' PS 1174 waqqfu lill-imputat odjern fi Triq il-Pijunieri, Buġibba u minn fuqu elevaw xi weraq suspettat tal-*cannabis* u ammont ta' flus, li għaddewhom lill-Ispettur Bondin. Muri Dok. MB 2, ix-xhud jikkonferma li dan kien il-weraq li kien fil-but tal-imputat, filwaqt illi Dok. MB 1 kienu l-flus li nstabu fil-pussess tiegħu. Jixhed

[35] A fol. 93 *et seq* tal-proċess.
[36] A fol. 98 *et seq* tal-proċess.
[37] A fol. 122 *et seq* tal-proċess.
[38] A fol. 143 *et seq* tal-proċess.
[39] A fol. 158 *et seq* tal-proċess.
[40] A fol. 167 *et seq* tal-proċess.

in oltre illi iżjed tard saret tfittxija fir-residenza ta' Brian Bartolo ossia fil-fond 10/11, Flat 15, Triq il-Pijunieri, Buġibba u jispjega x'instab fl-istess fond ossia sustanza suspettata weraq tal-*cannabis*, imwieżen elettroniċi, flus kontanti, trab abjad u arma tan-nar. Jixhed ukoll illi l-għada għall-ħabta tad-9.00 a.m. marru fl-akkwati ta' Triq ir-Ramel, Buġibba, fejn kellhom suspett li qed jirrisjedi ċertu Zumata Unai, Spanjol, u hemmhekk iċċekkjaw ma' Blue Sea Hotel, fejn sabu li kellu kamra. Fil-kamra bin-numru 3629 sabu lil ċertu Ramon Jose` u hekk kif daħlu xammew riħa qawwija ta' *cannabis.* Jixhed illi taħt il-bieb kien hemm xugamani bojod u f'bagalja, li kienet tinsab fin-nofs tal-kamra u li kien jidher li kellha qiegħ falz, kien hemm ammont ta' boroż bil-ħaxixa. Minn kexxun fl-istess kamra, ġiet elevata wkoll borża kontenenti weraq suspettat *cannabis.*[41]

10. Fis-seduta tal-14 ta' Mejju 2014, **l-Ispettur Dennis Theuma** jixhed illi huwa assista fl-istqarrija li ttieħdet lill-imputat, wara li l-istess imputat ingħata s-solita twissija skont il-liġi, u għażel li ma jeżerċitax il-jedd tiegħu li jottjeni parir legali.[42]

Fis-seduta tas-7 ta' Awwissu 2014, **l-Ispettur Dennis Theuma** reġa' ħa l-pedana tax-xhieda u xehed illi fil-11 ta' Jannar 2014, kienet għaddejja operazzjoni mill-Iskwadra kontra d-Droga ġewwa Buġibba, u illi bħala riżultat ta' din l-investigazzjoni ġew arrestati diversi persuni, in konnessjoni ma' allegat bejgħ u xiri tal-pjanta tal-*cannabis*, fosthom Brian Godfrey Bartolo, Etienne Ciantar, Unai Lacalle Zumeta, Jose` Ramon La Sarate u l-imputat odjern. Dan tal-aħħar kien irrilaxxja stqarrija fl-uffiċju tiegħu, fil-presenza ta' WPS 238, u dan wara li ngħata s-solita twissija skont il-liġi, u d-dritt li jottjeni parir legali qabel l-interrogatorju tiegħu, liema dritt huwa għażel li ma jeżerċitahx. L-Ispettur Theuma jixhed ukoll illi l-imputat għażel li jikkonferma l-istqarrija tiegħu bil-ġurament quddiem il-Maġistrat Dr. Edwina Grima fit-12 ta' Jannar 2014, għal-liema madankollu huwa ma kienx preżenti.

**In kontro-eżami**, l-Ispettur Theuma jikkonferma illi l-imputat ikkopera bis-sħiħ mal-Pulizija u illi għandu jibbenefika mill-Artikolu 29 tal-Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta.[43]

---

[41] A fol. 187 *et seq* tal-proċess.
[42] A fol. 197 *et seq* tal-proċess.
[43] Ara a fol. 249 *et seq* tal-proċess.

**L-Assistent Kummissarju Dennis Theuma** reġa' xehed in kontro-eżami fis-seduta tal-31 ta' Jannar 2018. Huwa jikkonferma illi fiż-żmien tal-istqarrija rilaxxjata mill-imputat, ma kienx viġenti l-jedd fil-liġi Maltija għall-assistenza legali waqt l-istess stqarrija u għalhekk l-imputat ma ngħatax dan il-jedd. Ikkonferma wkoll illi l-imputat kellu jibbenefika mill-Artikolu 29 tal-Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta. Jikkonferma in oltre illi fiż-żmien tal-arrest tiegħu, l-imputat kellu l-vizzju tad-droga.[44]

11. Fis-seduta tal-14 ta' Mejju 2014, **PC 1348 Joseph Campbell** jixhed illi fil-11 ta' Jannar 2014 kienu qed jagħmlu xi xogħol ta' osservazzjoni fuq Brian Bartolo ġewwa Buġibba u illi għall-ħabta tal-5.15 p.m., ħdejn iċ-ċinema, fit-triq li fiha kien joqgħod Bartolo, innota lil Jason Grima, li kien nieżel fid-direzzjoni tal-appartament ta' Bartolo. Dan ġie mwaqqaf u fuqu nstabu ammont żgħir ta' ħaxixa u xi flus, ġie arrestat u għaddewh lill-kollegi tagħhom sabiex huma jkomplu bl-osservazzjoni fuq ir-residenza ta' Bartolo. Jixhed ukoll illi għall-ħabta tal-5.30 p.m. ċertu Etienne Ciantar ġie nnutat ħiereġ mir-residenza u twaqqaf. Jgħid illi f'idu, Ciantar kellu basket tal-karti kannella, li kien fih ammont sostanzjali ta' ħaxix suspettat *cannabis grass*. Iżjed tard għall-ħabta tas-5.45 p.m., ġie nnutat ħiereġ Brian Godfrey Bartolo, li f'idu kellu *pouch* u tarbija u marru fuqu, ġie arrestat u saret tfittixja fir-residenza tiegħu. Iżjed tard marru f'garaxx fil-Mosta, li jappartjeni lil Bartolo u li kien qalilhom bih hu stess. Jixhed illi Bartolo stess kien qalilhom li hemm kellu iżjed affarijiet, fosthom arma, xi ħaxixa, u affarijiet oħra relatati mad-droga. Jixhed ukoll illi ġew arrestati żewġ persuni oħra, wieħed li kienu qed jirreferu għalih bħala l-Ispanjol u ieħor bħala ċ-Ċiniż. Dan tal-aħħar ġie arrestat fit-12 ta' Jannar 2014. Jixhed in oltre illi l-Ispanjol ma riedx jgħidilhom fejn kien joqgħod u wara xi stħarriġ, skoprew li kien qed jirrisjedi Buġibba, ġewwa lukanda bl-isem 'Blue Sea'. Fit-12 ta' Jannar 2014, mar ma' kollegi tiegħu f'din il-lukanda, u wara li wrew ritratt tal-Ispanjol lir-*receptionist*, din ikkonfermat li kien f'dik il-lukanda flimkien ma' persuna oħra. Telgħu fil-kamra u hemmhekk sabu lil dak li kienu qed jirreferu għalih bħala ċ-Ċiniż. Jixhed illi fil-kamra, kien hemm xugamani mal-bieb ta' barra u illi sabu żewġ bagalji bil-qiegħ falz, waħda mil-liema kienet mimlija b'sustanza suspettata *cannabis grass*.[45]

12. Fis-seduta tal-14 ta' Mejju 2014 **PS 839 Stephen Micallef** jixhed illi fil-11 ta' Jannar 2014, kienu qegħdin *night watch* u assistew fi tfittxija li saret

---

[44] A fol. 426 *et seq* tal-proċess.
[45] A fol. 200 *et seq* tal-proċess.

ġewwa appartament ta' Brian Godfrey Bartolo f'Buġibba, limiti ta' San Pawl il-Baħar. Huwa ma ħax sehem f'din it-tfittxija, iżda wara kellu struzzjonijiet sabiex jassisti ġewwa garaxx fi Triq Dun Alvaro de Sande, il-Mosta, fejn Bartolo kien għadda lill-uffiċjal li kien qed jagħmel it-tfittxija, basket b'xi droga ħaxixa u xi ammont ta' flus. Jixhed illi eskortaw lil Bartolo bil-vettura tal-kiri bin-numru ta' reġistrazzjoni FDK 483 u li fl-istess vettura nstabet xi sustanza suspettata ħaxixa. L-għada kellhom struzzjonijiet sabiex jagħmlu tfittxija ġewwa residenza u garaxx ta' Etienne Ciantar fi Triq tal-Qarbuni, San Pawl il-Baħar, fejn ma nstab xejn.[46]

13. Fis-seduta tal-14 ta' Mejju 2014 **PC 773 Ryan Tonna** xehed illi fil-11 ta' Jannar 2014 kienu marru l-Mosta fejn kienet qed issir tfittxija fil-garaxx ta' Brian Bartolo. Minn hemm hu u PS 839 niżlu ġewwa l-Kwartieri Ġenerali tal-Pulizija fil-vettura FDK 483 u għamlu tfittxija fil-vettura, fejn sabu biċċa pjanta suspettata *cannabis* u elevaw *camera* tal-għamla Sony. Dawn ġew mgħoddija lill-Ispettur Dennis Theuma. L-għada għamlu tfittxija fid-dar u fil-garaxx ta' Etienne Ciantar li rriżultat fin-negattiv.[47]

14. Fis-seduta tad-29 ta' Mejju 2014, **PS 1174 Adrian Sciberras** xehed illi fil-11 ta' Jannar 2014 kellu struzzjonijiet sabiex imur Triq il-Korp tal-Pijunieri, Buġibba, fejn kellhom josservaw lil ċertu Brian Godfrey Bartolo. Ġie nfurmat ukoll illi dan kien qiegħed fil-kumpanija ta' ċertu Jason Grima. Jixhed illi huwa kien qiegħed ħdejn iċ-ċinema, ftit l-isfel mir-residenza ta' Bartolo u hemmhekk ossia ħdejn iċ-ċinema, huwa ra lil Jason Grima għaddej bil-pass. Dan ġie mwaqqaf. Hekk kif kienu ser jibdew it-tfittxija fuqu, dan daħħal idu fil-but, u kif ħariġha waqqa' pakkett żgħir li kien fih sustanza suspettata ħaxixa. Grima ġie arrestat, iżda hu baqa' fuq il-post sabiex jistennew lil Bartolo joħroġ mir-residenza tiegħu. Waqt li kien għadu għassa mar-residenza ta' Bartolo, mill-bieb komuni tal-appartamenti ħareġ żgħażugħ ieħor, ċertu Etienne Ciantar, li f'idu kellu basket tal-karti li kien jikkontjeni ammont sostanzjali ta' sustanza suspettata ħaxixa. Jixhed in oltre illi ftit tal-minuti wara ħareġ Bartolo, li fuqu kellu *pouch* li kien fih sustanza suspettata ħaxixa, u illi meta daħlu fl-appartament, instabu ammont sostanzjali ta' sustanza suspettata ħaxixa, trab abjad suspettat kokaina, żewġ armi u ammont sostanzjali ta' flus.[48]

---

[46] A fol. 203 *et seq* tal-proċess.
[47] A fol. 205 tal-proċess.
[48] A fol. 208 *et seq* tal-proċess.

15. Fis-seduta tad-29 ta' Mejju 2014, **PS 612 Theo Vella**, maħtur bħala *Scene of Crime Officer* fil-mori tal-inkjesta li saret dwar dan il-każ (ara d-digriet a fol. 31 tal-proċess) esebixxa kopja tar-relazzjoni konġunta tiegħu u ta' PC 910 Sean Pace dwar sebja ta' sustanza suspetatta *cannabis* misjuba ġewwa kamra 3629, Blue Sea, San Anton Hotel & Apartments, Triq ir-Ramel, San Pawl il-Baħar u sustanza suspettata droga u oġġetti relatati mad-droga mgħoddija mill-Ispettur Dennis Theuma ġewwa l-uffiċju tiegħu, GHQ, Floriana, nhar it-12 ta' Jannar 2014, liema relazzjoni ġiet esebita bħala Dok. TV 1. Ix-xhud esebixxa wkoll bagalja formalment bħala Dok. TV.[49]

Mill-istess relazzjoni jirriżulta illi nhar it-12 ta' Jannar 2014, PS 612 u PC 910 aċċedew ġewwa l-fond imsemmi f'San Pawl il-Baħar, fejn fost diversi uffiċjali mill-Iskwadra kontra d-Droga kien hemm żewġ persuni ta' nazzjonalita` Spanjola u ċioe` Unai Lacalle Zumeta (A7245451200) u Jose Ramon Garate Lasarte (T15245095M). Fil-kamra in kwistjoni, ġie indikat lilhom kexxun li fih kien hemm borża lewn abjad b'xi ħaxixa suspettata *cannbis* u żewġ bagalji; waħda ta' lewn griż skur bil-kliem *American Uni* fuqha, li kellha qiegħ falz u li fiha kien hemm diversi boroż b'ammont sostanzjali ta' ħaxixa suspettata *cannabis* u l-oħra ta' lewn iswed, bil-kliem *Delsey* fuqha, li fil-qiegħ tagħha kien hemm traċċi ta' trab abjad. Mill-istess relazzjoni jirriżulta wkoll illi din is-sustanza kienet issiġillata f'boroż tal-plastik u mgeżwra ġo diversi boroż oħra. Fil-waqt illi PC 910 Sean Pace ġibed ritratti ta' dawn l-oġġetti, PS 612 Theo Vella eleva diversi oġġetti suspettati droga u relatati mal-każ odjern, liema oġġetti ġew deskritti u dokumentati minnu, kif jirriżulta mir-relazzjoni.

Jirriżulta wkoll mill-istess relazzjoni illi nhar it-12 ta' Jannar 2014, għall-ħabta ta' nofsinhar, PS 612 u PC 910 ġew mitluba sabiex jaċċedu ġewwa l-uffiċju tal-Ispettur Dennis Theuma sabiex jittieħdu xi ritratti u jiġu mgħoddija lilhom xi oġġetti suspettati droga u oġġetti relatati mad-droga, konnessi mal-każ odjern. Għaldaqstant huma aċċedew fl-istess uffiċju, fejn preżenti kien hemm l-Ispettur Theuma, WPS 239 u ċertu Jason Grima (ID 574082(M). Dawn l-oġġetti ġew deskritti u dokumentati minn PS 612 Theo Vella bis-segwenti mod:

| | |
|---|---|
| Dok. 14 ACC 212 | Oġġetti relatati mad-droga mgħoddija mill-Ispettur D. Theuma ġewwa l-uffiċju tiegħu – evidence bag B00957964; |

[49] Ara x-xhieda a fol. 210 tal-proċess.

| | |
|---|---|
| Dok. 14 ACC 213A | *Cash box* lewn griża sgassat kontenenti ammont sostanzjali ta' boroż mgħoddija mill-Ispettur Dennis Theuma ġewwa l-uffiċju tiegħu; |
| Dok. 14 ACC 213 B | Sustanza suspettata droga; 9 biċċiet blokka, ħaxixa, żerriegħa u xi boroż b'xi traċċi fiha mgħoddija mill-Ispettur Dennis Theuma ġewwa l-uffiċju tiegħu – *evidence bag* B00957877. |

Ritratti ta' dawn l-oġġetti jinsabu fil-faxxikolu fotografiku anness mal-istess relazzjoni, liema ritratti ġew immarkati bħala 14ACC 164 sa 14ACC 175.

Mill-istess relazzjoni jirriżulta wkoll illi nhar il-15 ta' Jannar 2014, PS 612 Theo Vella għadda diversi esebiti lill-espert ix-Xjenzat Godwin Sammut, fosthom 14 ACC 212, 14 ACC 213A u 14 ACC 213B. Fl-istess jum, PS 612 għadda wkoll diversi esebiti lill-espert għall-impronta diġitali, PS 659 Jeffrey Hughes, kif jirriżulta mill-istess relazzjoni.

16. Fis-seduta tas-7 ta' Awwissu 2014, **PC 910 Sean Pace** maħtur bħala *Scene of Crime Officer* fil-mori tal-inkjesta li saret dwar dan il-każ (ara d-digriet a fol. 31 tal-proċess) ikkonferma r-relazzjoni tiegħu flimkien mal-faxxikolu tar-ritratti, in konnessjoni ma' biċċa xogħol ġewwa San Pawl il-Baħar, Blue Sea, San Anton Hotel & Apartments.[50]

17. Fis-seduta tad-29 ta' Mejju 2014, **PS 659 Jeffrey Hughes** maħtur bħala *Scene of Crime Officer* (*fingerprints*) fil-mori tal-inkjesta dwar il-każ (ara d-digriet, a fol. 31 tal-proċess) esebixxa r-relazzjoni tiegħu rigward sejba ta' sustanza b'suspett li hija droga tal-abbuż fil-kamra numru 3629, Blue Sea Resort, Triq ir-Ramel, San Pawl il-Baħar, nhar it-12 ta' Jannar 2014, liema relazzjoni ġiet esebita bħala Dok. JH.[51] Mill-istess relazzjoni jirriżulta illi huwa ġie mgħoddi numru ta' dokumenti minn PS 612 Theo Vella, ilkoll dokumenti elevati mill-kamra 3629 fuq imsemmija. Mir-relazzjoni jirriżulta wkoll illi ġew żviluppati mpronta minn fuq numru ta' dokumenti. Ir-ritratti tad-dokumenti ossia l-boroż li ġew analizzati għall-impronta u tal-impronta żviluppati jifformaw parti minn din ir-relazzjoni.

[50] Ara a fol. 253 tal-proċess.
[51] Ara x-xhieda a fol. 212 tal-proċess.

L-istess **PS 659 Jeffrey Hughes** reġa' ħa l-pedana tax-xhieda fis-seduta tal-4 ta' Settembru 2014 u skont il-verbal tal-istess seduta, esebixxa Dok. JH, li jirriżulta li hija r-relazzjoni tiegħu dwar sejba ta' sustanza b'suspett li hija droga tal-abbuż fil-fond numru 10/11 Residential Block B, Flat 15, Pioneer Road, Buġibba nhar il-11 ta' Jannar 2014 u fond kamra numru 3629, Blue Sea Resort, Triq ir-Ramel, San Pawl il-Baħar nhar it-12 ta' Jannar 2014.[52] Mill-istess relazzjoni jirriżulta illi nhar it-12 ta' Ġunju 2014, huwa aċċeda l-Qorti, kif preseduta mill-Maġistrat Dr. Miriam Hayman u irtira pakkett issiġillat sabiex jeżamina l-kontenut tiegħu għall-impronti diġitali. Jirriżulta wkoll illi fl-istess pakkett huwa sab diversi *envelopes* issiġillati, li lkoll kienu jikkontjenu boroż tal-plastik vojta (appartli 018-14-12FP li kien jikkontjeni wkoll *foil*, 018-14-23FP li kien jikkontjeni borża tad-drapp ta' lewn griż, biċċa plastik u borża tal-plastik vojta, 018-14-25FP li kien jikkontjeni pakkett tal-kartun b'diversi kliem fuqu fosthom 'MONKS EXTREME LIMONE' u borża tal-plastik u 018-14-31FP li kien jikkontjeni basket tal-karti ta' lewn kannella u żewġ boroż tal-plastik). Ir-relazzjoni tikkontjeni wkoll ritratti ta' dawn id-dokumenti u tal-impronta li ġew żviluppati.

18. Fis-seduta tad-29 ta' Mejju 2014, **Dr. Martin Bajada**, maħtur minn din il-Qorti kif diversament preseduta b'digriet tat-23 ta' Jannar 2014[53], sabiex jirtira Dok. MB 1, Dok. MB 2 u Dok. MB 3, esebiti fl-istess seduta mill-Ispettur Malcolm Bondin u dan bil-għan illi "*jestratta mill-istess kull informazzjoni hemm miżmuma nkluż call profiles, smss, e-mails, ritratti eċċ. għas-sena tad-data retention kollha*", esebixxa r-relazzjoni tiegħu, li ġiet immarkata bħala Dok. MB.[54]

19. Fl-istess seduta tad-29 ta' Mejju 2014, **Joseph Mallia** maħtur bħala espert minn din il-Qorti kif diversament preseduta, b'digriet tal-istess jum, sabiex jieħu l-impronti tal-imputat u jagħmel eżami komparattiv mar-relazzjoni esebita mill-espert PS 659 Jeffrey Hughes bħala Dok. JH fl-istess seduta, għadda sabiex jieħu l-impronti diġitali u tal-palmi tal-idejn tal-imputat odjern, immarkati bħala Dok. JM u Dok. JM 1 rispettivament u rtira l-istess dokumenti flimkien mal-imsemmi Dok. JH għall-fini tal-eżami komparattiv.[55]

Fis-seduta tat-3 ta' Lulju 2014, **l-espert Joseph Mallia** esebixxa r-relazzjoni tiegħu, Dok. JM 2, u xehed illi filwaqt illi kien hemm impronta tajbin u oħrajn

---

[52] Ara l-verbal a fol. 259 tal-proċess, kif ukoll ir-relazzjoni f'*envelope* separat.
[53] Ara a fol. 15 u 16 tal-proċess.
[54] Ara din ix-xhieda a fol. 214 u 215 tal-proċess.
[55] Ara a fol. 207 u 216 *et seq* tal-proċess.

li ma kinux tajbin għall-fini ta' komparazzjoni, minn dawk li kienu tajbin, l-ebda waħda ma qablet mal-impronta tal-imputat odjern.[56]

Fis-seduta tal-4 ta' Settembru 2014, din il-Qorti kif diversement preseduta ħatret lil **Joseph Mallia** bħala espert sabiex jirtira Dok. JM u Dok. JM 1, kif ukoll Dok. JH esebit minn PS 659 Jeffrey Hughes fl-istess seduta, sabiex jagħmel eżami komparattiv bejn l-impronta tal-imputat u dawk riżultanti mill-istess Dok. JH.[57]

Fis-seduta tat-30 ta' Settembru 2014, l-istess **espert Joseph Mallia** esebixxa r-relazzjoni tiegħu mmarkata bħala Dok. JM, u dan filwaqt li xehed illi kien hemm impronta tajbin għall-fini ta' komparazzjoni u oħrajn li ma kinux tajbin għal dan il-għan, iżda mill-impronta li kienu tajbin għall-komparazzjoni, l-ebda waħda ma qablet ma' dawk tal-imputat odjern.[58]

20. Fis-seduta tat-3 ta' Lulju 2014, **ix-Xjenzat Godwin Sammut** maħtur minn din il-Qorti kif diversament preseduta, b'żewġ digrieti, wieħed tat-23 ta' Jannar 2014 "*sabiex jezamina l-mizien esebit bhala Dok. MB*"[59] u ieħor tal-10 ta' April 2014 "*sabiex jirtira Dok MB 2 u janalizza l-istess u jaghti l-valur tal-istess*"[60], esebixxa r-relazzjoni tiegħu, immarkata bħala Dok. GS. Huwa jixhed *inter alia* illi l-valur tad-droga kien ta' €11.50 u ċioe` skont ir-relazzjoni tiegħu, bil-prezz ta' €25 il-gramma.[61]

Minn din ir-relazzjoni jirriżulta illi sabiex jespleta l-inkarigu lilu mogħti, huwa ngħata *envelope* kannella mingħand id-Deputar Reġistratur B. Mifsud, liema dokument kien jikkontjeni s-segwenti:

i. *Envelope* kannella mmarkat **DOK MB2** li fih: (1) **borża tal-plastik trasparenti li fiha: karta bil-kliem Data <u>11-01-14</u> Hin <u>5.30pm</u> Elevat/i minn fuq <u>il-persuna ta' Jason Grima</u> fil-preżenza ta' <u>Jason Grima</u> minn <u>PS579, PS1174</u> u biċċiet ta' ħaxix ta' lewn aħdar**. Dan ingħata l-kodiċi tal-laboratorju 160_14_01.

---

56 Ara din ix-xhieda a fol. 236 *et seq* tal-proċess.
57 Ara a fol. 259 tal-proċess.
58 Ara din ix-xhieda a fol. 261 *et seq* tal-proċess u r-relazzjoni f'*envelope* separat li tiskorri minn fol. 1 sa fol. 27.
59 Ara a fol. 15 tal-proċess.
60 Ara a fol. 81 tal-proċess.
61 Ara x-xhieda a fol. 221 *et seq* tal-proċess u r-relazzjoni esebita a fol. 223 *et seq* tal-proċess.

ii. *Envelope* kannella mmarkat **DOK MB** li fih: ***Evidence bag* bin-numru S00165630 li fih (i) karta bil-kliem Data: <u>12/01/14</u> Hin: <u>11.00hrs</u> Elevat/i minn <u>fuq TV unit</u> fil-preżenza ta' Jason Grima I.D. 574082(M) minn <u>PS891 PC1589</u> (ii) sikkina (iii) miżien (iv) 2 boroż tal-plastik trasparenti vojta**. Dan ingħata l-kodiċi tal-laboratorju 160_14_02.

Mill-istess relazzjoni, jirriżulta illi l-espert ikkonkluda bis-segwenti mod dwar dawn id-dokumenti:

(a) Illi fuq estratt meħud mill-ħaxix ta' lewn aħdar li hemm fid-dokument 160_14_01 instabet is-sustanza ***<u>Tetrahydrocannabinol</u>***. Il-piż total tal-ħaxix kien ta' **<u>0.46 grammi</u>**. Din is-sustanza tiġi mill-pjanta tal-kannabis u hija kkontrollata bil-liġi taħt Taqsima III, Sezzjoni 8 tal-Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta.

(b) Illi fuq *swabs* mill-miżien u mis-sikkina li hemm fid-dokument 160_14_02 ma nstabitx droga.

Fis-seduta tat-8 ta' Marzu 2016, reġa' xehed **ix-Xjenzat Godwin Sammut**, maħtur bħala xjenzat forensiku fil-mori tal-inkjesta dwar dan il-każ (ara d-digriet a fol. 31 tal-proċess), li esebixxa vera kopja tar-relazzjoni tiegħu fl-istess inkjesta dwar is-sejba ta' sustanza suspettata droga ġewwa l-fond numru 10/11, Residential, Block B, Flat numru 15, Pioneer Road, Buġibba nhar il-11 ta' Jannar 2014 u ġewwa l-fond numru Room 3269, Blue Sea Resort, Triq ir-Ramel, San Pawl il-Baħar nhar it-12 ta' Jannar 2014, bħala Dok. GS 1.[62]

Minn din ir-relazzjoni jirriżulta illi nhar il-31 ta' Jannar 2014, huwa ngħata numru ta' dokumenti mingħand PC 910 S. Pace ossia s-segwenti:

i) *Evidence bag* bin-numru A02902755 li fih: ħaxixa ta' lewn aħdar (kodiċi tal-laboratorju 018_14_01).

ii) *Evidence bag* bin-numru A02169262 li fih: 5 boroż tal-plastik li kull waħda fiha trab ta' lewn abjad (kodiċi tal-laboratorju 018_14_02). Il-boroż ġew mogħtija lil PS 659 J. Hughes.

[62] Ara x-xhieda tiegħu a fol. 351 *et seq* tal-proċess u din ir-relazzjoni, a fol. 353 *et seq* tal-proċess.

iii) *Evidence bag* bin-numru A02169261 li fih: 3 boroż tal-plastik trasparenti li kull waħda fiha ħaxix ta' lewn aħdar (kodiċi tal-laboratorju 018_14_03). Il-boroż ġew mogħtija lil PS 659 J. Hughes.

iv) *Evidence bag* bin-numru L00222351 li fih: borża tal-plastik trasparenti li fiha ħaxix ta' lewn aħdar (kodiċi tal-laboratorju 018_14_04). Il-borża tal-plastik ġiet mogħtija lil PS 659 J. Hughes.

v) *Evidence bag* bin-numru S00569092 li fih: miżien ta' lewn griż (kodiċi tal-laboratorju 018_14_05).

vi) *Evidence bag* bin-numru B00957860 li fih: miżien bil-kliem '*Hanson'* (kodiċi tal-laboratorju 018_14_06).

vii) *Evidence bag* bin-numru S00569093 li fih: miżien ta' lewn iswed li kien fih xi materjal ta' lewn ħadrani (kodiċi tal-laboratorju 018_14_07).

viii) *Evidence bag* bin-numru S00569094 li fih: borża tal-plastik trasparenti li fiha trab ta' lewn abjad (kodiċi tal-laboratorju 018_14_08). Il-borża tal-plastik ġiet mogħtija lil PS 659 J. Hughes.

ix) *Evidence bag* bin-numru B00957978 li fih: borża tal-plastik trasparenti li fiha ħaxix ta' lewn aħdar (kodiċi tal-laboratorju 018_14_09). Il-borża tal-plastik ġiet mogħtija lil PS 659 J. Hughes.

x) *Evidence bag* bin-numru S00569081 li fih: żewġ boroż tal-plastik trasparenti li fihom trab ta' lewn abjad (kodiċi tal-laboratorju 018_14_10). Il-boroż tal-plastik ġew mogħtija lil PS 659 J. Hughes.

xi) *Evidence bag* bin-numru S00569096 li fih: borża tal-plastik trasparenti li fiha trab ta' lewn abjad (kodiċi tal-laboratorju 018_14_11). Il-borża tal-plastik ġiet mogħtija lil PS 659 J. Hughes.

xii) *Evidence bag* bin-numru S00569096 li fih: biċċa *aluminium foil* li kien fih biċċa plastik u ħaxix ta' lewn aħdar (kodiċi tal-laboratorju 018_14_12). Il-*foil* u l-borża tal-plastik ġew mogħtija lil PS 659 J. Hughes.

xiii) *Evidence bag* bin-numru B00957970 li fih: borża tal-plastik trasparenti li fiha ħaxix ta' lewn aħdar (kodiċi tal-laboratorju 018_14_13). Il-borża tal-plastik ġiet mogħtija lil PS 659 J. Hughes.

xiv) *Evidence bag* bin-numru L00222226 li fih: ħames boroż tal-plastik trasparenti li kull waħda fiha ħaxix ta' lewn aħdar (kodiċi tal-laboratorju 018_14_14). Il-boroż tal-plastik ġew mogħtija lil PS 659 J. Hughes.

xv) *Evidence bag* bin-numru L00222227 li fih: borża tal-plastik trasparenti li fiha trab ta' lewn abjad (kodiċi tal-laboratorju 018_14_15). Il-borża tal-plastik ġiet mogħtija lil PS 659 J. Hughes.

xvi) *Evidence bag* bin-numru B00957971 li fih: kuċċarina tal-metall li kien fiha traċċi ta' lewn abjad u sikkina tal-metall li kien fiha traċċi ta' lewn abjad (kodiċi tal-laboratorju 018_14_16).

xvii) *Evidence bag* bin-numru S00569084 li fih: flixkun żgħir tal-ħġieġ trasparenti li fih xi likwidu trasparenti (kodiċi tal-laboratorju 018_14_17).

xviii) *Evidence bag* bin-numru L00222225 li fih: bott tal-plastik bil-kliem *Kreatine* li fih trab ta' lewn abjad (kodiċi tal-laboratorju 018_14_18).

xix) *Evidence bag* bin-numru S00569085 li fih: bott tal-plastik ta' lewn abjad bil-kliem *Sodium Bicarbonate* (kodiċi tal-laboratorju 018_14_19).

xx) *Evidence bag* bin-numru S00569083 li fih: trab ta' lewn abjad (kodiċi tal-laboratorju 018_14_20). Il-borża tal-plastik ġiet mogħtija lil PS 659 J. Hughes.

xxi) *Evidence bag* bin-numru B00957980 li fih: (i) borma li kien fiha traċċi ta' frak ta' lewn abjad; (ii) borża tal-plastik li fiha xi ħaxix ta' lewn aħdar u (iii) borża oħra tal-plastik li fiha ħaxix ta' lewn aħdar (kodiċi tal-laboratorju 018_14_21). Il-boroż tal-plastik ġew mogħtija lil PS 659 J. Hughes.

xxii) *Evidence bag* bin-numru D00177686 li fih: bagalja tal-plastik ta' lewn sewda li fiha 4 boroż tal-plastik li fihom ħaxix ta' lewn aħdar (kodiċi tal-laboratorju 018_14_22). Il-boroż tal-plastik ġew mogħtija lil PS 659 J. Hughes.

xxiii) *Evidence bag* bin-numru B00957977 li fih: basket tad-drapp ta' lewn griż li fih borża tal-plastik trasparenti li fiha trab kannella u sustanza ta' lewn kannella (kodiċi tal-laboratorju 018_14_23). Il-borża tal-plastik ġiet mogħtija lil PS 659 J. Hughes.

xxiv) *Evidence bag* bin-numru M00114491 li fih: miżien ta' lewn iswed (kodiċi tal-laboratorju 018_14_24).

xxv) *Evidence bag* bin-numru S00569867 li fih: kaxxa tal-kartun ta' lewn *silver* li fiha borża trasparenti li fiha trab ta' lewn abjad (kodiċi tal-laboratorju 018_14_25). Il-borża tal-plastik u l-kaxxa ġew mogħtija lil PS 659 J. Hughes.

xxvi) *Evidence bag* bin-numru S00569866 li fih: borża tal-plastik trasparenti li fiha trab ta' lewn abjad (kodiċi tal-laboratorju 018_14_26). Il-borża tal-plastik ġiet mogħtija lil PS 659 J. Hughes.

xxvii) *Evidence bag* bin-numru S00569865 li fih: biċċa ħaxixa ta' lewn aħdar (kodiċi tal-laboratorju 018_14_27).

xxviii) *Evidence bag* bin-numru M00114487 li fih: flixkun tal-plastik bil-kliem *Ammonia* li fih likwidu ta' lewn trasparenti (kodiċi tal-laboratorju 018_14_28).

xxix) *Evidence bag* bin-numru D00139586 li fih: borża tal-plastik trasparenti li fiha ħaxix ta' lewn aħdar (kodiċi tal-laboratorju 018_14_29). Il-borża tal-plastik ġiet mogħtija lil PS 659 J. Hughes.

xxx) *Evidence bag* bin-numru S00569088 li fih: (i) karta bil-kliem Data: 11/01/14 Ħin: 11.30pm Elevat/i minn ġol-karozza FDK 483, fil-glove compartment fil-presenza ta' Brian Bartolo, minn PS839, PC773 u (ii) borża tal-plastik li fiha ħaxix ta' lewn aħdar (kodiċi tal-laboratorju 018_14_30). Il-borża tal-plastik ġiet mogħtija lil PS 659 J. Hughes.

xxxi) *Evidence bag* bin-numru M00110069 li fih: (i) karta bil-kliem Data: 11/1/14 Ħin: 17:30 Elevat/i minn Ettiene go basket f'idejn fil-preżenza ta' Ettiene minn PS1174, PC1348 u (ii) basket tal-karti li fih borża tal-plastik trasparenti li fiha ħaxix ta' lewn aħdar (kodiċi tal-laboratorju 018_14_31). Il-basket u l-borża tal-plastik ġew mogħtija lil PS 659 J. Hughes.

xxxii) *Evidence bag* bin-numru B00957990 li fih: ħaxix ta' lewn aħdar (kodiċi tal-laboratorju 018_14_32).

xxxiii) *Evidence bag* bin-numru C000729226 li fih: ħaxix ta' lewn aħdar (kodiċi tal-laboratorju 018_14_33).

xxxiv) *Evidence bag* bin-numru C000729225 li fih: ħaxix ta' lewn aħdar (kodiċi tal-laboratorju 018_14_34).

xxxv) *Evidence bag* bin-numru C000729224 li fih: ħaxix ta' lewn aħdar (kodiċi tal-laboratorju 018_14_35).

xxxvi) *Evidence bag* bin-numru C000729223 li fih: ħaxix ta' lewn aħdar (kodiċi tal-laboratorju 018_14_36).

xxxvii) *Evidence bag* bin-numru C000386623 li fih: ħaxix ta' lewn aħdar (kodiċi tal-laboratorju 018_14_37).

xxxviii) *Evidence bag* bin-numru B00957997 li fih: ħaxix ta' lewn aħdar (kodiċi tal-laboratorju 018_14_38).

xxxix) *Evidence bag* bin-numru B00957999 li fih: ħaxix ta' lewn aħdar (kodiċi tal-laboratorju 018_14_39).

xl) *Evidence bag* bin-numru B00958002 li fih: ħaxix ta' lewn aħdar (kodiċi tal-laboratorju 018_14_40).

xli) Bagalja ta' lewn sewda li ġo fiha kien hemm traċċi ta' trab ta' lewn abjad (kodiċi tal-laboratorju 018_14_41).

xlii) *Evidence bag* bin-numru B00957964 li fih: (i) karta bil-kliem Data: 12/01/14 Ħin: 11.00am Elevat/i minn fuq il-mejda tas-sitting room fil-preżenza ta' Jason Grima I.D. 574082M minn PS891 PC1589 (ii) *crusher* ta' lewn roża (iii) *lighter* (iv) pakkett ta' *smoking paper* (v landa li fiha xi karti mqattgħin u *joint* u (vi) *crusher* tal-injam (kodiċi tal-laboratorju 018_14_42).

xliii) *Cash box* ta' lewn griża li kien fiha xi tiċpis ta' lewn kannella li fiha: (i) karti bil-kliem Data: 12/01/14 Ħin: 11:00am Elevat/i minn ġol-komodina tal-kamra tas-sodda fil-preżenza ta' Jason Grima minn PC467 WPC284 (ii) mus (kodiċi tal-laboratorju 018_14_43).

xliv) *Evidence bag* bin-numru B00957877 li fih: (i) borża tal-plastik li fiha diversi *joints* (ii) żerriegħa (iii) borża tal-plastik li fiha xi ħaxix ta' lewn aħdar (iv) sustanzi ta' lewn kannella (kodiċi tal-laboratorju 018_14_43[63]).

Dwar dawn id-dokumenti, l-esperti kkonkluda s-segwenti:

(a) Illi fuq estratti meħuda mill-ħaxix ta' lewn aħdar li hemm fid-dokumenti 018_14_01, 018_14_03, 018_14_04, 018_14_09, 018_14_12, 018_14_13, 018_14_14, 018_14_21, 018_14_22, 018_14_27, 018_14_29, 018_14_30, 018_14_31, 018_14_32, 018_14_33, 018_14_34, 018_14_35, 018_14_36, 018_14_37, 018_14_38, 018_14_39, 018_14_40 u **018_14_44** instabet is-sustanza *Tetrahydrocannabinol*. Il-piż total tal-ħaxix ta' lewn aħdar kien ta' 3218.62 grammi u l-purita` kienet ta' ċirka 8.5%. Din is-sustanza tiġi mill-pjanta tal-kannabis u hija kkontrollata bil-liġi taħt Taqsima III, Sezzjoni 8 tal-Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta (enfasi tal-Qorti).

Il-Qorti tinnota illi minn paġna 13 (a fol. 366) tar-relazzjoni tal-espert jirriżulta illi l-ħaxix fid-dokument bil-kodiċi 018_14_44 kellu piż ta' 27.89 grammi.

[63] Minkejja li l-espert irrefera għal dal dan il-kodiċi tal-laboratorju bħala 018_14_43, huwa evidenti illi dan kellu jaqra 018_14_44 u dan għaliex apparti li jidher li bi żvista ġie ripetut, ir-riżultanzi tal-espert a fol. 366, 367 u 368 tal-proċess jirreferu proprju għall-kodiċi tal-laboratorju 018_14_44.

(b) Skont il-*Malta National Report 2012* [ara Appendiċi I] il-prezz tal-kannabis *herb* kull gramma huwa ta' €25. Il-piż total tal-kannabis *herb* huwa ta' 3218.62 grammi li jagħti valur ta' €80,465.50.

(c) Illi fuq estratti meħuda mit-trab ta' lewn abjad li hemm fid-dokumenti 018_14_02, 018_14_08, 018_14_10, 018_14_11, 018_14_15, 018_14_20, 018_14_25 u 018_14_26 instabet is-sustanza <u>*Kokaina*</u>. Il-piż tat-trab kien ta' <u>437.03 grammi</u> u l-purita` kienet ta' ċirka <u>45%</u>. Din is-sustanza hija kkontrollata bil-liġi taħt l-Ewwel Skeda, Taqsima I tal-Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta.

(d) Skont il-*Malta National Report 2012* [ara Appendiċi I] il-prezz tal-kokaina kull gramma huwa ta' €79. Il-piż total tal-kokaina huwa ta' 437.03 grammi li jagħti valur ta' €34,525,37.

(e) Illi fuq estratti meħuda mis-sustanzi ta' lewn kannella li hemm fid-dokumenti 018_14_23 u **018_14_44** instabet is-sustanza <u>*Tetrahydrocannabinol*</u>. Il-piż total tas-sustanzi ta' lewn kannella kien ta' <u>43.14 grammi</u> u l-purita` kienet ta' ċirka <u>4.5%</u>. Din is-sustanza tiġi mill-pjanta tal-kannabis u hija kkontrollata bil-liġi taħt Taqsima III, Sezzjoni 8 tal-Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta (enfasi tal-Qorti).

Il-Qorti tinnota illi minn paġna 14 (a fol. 367) tar-relazzjoni tal-espert jirriżulta illi s-sustanzi fid-dokument bil-kodiċi 018_14_44 kellhom piż ta' <u>31.06 grammi</u>.

(f) Skont il-*Malta National Report 2012* [ara Appendiċi I] il-prezz tal-kannabis *resin* kull gramma huwa ta' €24. Il-piż total tal-kannabis *resin* huwa ta' 43.14 grammi li jagħti valur ta' €1035.36.

(g) Illi fuq estratti meħuda mit-trab ta' lewn kannella li hemm fid-dokument 018_14_23 instabet is-sustanza <u>*Eroina*</u>. Il-piż tat-trab kien ta' <u>277.87 grammi</u> u l-purita` kienet ta' ċirka <u>30%</u>. Din is-sustanza hija kkontrollata bil-liġi taħt l-Ewwel Skeda, Taqsima I tal-Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta.

(h) Skont il-*Malta National Report 2012* [ara Appendiċi I] il-prezz tal-eroina kull gramma huwa ta' €66. Il-piż total tal-eroina huwa ta' 277.87 grammi li jagħti valur ta' €18,339.42.

(i) Illi fuq *swab* meħuda mill-miżien li hemm fid-dokument 018_14_07, fuq *crushers*, il-*joint* u t-tiċpis ta' lewn kannella li hemm fid-dokument **018_14_43**[64] u fuq estratti meħuda mill-*joints* li hemm fid-dokument **018_14_44**, instabet is-sustanza <u>*Tetrahyrdrocannabinol*</u> (enfasi tal-Qorti).

(j) Illi fuq *swabs* meħuda mill-kuċċarina u mis-sikkina li hemm fid-dokument 018_14_16, fuq *swab* meħuda mill-borma li hemm fid-dokument 018_14_21 u fuq *swab* meħuda mill-miżien li hemm fid-dokument )18_14_24 instabet is-sustanza <u>*Kokaina*</u>.

21. Fis-seduta tat-3 ta' Lulju 2014, **PC 10 Trevor Cassar Mallia** jixhed illi fit-12 ta' Jannar 2014, kienet qed issir osservazzjoni fuq Brian Bartolo, residenti ġewwa Buġibba u illi saret tfittxija fir-residenza tiegħu, Residential Flats, Flat 15, Triq il-Pijunieri, Buġibba. Jixhed dwar dak li ġie elevat ossia flus kontanti u boroż b'ħaxix aħdar suspettat *cannabis*. Minn hemmhekk saret tfittxija, fil-presenza ta' Bartolo ġewwa garaxx fil-Mosta, Truq Dun Alvier de Sante, liema garaxx infetaħ biċ-ċwievet tal-istess Bartolo u fih instabu flus kontanti, borża bi trab kannella, *revolver* iswed, imwieżen, xi boroż u ħaxix aħdar, inkluż borża kbira bl-istess materjal fuq xkaffa u żewġ boroż oħra ukoll bil-ħaxix aħdar. Jixhed ukoll illi l-għada 12 ta' Jannar 2014, kellhom magħhom l-Ispanjol li ġie arrestat, Lunai Lacalle, għamlu stħarriġ f'lukanda 'Blue Sea Hotel, f'Buġibba, fejn ikkonfermaw li kien kera kamra. Hekk kif marru fil-kamra bin-numru 3629, sabu lil Jose Ramon La Sorte u fil-kamra kien hemm bagalja kbira li kellha qiegħ falz. Jixhed illi huma fetħu dan il-qiegħ, u kien hemm għaxar boroż imdaqqsin kontenenti ħaxix suspettat *cannabis*. Jixhed ukoll illi l-kamra kienet imdawwra kollha bix-xugamani biex ma toħroġx ir-riħa.

---

[64] Huwa evidenti illi għalkemm hawnhekk l-espert irrefera għal kodiċi tal-laboratorju li jispiċċa bin-numru 43, ried jirreferi għall-kodiċi tal-laboratorju 018_14_042 u 018_14_43 u dan qed jingħad għaliex id-dokument bil-kodiċi tal-laboratorju 018_14_043 kien jikkontjeni mus <u>u tiċpis ta' lewn kannella</u>, fil-waqt illi huwa d-dokument bil-kodiċi 018_14_42 li kien jikkontjeni żewġ *crushers* u *joint*. L-istess żball jidher ripetutf'paġna 13 tar-relazzjoni (a fol. 366), fejn l-espert indika l-bagalja bħala bil-kodiċi tal-laboratorju 018_14_42 minflok 18_14_41 (kif indikata f'paġna 9 tar-relazzjoni (a fol. 362) u l-*crusher*, *joint* u l-*crusher* tal-injam bħala bil-kodiċi tal-laboratorju 018_14_43 minflok 018_14_42, filwaqt illi indika t-tiċpis kannella korrettement bħala 018_14_43, kif indikat ukoll f'paġna 10 tar-relazzjoni (a fol. 363 tal-proċess).

**In kontro-eżami** ix-xhud jikkonferma illi l-oġġetti li semma' nstabu fir-residenza ta' Bartolo u ġewwa lukanda Blue Sea Hotel, u mistoqsi kellux x'jaqsam fl-investigazzjoni, huwa jwieġeb illi x'ħin kienu qed jistennew barra, jaf li ntqal lilhom illi kien ħiereġ l-imputat u jaf li twaqqaf u li fil-pussess tiegħu nstab ammont żgħir ta' ħaxixa. Jgħid illi dan rah iseħħ, iżda huwa kien fil-karozza.[65]

22. Fis-seduta tas-7 ta' Awwissu 2014, **Brian Godfrey Bartolo** ma xehedx f'dawn il-proċeduri, u dan fid-dawl tal-fatt li kien għad hemm proċeduri kriminali pendenti fil-konfront tiegħu.[66]

23. Fis-seduta tat-30 ta' Settembru 2014, **PS 1086 Johann Micallef** jixhed illi fil-11 ta' Jannar 2014 kienu qed jagħmlu osservazzjoni fuq Brian Bartolo ġewwa Buġibba, fejn PS 579 kien infurmah illi arresta persuna li kienet għadha kif ħarġet mill-blokka tal-appartamenti ta' Bartolo. Iżjed tard huwa kien wieħed mill-membri tal-Iskwadra kontra d-Droga li daħlu ġewwa r-residenza ta' Bartolo ġewwa Buġibba, u sabu xi trab suspettat droga.[67]

24. Fis-seduta tal-11 ta' Novembru 2014, **Andre` Azzopardi** in rappreżentanza tal-Reġistratur tal-Qorti Kriminali, esebixxa formalment l-esebit KB 276/2014 bħala Dok. AA, li jikkonsisti f'żewġ basktijiet tal-plastik suwed u bagalja sewda ssiġillata kontenenti d-droga, liema dokument kien ġie ppreżentat fil-kawża 'Il-Pulizija vs Unai Lacalle Zumeta et'.[68]

25. Fis-seduta tas-17 ta' Frar 2015, **Dr. John Seychell Navarro** esebixxa l-elenku tal-assi tal-imputat odjern bħala Dok. JNS, filwaqt illi jixhed illi l-unika kumpanija li ma weġbitx kienet Notabile Fiduciaries Ltd, kif rappreżentata minn Ivan Cassar u Simon Vella.[69]

26. Fis-seduta tat-18 ta' Marzu 2015, xehed **Unai Lacalle Zumeta**, wara li ġie mwissi mill-Qorti li kellu d-dritt li ma jwieġeb għall-ebda domanda li setgħet tinkriminah, tenut kont tal-fatt illi kien hemm proċeduri pendenti fil-konfront tiegħu in konnessjoni mal-każ odjern.[70]

---

[65] Ara a fol. 237A *et seq* tal-proċess.
[66] A fol. 255 tal-proċess.
[67] A fol. 263 *et seq* tal-proċess.
[68] A fol. 269 *et seq* tal-proċess.
[69] Ara x-xhieda a fol. 285A *et seq* tal-proċess u l-elenku tal-assi f'*envelope* separat li jikkonsisti f'żewġ volumi.
[70] Ara din ix-xhieda a fol. 299 *et seq* tal-proċess.

27. Fis-seduta tat-22 ta' Settembru 2015, id-difiża eżentat lill-Prosekuzzjoni milli tħarrek lil **PC 1013 Raymond Debono**, li ġie indikat fin-nota tar-rinviju tal-Avukat Ġenerali tas-17 ta' Settembru 2015 sabiex jixhed fir-rigward tad-dokument a fol. 45 tal-proċess ossia d-dikjarazzjoni ta' rifjut tal-jedd għal parir legali tal-imputat odjern.[71]

28. Fis-seduta tat-2 ta' Ġunju 2016, **Jose` Ramon Lasarte Garate** ikkonferma illi l-każ tiegħu kien ġie deċiż u illi ma sarx appell fir-rigward. Jikkonferma illi dak kollu li stqarr fiż-żewġ stqarrijiet tiegħu kienet il-verita` kollha. Jgħid ukoll b'referenza għall-imputat odjern u għal Brian Godfrey Bartolo, illi huwa ma jafhomx u illi ra lil wieħed minnhom biss f'jum partikolari, li ħadlu b'idejh u qallu "*hello u caw*". Mistoqsi għal-liema miż-żewġ persuni kien qed jirreferi, jgħid illi jaħseb li jismu 'Jason' u illi ma kellux xi konversazzjoni miegħu. Hawnhekk ix-xhud indika lill-imputat odjern. Mistoqsi kif, ma' min u għaliex ġie Malta, huwa jixhed illi ġie ma' Spanjol, ċertu Unai Lacaje u illi ġie Malta sabiex ifittex xogħol, illi kellhom ftehim bejniethom, li l-Ispanjol kellu xi negozju u hu ġie għax-xogħol. Ġew Malta bil-*ferry*, wara li qabdu l-*bus*. F'dan l-istadju din ix-xhieda ġiet sospiża.[72]

29. Fis-seduta tat-12 ta' Lulju 2016 reġa' ħa l-pedana tax-xhieda **Jose` Ramon Lasarte** li li reġa' kkonferma li l-proċeduri fil-konfront tiegħu kienu konklużi u li ma kienx hemm appell minnhom. Jixhed illi ġie Malta ma' Unai Lakaie bil-*bus* u illi wara l-*bus* qabdu l-*ferry*. Huwa ġie Malta biex ifittex xogħol. Jixhed illi Unai kellu jġib miegħu 500 grammi marijuana u illi kien se jagħtih €500. F'Malta huwa ġab miegħu l-bagalja ta' Unai. B'kollox kien hemm żewġ bagalji. Huwa kellu biss *haversack*, xi żewġt iqliezet u *t-shirts*. Jixhed ukoll illi għamlu tlett ijiem fil-lukanda u illi Unai kien qed jitkellem fuq it-telefon ma' nies li huwa ma kienx jafhom. L-aħħar darba li huwa ħareġ ma' Unai, iltaqgħu ma' persuna li għandha sinna nieqsa fuq quddiem. Jgħid illi waqt li dawn kienu qed jitkellmu, lilu tefgħuh f'ġenb. F'dik l-okkażjoni huwa ma kellu jagħmel xejn, iżda Unai qallu biex imur miegħu. Mistoqsi jekk kienx hemm xi ħaġa bejn Unai u din il-persuna, huwa jwieġeb illi kienu qed jitkellmu imma ma jafx x'għamlu, u mistoqsi jekk kienx hemm xi skambju ta' xi ħaġa bejniethom, huwa jwieġeb fin-negattiv. Mistoqsi kienx qed iġorr xi ħaġa meta ltaqgħu Unai, hu u din il-persuna b'sinna nieqsa, huwa jwieġeb illi ma jiftkarax jekk hux hu jew l-ieħor kien qed iżomm xi *haversack*. Il-*haversack* ħadu Unai u mar magħhom. Dwar dan jispjega illi Unai u l-persuna

---

[71] Ara l-verbal a fol. 328 tal-proċess.
[72] A fol. 386 *et seq* tal-proċess.

mingħajr sinna kienu miftehmin ma' xi raġel li kellu karozza, iżda hu ma setax jara min kien dan ir-raġel għax ma kienx fil-viċinanzi. Jgħid illi huma telqu għal rashom u hu telaq waħdu. Mistoqsi kienx jaf x'hemm fil-*haversack*, huwa jixhed illi immaġina iva, imma ma rahx idaħħal xi ħaġa fih għax kull darba li kien jiftħu kien iċempillu xi ħadd jew inkella jibgħatu jixtri xi ħaġa mis-*supermarket*. Jgħid illi kien Unai li qallu li kellu jġib nofs kilo marijuana, iżda hu ma raha f'ebda ħin. Qabel ġie arrestat, huwa kien fil-lukanda. Wara l-arrest sar jaf mingħand il-Pulizija illi kien hemm kilo.

F'dan il-punt ġiet moqrija lix-xhud l-istqarrija li huwa rrilaxxja nhar it-12 ta' Jannar 2014[73], fejn huwa stqarr illi ġie Malta darbtejn, inkluż fis-sena ta' qabel f'Settembru jew f'Ottubru, sabiex ifittex xogħol u kien ġie wkoll ma' Unai. Jgħid illi kien dakinhar stess li sar jaf li jismu Unai stante li lilu kien qallu li jismu Arkaitz. Fl-okkażjoni ta' qabel kien ġie ħamest ijiem, iżda peress illi ma sabx xogħol, telaq lura filwaqt li Unai baqa' hawn minħabba, skont dak li qallu Unai, xi negozju ta' xi restorant. L-ewwel darba li ġie Malta ma' Unai, dan ma laqqgħu ma' ħadd sabiex jaħdem għax kien dejjem joħroġ waħdu. Jgħid illi darba kienu mexjin f'xi pjazza, ma jafx fejn, u Unai waqaf jitkellem ma' xi ħadd u ntroduċih miegħu. Jiftakar li dan ir-raġel ma kellux sinna quddiem. Hu telaq 'l hemm filwaqt li Unai baqa' jitkellem miegħu. Mistoqsi għaliex aċċetta li jiġi Malta ma' Unai t-tieni darba, huwa jgħid illi huwa ma kellux xogħol ġewwa Spanja u kien se jispiċċa mingħajr residenza, dan assigurah illi kellu xogħol għalih u saħansitra illi kien se jħallaslu l-passaġġ. Unai ċempillu, qallu li ftit jiem wara kienu se jitilqu, li kienu se jmorru bil-*bus* għax irħas u għax ma sabx biljetti. Unai kien mar id-dar tiegħu u ħa miegħu żewġ bagalji. Hu (ix-xhud) kellu basket tal-plastik bi ftit ħwejjeġ u *haversack*. Unai qallu li kellu spazju fil-bagalja u seta' jpoġġi ħwejġu hemm, kif ukoll li ma kellux għalfejn iġib ħafna ħwejjeġ miegħu għax kien se jsellfu minn tiegħu. Qabdu l-*bus* u marru minn San Sabestian għal Barċellona, minn Barċellona għal Ruma u minn Ruma għal Sqallija sa Pozzallo fejn hemm il-*catamaran*. Il-bagalji kienu fil-*luggage booth* tal-*coach* u kull darba li kellhom jibdlu l-*coach*, Unai kien iġib skuża b'dahru u jitolbu sabiex iġorr il-bagalja l-kbira. Jgħid li issa sar jaf għalfejn. X'ħin waslu Malta, Unai ġarr il-bagalja ż-żgħira u hu ġarr il-kbira wara li talbu jagħmel dan Unai stante li kien fuq it-telefon. Marru l-lukanda fejn qallu li kellu jsiblu xogħol. Kien Unai li ħallas għall-kamra. Hu dejjem baqa' fil-kamra għax ma kellux flus u Unai kien iħallas kollox hu. Lil Unai kienu jċemplulu, lilu kien jibgħatu jixtri xi ħaġa u Unai kien joħroġ, b'tali mod li meta hu jasal lura, lil Unai ma kienx

[73] Ara a fol. 175 *et seq* tal-proċess.

isibu fil-kamra. Fil-jum ta' qabel, Unai kien sejjer il-baħar u qallu biex jagħtih il-*haversack* biex ipoġġi xugaman u l-affarijiet tiegħu. Dan kien għall-ħabta tal-4.00 pm, qallu biex imur miegħu u biex iġorr il-*haversack* għax kellu dahru juġgħu. Marru fuq il-bajja bil-mixi u ltaqgħu mal-persuna ta' mingħajr sinna, li kienu ltaqgħu miegħu l-aħħar darba li ġew Malta, u hu (ix-xhud) qallu li kien sejjer fil-lukanda għax ma riedx joqgħod fix-xemx. Għadda l-*haversack* lil Unai u telaq 'l hemm. Mar lura fil-lukanda u ftit tal-ħin wara wasal Unai li talbu sabiex jerġa' jmur miegħu, biex jerġa' jiltaqa' ma' xi ħadd, huwa staqsieh jekk din id-darba kinux se jiltaqgħu dwar xogħol, Unai wieġbu li jaħseb li iva u ħarġu. Unai reġa' talbu sabiex iġorr il-*haversack* u x'ħin kienu quddiem il-knisja reġgħu ltaqgħu mal-persuna tas-sinna, huwa staqsih jekk kienx dan li kien se jagħtih xogħol, Unai wieġbu fin-negattiv, hu ta l-basket lil Unai u telaq 'l hemm. Jgħid ukoll illi kien hemm karozza ħdejn dan ir-raġel, iżda ma setax jara kienx hemm xi ħadd ġo fiha. Minn dak il-ħin lil Unai ma rahx iżjed sakemm wasal filgħodu mal-pulizija. Sat-8.30 a.m. kien għadu ma ġiex u peress illi kellhom joħorġu mill-kamra xi l-10.00 a.m., fetaħ iż-żewġ bagalji biex jagħżel il-ħwejjeġ tiegħu, meta nduna li l-bagalja l-kbira kellha qiegħ falz. Skont hu, ittawwal għax kien hemm ċerta riħa, ħareġ kollox barra u nduna li kienet droga jew ħaxixa jew marijuana. Meta wasal mal-pulizija Unai qalilhom li l-bagalja l-kbira u d-droga kienet tiegħu (tax-xhud), iżda dan ma kienx minnu. Jgħid ukoll illi kien hu li għamel ix-xugamani mal-art stante li Unai kien qed ipejjep il-ħaxixa fil-kamra u li dan qallu li l-ħabib tiegħu kien tah xi ftit. Jgħid in oltre illi huwa ma kienx jaf x'kien hemm fil-bagalja u li sar jaf dakinhar stess. Mistoqsi kienx ġieh suspett f'Unai huwa jgħid illi dan kien arroganti miegħu, iżda peress li kien offrielu x-xogħol, kien għalaq ħalqu. Mistoqsi jekk Unai kienx wegħdu xi flus talli ġie miegħu Malta, huwa jwieġeb fin-negattiv u jixhed illi Unai kellu jsiblu xogħol u ħallaslu l-biljett għax kien ċert li kien se jsiblu xogħol u li mbagħad huwa kellu jħallsu lura. Jgħid illi hu m'għandux x'jaqsam ma' Unai.

La darba moqrija lilu din l-istqarrija, ix-xhud jgħid illi huwa kien jaf li Unai kellu d-droga għaliex kien qallu hu li kellu ħames mitt gramma. Jgħid li kien ċert li l-ieħor ħareġ bid-droga kollha u ma kienx jaf li kien fadal id-droga fil-bagalja. Mill-bqija kkonferma l-kontenut tal-istqarrija. Muri Dok. NS 2 (a fol. 179 tal-proċess) ix-xhud ma jagħraf lil ħadd, iżda muri Dok. NS 3 (a fol. 181 tal-proċess) huwa ndika lill-persuna bin-numru 7 u jgħid hekk: "*nahseb li n-number 7 huwa dak li m'ghandux is-sinna. M'inix cert imma ghax jista' jaghti l-kaz li anke dawn in-nies ghax dan ir-ragel nafu x'imkien (qed jirreferi*

*ghal number 3) jista' jkun li nafu mill-habs stess*".[74] Meta mistoqsi jekk jagħrafx fl-awla "*lil dan tas-sinna*", huwa jgħid "*nahseb li iva*"[75] u ndika lill-imputat odjern.[76]

Hawnhekk il-Qorti tirrileva illi mill-atti jirriżulta illi nhar it-12 ta' Jannar 2014, ix-xhud **Jose` Ramon Garate Lasart** xehed quddiem il-Maġistrat Dr. Edwina Grima, fejn wara li nqratlu l-istqarrija rilaxxjata minnu nhar il-11 ta' Jannar 2014, jikkoreġi parti mill-istqarrija tiegħu dwar kif kien hu li mar fl-appartament ta' Unai u mhux bil-kontra, u li kien iżjed qrib it-3.00 p.m. u mhux l-4.00 p.m. meta marru jgħumu. Iżid jgħid ukoll illi meta huwa reġa' mur lura fil-lukanda, l-*haversack* ħadu miegħu, iżda wara ftit Unai mar u talbu biex jerġa' jmur lura miegħu biex jiltaqa' ma' dan ir-raġel li kien sid ta' lukanda. Jgħid illi Unai ħa l-*haversack* miegħu. Mill-bqija jikkonferma dak li kien qal fl-istqarrija tiegħu. Jgħid in oltre illi ftakar illi l-vettura kienet bajda, Polo jew Hyundai, għalkemm ma kienx ċert, kienet *family car*, *station wagon* żgħira, li l-aħħar tliet numri tagħha kienu 789 u li viċin in-*number plate* kien hemm *sticker* ta' fjura safra. Jgħid ukoll illi ż-żewġ bagalji kienu ta' Unai u li huwa kellu biss il-ħwejjeġ ta' fuqu, l-affarijiet tal-leħja u *mobile phone*. Ix-xhud ikkonferma l-istqarrija tiegħu bil-ġurament. Muri Dok. NS 2, huwa jgħid illi l-persuna bin-numru 9, jaħseb illi huwa Unai, li hija l-istess persuna li tidher fil-folja ta' wara fl-istess dokument. Muri Dok. NS 3, huwa jgħid li jaħseb li l-persuna li huwa semma' fl-istqarrija tiegħu bħala l-persuna ta' bla sinna, jidher bħala numru 7.[77]

Jirriżulta wkoll mill-atti illi **Jose` Ramon Garate Lasarte** deher quddiem il-Maġistrat Dr. Consuelo Scerri Herrera nhar it-18 ta' Jannar 2014, fejn ikkoreġa parti mill-istqarrija li huwa rrilaxxja nhar il-11 ta' Jannar 2014. Hanwhekk huwa jgħid illi meta telaq minn Spanja huwa kien jaf li kien se jkun *courier* bid-droga, iżda ma kienx jaf il-kwantita`. Kien jaf ukoll illi kienet droga *marijuana*. Jikkonferma li telaq ma' sieħbu kif spjega fix-xhieda ta' qabel u jaf li sieħbu kien se jħallas it-titjiriet, l-akkomodazzjoni tiegħu f'Malta u kien se jagħtih €500. Sieħbu kien se jibqa' hawn, filwaqt li qallu li seta' jitlaq minn Malta dakinhar stess li jasal billi hu (Unai) iħallaslu l-biljett tal-ajru lura u jagħtih il-€500. Jgħid ukoll illi huwa ma riedx imur fit-triq ma' sieħbu b'din id-droga u dan stante li huwa kien ftiehem miegħu li kellu biss iġib id-droga f'Malta. Jgħid in oltre illi meta kien fil-lukanda u fetaħ il-

[74] A fol. 400 tal-proċess.
[75] A fol. 400 tal-proċess.
[76] Ara a fol. 392 *et seq* tal-proċess.
[77] Ara a fol. 183 *et seq* tal-proċess.

barżakka, ra l-kwantita` tad-droga ġo fiha u qal lil sieħbu li ma riedx ikollu x'jaqsam aktar ma' din il-kwistjoni. Madankollu huwa akkompanjah ħdejn il-knisja tal-Qawra bil-*haversack* bid-droga u telaq 'l hemm. Mar lura fil-lukanda, kien anzjuz ħafna u raqad. Mill-bqija jikkonferma dak kollu li qal fl-istqarrija u jżid jgħid illi waqt li kien il-ħabs fl-14 ta' Jannar 2014, Unai tah daqqa ta' ponn f'wiċċu, u qallu li kellu jgħid illi d-droga kienet kollha tiegħu u li jekk jammetti dan, kien se jipprovdilu avukat. Jgħid ukoll illi Unai ħajru jagħmel dan ix-xogħol jum jew tnejn qabel waslu Malta, illi huwa kien jaf lil Unai meta kien qed jgħix fit-toroq ta' Spanja, li dan ħa n-numru tiegħu u qallu li kellu biċċa xogħol għalih.[78]

Illi da parti tiegħu, <u>l-imputat</u> ressaq is-segwenti provi in konnessjoni mat-talba tiegħu ai termini tal-Artikolu 8 tal-Kap. 537 tal-Liġijiet ta' Malta:

1. Fis-seduta tal-24 ta' Jannar 2019, xehed **Paul Borg** li jgħid illi kien ilu jaf lill-imputat mill-iskola sekondarja, li baqgħu ħbieb u kienu jiffrekwentaw lil xuxlin fil-*weekends* u illi eventwalment kienu jirrisjedu flimkien f'appartament li huwa kien jikri fix-Xemxija bejn is-snin 2012 u 2015. L-imputat beda jgħix miegħu fis-sena 2013, għall-ewwel sitt xhur kienu sejrin tajjeb, l-imputat kien isajjar u jnaddaf, iżda mbagħad beda jinnota ċerti affarijiet bħal irwejjaħ mhux tas-soltu, li l-imputat dejjem kien ikun magħluq fil-kamra tiegħu, dejjem ma jiflaħx, ifalli x-xogħol, u d-dawra t'għajnejn dejjem sewda u ssuspetta li dan kien qed iħawwad xi ħaġa. Jixhed li kien hemm okkażjoni fejn kien qed inaddaf il-*garbage* u fih sab flixkun imtaqqab u *foil* u qallu li ma riedx jerġa' jara dawk l-affarijiet għax kien ikun kostrett li jgħidlu biex jitlaq. Darba minnhom kienu marru fil-fond il-Pulizija flimkien mal-imputat u għamlu tfittxija. Jgħid illi kien iddispjaċih jara lill-imputat f'dik is-sitwazzjoni, li kien jafu jgħin u jaħdem u illi f'daqqa waħda kien qabad it-triq tan-niżla. Jgħid illi baqgħu ħbieb u li kien kuntent għalih peress illi kien qed jaħdem, ingħata promozzjoni fuq il-post tax-xogħol u anke omm l-imputat kienet tgħidlu li binha kien aħjar.[79]

2. Fis-seduta tal-21 ta' Marzu 2019, xehed **Noel Cassar** in rappreżentanza tal-Aġenzija Caritas, li ppreżenta rapport fir-rigward tal-imputat, immarkat bħala Dok. NC 1, mil-liema jirriżulta illi huwa beda jattendi ġewwa l-Aġenzija f'Jannar 2014, wara li ġie riferut mill-familjari tiegħu, li dak iż-żmien kien konsistenti fl-attendenza tiegħu u beda juri progress, iżda ma żammx mal-

[78] Ara a fol. 162 *et seq* tal-proċess.
[79] A fol. 439 *et seq* tal-proċess.

pjan, u eventwalment ma baqax jattendi. L-imputat reġa' beda jattendi ġewwa l-Aġenzija f'Awwissu 2018, diġa` kien hemm progress mill-ewwel tentattiv tiegħu, għalkemm xorta kellu problema ta' droga. Skont l-istess rapport, din id-darba l-imputat irriżulta fil-pożittiv biss għat-*Tetrahydrocannabinol,* fil-waqt illi qabel kien pożittiv għall-kokaina wkoll. Minn hemm l-imputat żamm mal-pjan li sarlu u beda jirriżulta negattiv għad-droga. Ir-rapport jgħid ukoll illi huwa juri motivazzjoni, jattendi kull ħmistax u jħalli kampjuni tal-urina. Dawn dejjem irriżultaw fin-negattiv, ħlief f'okkażjoni waħda. Huwa għandu relazzjonijiet sani u mpjieg fiss.[80]

3. Fl-istess seduta tal-21 ta' Marzu 2019, xehed ukoll **Roderick Mifsud**, li jgħid illi huwa jieħu ħsieb l-infermerija medika ġewwa l-Faċilita` Korrettiva ta' Kordin. Huwa jgħid illi hija proċeduri normali ġewwa l-ħabs li jittieħed kampjun tal-urina lil dawk li jkunu għadhom deħlin u illi fis-sena 2014, meta daħal l-imputat, kienu jibagħtu l-kampjuni ġewwa l-laboratorju tal-isptar Mater Dei. Huwa esebixxa kopja tar-rapport bir-riżultat li rċevew mill-isptar immarkat bħala Dok. RM 1, skont liema rapport l-imputat irriżulta fil-pożittiv għall-*cannabis* u għall-kokaina.[81]

Il-Qorti ħadet konjizzjoni wkoll tan-noti tal-Bord ta' Rijabilitazzjoni ta' Persuni li Nqabdu bid-Droga u r-rapporti tal-Aġenzija Caritas[82] annessi mal-istess noti, b'mod partikolari l-aħħar nota tal-Bord tat-23 ta' Settembru 2020, li permezz tagħha nforma lill-Qorti illi kien sodisfatt bil-proċess ta' rijabilitazzjoni tal-imputat li ntemm b'suċċess u esebixxa kopja tal-verbal tal-Bord u tar-rapport tal-Aġenzija Caritas.[83]

Il-Qorti ħadet konjizzjoni in oltre tan-nota tar-Reġistratur Qrati u Tribunali Kriminali, li permezz tagħha ddikjarat illi apparti din il-kawża, l-imputat m'għandux kawżi oħra pendenti, salv illi dan ma jinkludix kawżi sommarji.[84]

**Ikkunsidrat ukoll:**

Illi fin-nota ta' sottomissjonijiet tagħha, id-difiża ssostni illi l-istqarrija rilaxxjata mill-imputat nhar it-12 ta' Jannar 2014 u s-sussegwenti xhieda ġuramentata tiegħu tal-istess jum, li permezz tagħha kkonferma l-istess stqarrija, kif ukoll kull referenza li saret għalihom fl-atti proċesswali, għandhom jiġu sfilzati in kwantu inammissibbli

[80] A fol. 451 tal-proċess.
[81] Ara din ix-xhieda a fol. 447 *et seq* tal-proċess u r-rapport a fol. 453 tal-proċess.
[82] A fol. 470 *et seq* tal-proċess, a fol. 481 *et seq* tal-proċess, a fol. 486 *et seq* tal-proċess, u a fol. 490 tal-proċess.
[83] A fol. 494 *et seq* tal-proċess.
[84] A fol. 501 tal-proċess.

u dan *inter alia* għaliex huwa ma ngħatax id-dritt għall-assistenza legali waqt l-interrogatorju tiegħu. F'dan il-kuntest, id-difiża għamlet referenza għas-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili (sede Kostituzzjonali) fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta vs Rosario Militello** tat-18 ta' Novembru 2021.

Illi fl-ewwel lok, għalhekk, jeħtieġ illi l-Qorti tiddetermina l-valur probatorju li għandha tingħata l-istqarrija rilaxxjata mill-imputat fit-12 ta' Jannar 2014, liema stqarrija ġiet rilaxxjata minnu wara li huwa ngħata s-solita twissija skont il-liġi u l-jedd li jottjeni parir legali qabel l-interrogatorju tiegħu, liema jedd huwa għażel li ma jeżerċitahx. Madankollu, huwa ma ngħatax il-jedd li jkun assistit minn avukat waqt l-istess interrogatorju. Fiż-żmien in kwistjoni, il-liġi Maltija ma kinitx tipprovdi lill-persuna arrestata b'dan il-jedd u dan stante illi dan daħal fis-seħħ fit-28 ta' Novembru 2016, permezz tal-Avviż Legali 401 tal-2016.

Il-Qorti tagħmel referenza għall-ġurisprudenza tal-Qrati Maltin fir-rigward, inkluż iżda mhux biss, u dan b'żieda mas-sentenza hawn fuq imsemmija ċitata mid-difiża, is-sentenzi fl-ismijiet **Christopher Bartolo vs Avukat Ġenerali et** (Qorti Kostituzzjonali, 5 ta' Ottubru 2018), **Morgan Onourah vs L-Avukat tal-Istat** (Qorti Kostituzzjonali, 27 ta' Jannar 2021), **Clive Dimech vs Avukat Ġenerali** (Qorti Kostituzzjonali, 27 ta' Jannar 2021, **Ir-Repubblika ta' Malta vs Kevin Gatt et** (Qorti tal-Appell Kriminali (Superjuri), 27 ta' Ottubru 2021), kif ukoll **Christopher Bartolo vs L-Avukat ta' l-Istat** (Qorti Kostituzzjonali, 26 ta' April 2022) u **Ir-Repubblika ta' Malta vs Andrew Mangion** (Qorti tal-Appell Kriminali (Superjuri), 4 ta' Mejju 2022).

Fis-sentenza tal-5 ta' Ottubru 2018 fl-ismijiet **Christopher Bartolo vs Avukat Ġenerali et**, f'liema każ, minkejja li qabel irrilaxxja l-ewwel stqarrija tiegħu, ir-rikorrenti kien ingħata parir mingħand l-avukat tiegħu li f'dak l-istadju ma jgħid xejn lill-Pulizija, fl-istqarrijiet tiegħu, huwa xorta waħda rrisponda għad-domandi li sarulu, bir-riżultat li stqarr fatti li kienu inkriminanti għalih, in kwantu ammetta li kien jixtri d-droga kemm għall-użu personali tiegħu, kif ukoll sabiex ibiegħ minnha lil terzi. F'dan il-każ, il-Qorti Kostituzzjonali qalet hekk dwar l-istqarrijiet rilaxxjati mill-istess rikorrenti mingħajr il-jedd ta' assistenza legali waqt l-interrogatorji tiegħu:

> "36. Mill-premess jirrizulta manifest li l-istqarrijiet rilaxxjati mir-rikorrent ser ikollhom kif fil-fatt gja` kellhom quddiem il-Qorti Kriminali impatt fil-proceduri kriminali, mhux in kwantu ghall-ammissjonijiet, izda in kwantu l-kontenut taghhom kien ittiehed in konsiderazzjoni fil-quantum tal-piena imposta fuqu mill-Qorti Kriminali, u issa huwa car li anke l-Qorti tal-Appell

Kriminali ser tiehu konsiderazzjoni tal-kontenut tal-istqarrijiet f'dan ir-rigward. Ghalhekk, ghalkemm il-proceduri kriminali ghadhom pendenti u ghalhekk ma jistax f'dan l-istadju jigi determinat jekk kienx hemm lezjoni ta' smigh xieraq f'dawk il-proceduri, jekk l-istqarrijiet jithallew fil-process tal-proceduri kriminali, dawn wisq probabbilment ser isir uzu minnhom mill-Qorti tal-Appell Kriminali bi pregudizzju jew vantagg ghall-akkuzat fil-kwantifikazzjoni tal-piena, kemm dik karcerarja kif ukoll ghal dak li tirrigwarda l-multa li tista' tigi imposta.

37. Fid-dawl tal-premess it-tehid tal-istqarrijiet zgur li ser ikollhom impatt fuq l-ezitu tal-process kriminali u, ladarba dan isir, x'aktarx ser isir ksur tad-dritt tal-rikorrent ghal smigh xieraq tenut kont tal-fatt li dawn gew rilaxxjati mir-rikorrent fl-assenza ta' avukat li jassistih. Ghalhekk huwa xieraq li, filwaqt li f'dan l-istadju ma jistax jinghad jekk kienx hemm lezjoni ta' dan id-dritt fundamentali tar-rikorrent peress li l-proceduri kriminali ghadhom pendenti, dawn ma jithallewx jibqghu fl-inkartament tal-process kriminali." [sottolinear tal-Qorti]

Din kienet ukoll il-konklużjoni tal-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sentenza tagħha tal-20 ta' Novembru 2018, fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Claire Farrugia**, f'liema każ dik il-Qorti skartat bħala inammissibbli l-istqarrijiet tal-imputata, waħda minnhom ġuramentata, u dan għaliex għalkemm hija ngħatat id-dritt li tottjeni parir legali qabel l-istqarrijiet tagħha, madankollu hija ma ngħatatx id-dritt li tkun assistita minn avukat waqt l-interrogatorji li sarulha u dan stante li dan id-dritt ma kienx għadu viġenti fiż-żmien in kwistjoni. F'dan is-sens ukoll iddeċidiet l-istess Qorti fis-sentenza tagħha fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Emad Masoud** tas-16 ta' Mejju 2019.

Fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija (Spettur Malcolm Bondin) vs Aldo Pistella** tal-14 ta' Diċembru 2018, f'liema każ l-appellat kien ingħata l-jedd li jottjeni parir legali qabel l-interrogotarju tiegħu u anke eżerċitah, iżda ma ngħatax il-jedd li jkun assistit minn avukat waqt dan l-interrogatorju, stante illi anke f'dak il-każ, fiż-żmien in kwistjoni, dan il-jedd ma kienx viġenti fil-liġi Maltija, il-Qorti Kostituzzjonali reġgħet irribadiet il-konklużjonijiet tagħha fis-sentenza preċedenti fl-ismijiet **Christopher Bartolo vs Avukat Ġenerali et**:

"14. Għalkemm, bħall-ewwel qorti, taqbel mal-appellanti illi f'dan l-istadju għadu ma seħħ l-ebda ksur tal-jedd għal smigħ xieraq, madankollu, kif osservat fil-każ ta' Malcolm Said, il-qorti xorta hija tal-fehma li ma jkunx għaqli li l-proċess kriminali jitħalla jitkompla bil-produzzjoni tal-istqarrija tal-akkużat Pistella ladarba din, għallinqas f'parti minnha, ittieħdet mingħajr ma Pistella kellu l-għajnuna ta' avukat. Għalhekk, għalkemm għadu ma seħħ ebda ksur tal-jedd għal smigħ xieraq, fiċ-ċirkostanzi huwa għaqli illi, kif qalet

> l-ewwel qorti, ma jsir ebda użu mill-istqarrija fil-proċess kriminali sabiex, meta l-proċess kriminali jintemm, ma jkunx tniġġes b'irregolarità – dik li jkun sar użu minn stqarrija li ttieħdet mingħajr ma l-interrogat kellu l-għajnuna ta' avukat – li tista' twassal għal konsegwenzi bħal tħassir tal-proċess kollu."

Irid jingħad ukoll illi fis-sentenza tagħha tas-27 ta' Jannar 2021, fl-ismijiet **<u>Morgan Onuorah vs L-Avukat tal-Istat</u>**, il-Qorti Kostituzzjonali qalet hekk dwar l-istqarrija rilaxxjata mir-rikorrenti fid-19 ta' Frar 2010, meta allura persuna suspettata kellha l-jedd li titkellem ma' avukat biss qabel l-interrogazzjoni tagħha:

> "26. Kif diġa` issemma, il-fatt waħdu li saret l-interrogazzjoni mhux fil-presenza ta' avukat ta' fiduċja tal-attur m'huwiex biżżejjed sabiex jagħti lok għall-ksur tad-dritt fundamentali ta' smigħ xieraq. Madankollu l-użu ta' dik l-istqarrija fil-proċeduri kriminali, li fiha l-attur ammetta għal uħud mir-reati li akkużat biha, taf twassal sabiex iseħħ dak il-ksur tal-jedd fundamentali. Dan iktar u iktar meta tikkunsidra l-ġurisprudenza ampja tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem li issa ilha s-snin tirrepeti l-istess insenjament.
>
> 27. Li s-suspettat jitkellem ma' avukat qabel l-interrogazzjoni, l-assistenza ta' avukat wara li tkun saret l-interrogazzjoni u n-natura *adversarial* tal-kawża kriminali sussegwenti, m'humiex garanzija adegwata li jirrimedjaw għad-difett li s-suspett ma kienx assistit minn avukat waqt l-interrogazzjoni li saret meta kien taħt arrest. Fis-sentenza riċenti <u>Mehmet Zeki Celebi v. Turkey</u> (App. 27583/07) il-QEDB kompliet tisħaq:
>
> > *"57. The onus will be on the Government to demonstrate convincingly why, exceptionally and in the specific circumstances of the case, the overall fairness of the trial was not irretrievably prejudiced by the restriction on access to legal advice. The Court also reiterates that <u>it is only in very exceptional circumstances</u> that it can conclude that a given trial has not been prejudiced by the restriction of an applicant's right of access to a lawyer (see Dimitar Mitev v. Bulgaria, no. 34779/08, 71, 8 March 2018)".*
>
> 28. Irrispettivament taqbilx mar-raġunament ta' dik il-Qorti internazzjonali, jibqa' l-fatt li l-ġurisprudenza kienet ċara meta ngħatat is-sentenza ta' Salduz f'Novembru 2008 fis-sens li n-nuqqas ta' assistenza ta' avukat waqt interrogazzjoni tal-pulizija kienet difett proċedurali. Dan għalkemm bis-sentenza <u>Ibrahim and Others v. the United Kingdom</u> tat-13 ta' Settembru 2016, il-Grand Chamber għamlet enfażi fuq l-'*overall fairness*' tal-proċeduri kriminali u fis-sentenza <u>Beuze v. Belgium</u> tad-9 ta' Novembru 2018 l-istess qorti kompliet tiċċara kif kellu jiġi applikat dak il-prinċipju.

29. Fl-aħħar mill-aħħar il-qrati domestiċi ma jistgħux jippermettu li f'proċeduri kriminali li għadhom pendenti jitħallew stqarrijiet li jkunu saru fl-assenza ta' avukat u li l-QEDB ilha tiddeskrivih bħala difett proċedurali bil-periklu manifest li dak il-fatt jikkontamina l-proċess kriminali kollu. Illum il-ġurnata hi l-istess Qorti Kriminali li qegħda taddotta din il-posizzjoni f'deċiżjonijiet preliminari li qegħdin jingħataw (hekk per eżempju **r-Repubblika ta' Malta v. Rosario Sultana** deċiżjoni tat-23 ta' Settembru 2020 u **r-Repubblika ta' Malta v. Rosario Militello** tat-3 ta' Diċembru 2019).

30. Kien id-dmir tal-Gvernijiet differenti matul is-snin li jaġġornaw ruħhom mas-sentenzi tal-Qorti Ewropea u ma jistennewx sal-2016 sabiex jintroduċu disposizzjoni fil-Kodiċi Kriminali li s-suspettat għandu jedd għall-assistenza ta' avukat waqt l-interrogazzjoni li ssir meta jkun fil-kustodja tal-pulizija. Emenda li saret sabiex tittrasponi d-disposizzjoni tad-Direttiva 2013/48/UE tal-Parlament Ewropew (ara Art. 355AT tal-Kodiċi Kriminali), li fost miżuri oħra assigurat id-dritt tas-suspettat għall-assistenza ta' avukat waqt l-interrogazzjoni mill-pulizija.

Għal dawn il-motivi tiċħad l-appell, b'dan li tagħti direzzjoni lill-Qorti Kriminali sabiex fil-proċeduri kriminali *The Republic of Malta v. Izuchukwu Morgan Onourah* (att ta' akkuża numru 11/2015) ma tippermettix l-użu bħala prova tal-istqarrija li l-appellant kien ta waqt li kien fil-kustodja tal-pulizija."

Kif ingħad ukoll fis-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili (sede Kostituzzjonali) fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta vs Rosario Militello** tat-18 ta' Novembru 2021, fejn hemmhekk dik il-Qorti segwiet l-insenjament fl-aħħar sentenza hawn fuq ċitata, wara li qieset illi fl-istqarrija rilaxxjata minnu Militello ammetta għar-reati li huwa tressaq dwarhom quddiem il-Qorti:

"Il-Qorti tal-Appell Kriminali ma qagħdetx lura milli tordna l-isfilz ta' stqarrijiet meta sabet li fihom hemm dikjarazzjonijiet inkriminanti. L-aktar waħda riċenti li din il-Qorti ltaqgħat magħha kienet dik fl-ismijiet **Repubblika ta' Malta vs. Kevin Gatt et** (Att t'Akkuża 5/2017) mogħtija fis-27 t'Ottubru 2021 ...:

"din il-prova li ittieħdet meta l-appellant ma kellux il-jedd li jiddefendi ruħu hija prova determinanti tant illi, bil-mod kif l-appellant wieġeb għal mistqosijiet li sarulu huwa seta' inkrimina ruħu irrevokabbilment u dan bi preġudizzju serju għar-retta amministrazzjoni tal-ġustizzja. Dan ifisser illi għalkemm għad irid jiġi iċċelebrat il-ġuri, madanakollu huwa bil-wisq evidenti f'dan l-istadju tal-proċeduri, meta il-Qorti hija mogħnija bil-provi kkumpilati, illi l-prova li l-Prosekuzzjoni qed tfittex

li tagħmel, kemm permezz tad-dikjarazzjonijiet verbali magħmula mill-appellant, kif ukoll dawk magħmula fl-istqarrija rilaxxata minnu lil pulizija, tista' tkun vvizzjata minħabba il-fatt illi l-appellant ma setax jiddefendi ruħu kif xieraq u għalhekk din il-prova għandha tiġi imwarrba. F'dan il-każ, il-Qorti hija tal-fehma illi n-nuqqasijiet minnha ravviżati ma jistgħu bl-ebda mod jiġu sanati għaliex l-Imħallef togat neċessarjament irid iwissi lil ġurati fl-indirizz finali tiegħu b'dawn l-imsemmija nuqqasijiet, li x'aktarx ser jivvizjaw l-istqarrija u dikjarazzjonijiet magħmula mill-appellant miksuba mingħajr ma kellu ebda difiża, sabiex b'hekk ikun ferm riskjuż li huma jistrieħu fuqha meta jiġu biex jagħmlu il-ġudizzju aħħari tagħhom. Dan minħabba l-fatt li meta din il-Qorti twieżen il-valur probatorju ta' din l-istqarrija meta komparat mal-pregudizzju irrimedjabbli li ser ibati l-appellant f'kaz l-istess tiġi ammess, huwa indubitat illi il-preġudizzju rekat jiżboq il-valur probatorju tagħha. Il-Qorti għalhekk qed titbiegħed mill-fehma milħuqa mill-Qorti Kriminali f'dan ir-rigward."

Finalment, il-Qorti tirreferi għas-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali (Superjuri) fl-ismijiet **<u>Ir-Repubblika ta' Malta vs Andrew Mangion</u>** tal-4 ta' Mejju 2022, fejn ingħad hekk:

19. Dan magħdud, madanakollu, l-Qorti tistqarr illi hija konsapevoli tal-pronunzjamenti reċenti li ġew mogħtija mill-Qorti Kostituzzjonali fejn ingħatat direzzjoni lil Qorti Kriminali sabiex ma tqisx bħala prova stqarrijiet li jkunu ġew rilaxxati mingħajr id-dritt tal-assistenza legali waqt l-interrogatorju billi jinsorġi l-periklu li jkun hemm difett proċedurali jekk jinstab illi dawn jilledu id-dritt tal-persuna akkużata għal smigħ xieraq.[85] Illi l-Qorti Kostituzzjonali stess fil-pronunzjamenti kollha minnha magħmula stqarret ċar u tond illi kien prematur f'dan l-istadju tal-proċeduri tiddikjara illi kienet seħħet xi leżjoni, billi l-proċess ġudizzjarju fl-intier tiegħu kien għadu ma ġiex konkluż, iżda jidher illi bħala rimedju prekawzjonarju minħabba f'leżjoni potenzjali, dik il-Qorti qiegħda ripetutament tagħti d-direzzjoni lil Qorti Kriminali sabiex tisfilza il-prova ta' l-istqarrija. Illi għalkemm, kif ingħad, l-imsemmija prova mhijiex nieqsa mill-valur probatorju tagħha ġaladarba ma hemm ebda regola ta' dritt penali li qed teskludi l-ammissjoni ta'l-istess, u ġaladarba ukoll il-proċess ġudizzjarju fl-intier tiegħu għadu ma seħħx, biex b'hekk lanqas jista' jiġi stabbilit f'dan l-istadju bikri jekk kienx hemm xi vjolazzjoni tal-persuna akkużata tad-drittijiet kostituzzjonali tagħha, madanakollu l-Qorti ma tistax ma timxiex mad-direzzjoni li qed tingħata mill-

[85] Hawnhekk il-Qorti rreferiet għas-sentenzi tal-Qorti Kostituzzjonali fl-ismijiet **<u>Clive Dimech vs Avukat Generali</u>**, **<u>The Police vs Alexander Hickey</u>**, **<u>Morgan Onuorah vs l-Avukat ta' l-Istat</u>**.

> Qorti Kostituzzjonali billi jidher li din hija waħda kostanti, għalkemm kif ingħad il-proċess ġudizzjarju għadu ma wasalx fit-tmiem tiegħu."

Fil-każ odjern, huwa evidenti illi n-nuqqas li l-imputat jingħata l-jedd li jottjeni parir legali waqt l-interrogatorju tiegħu fit-12 ta' Jannar 2014, inkluż ukoll meta xehed quddiem il-Maġistrat tal-Għassa fl-istess jum, fejn ikkonferma l-istqarrija rilaxxjata minnu lill-Pulizija Eżekuttiva bil-ġurament, ma kienx nuqqas li ma sarraf fl-ebda preġudizzju għalih, stante li huwa għamel dikjarazzjonijiet ferm inkriminanti, b'tali mod illi dawn wasslu sabiex huwa jiġi akkużat mhux biss bir-reati mertu tal-imputazzjonijiet (a) u (b), iżda wkoll bil-bqija tar-reati addebitati lilu. Anzi l-Qorti tażżarda tgħid illi l-istess imputat ġie akkużat b'referenza mhux biss għall-11 ta' Jannar 2014, iżda wkoll għat-tmien xhur ta' qabel din id-data, proprju fid-dawl ta' dak li huwa stqarr f'din l-istqarrija. Għaldaqstant, il-Qorti qed tiskarta l-kontenut tal-istess stqarrija meħuda lill-imputat mingħajr il-jedd għall-assistenza legali waqt l-interrogatorju tiegħu bħala nieqsa minn valur probatorju. Naturalment dan jgħodd ukoll għal dak li xehdu l-Uffiċjal Prosekutur u l-Ispettur Dennis Theuma in konnessjoni mad-dikjarazzjonijiet tal-imputat fl-istqarrija rilaxxjata minnu. Il-Qorti qed tqis in oltre illi dawn il-prinċipji għandhom jgħoddu wkoll għax-xhieda tal-imputat quddiem il-Maġistrat Dr. Edwina Grima fl-istess jum tat-12 ta' Jannar 2014, li permezz tagħha l-istess imputat ikkonferma l-istqarrija tiegħu bil-ġurament. Kif ingħad mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili (sede Kostituzzjonali) fis-sentenza **<u>Christophter Bartolo vs Avukat tal-Istat</u>** tat-22 ta' Ġunju 2021:

> "79. Il-Qorti qed tipprova tirrinkonċilja l-fatt, fid-dawl ta' dak li ddeċidiet il-Qorti Kostituzzjonali fil-5 ta' Ottubru 2018. Dik il-Qorti ordnat, li biex ma jseħħx ksur tad-drittijiet tar-rikorrent ma jsirx aktar użu fil-proċeduri kriminali miż-żewġ stqarrijiet rilaxxjati mir-rikorrent. Fid-dawl ta' din l-ordni, din il-Qorti ma tistax tifhem b'liema tiġbid tal-immaginazzjoni tista' tasal għall-konklużjoni li l-konferma bil-ġurament ta' dawk l-istqarrijiet quddiem il-Maġistrat ma għandhomx ukoll ikunu mwarrbin. Kważi kwazi dan għandu xebħ mal-każ fejn dokument oriġinali jitwarrab iżda mhux il-kopja tiegħu. Il-konferma bil-ġurament hija unikament imsejsa fuq l-istqarrijiet u kwalunkwe ammissjoni kienet ukoll b'konsegwenza tal-istess."

Il-Qorti hawnhekk qed tqis ukoll illi f'dak il-każ, ittieħed in kunsiderazzjoni wkoll l-istat vulnerabbli tal-imputat fid-dawl tal-kundizzjoni medika tiegħu, fattur dan li mhux preżenti fil-każ odjern, minkejja li d-difiża tissottometti li fil-waqt illi l-imputat irrilaxxja l-istqarrija tiegħu lill-Pulizija u sussegwentement ikkonfermaha quddiem il-Maġistrat, huwa kien taħt l-effett tad-droga. Biss il-Qorti tqis illi anke hawnhekk minkejja li l-imputat, qabel ikkonferma din l-istqarrija tiegħu bil-ġurament, ġie mistoqsi mill-Maġistrat jekk xtaqx jikkonsulta ma' avukat tal-fiduċja

tiegħu, u huwa ddikjara li ma kienx hemm il-ħtieġa li jagħmel dan, u ġie anke mwissi bid-dritt tiegħu tas-silenzju, kif ukoll illi dak li jgħid jista' jinġieb bħala prova fil-Qorti[86], la darba d-dritt għall-assistenza legali għandu jingħata meta persuna arrestata tagħmel stqarrija, anzi mill-fażijiet inizzjali tal-investigazzjoni, l-istess għandu japplika fir-rigward ta' stqarrija ġuramentata mogħtija quddiem awtorita` ġudizzjarja. Dan b'mod partikolari meta wieħed iqis illi stqarrija ġuramentata, min-natura tagħha u proprju għaliex hija ġuramentata, għandha iżjed saħħa u valur probatorju minn stqarrija rilaxxjata lill-Pulizija. Il-Maġistrat ma kinitx f'posizzjoni li tagħtih id-dritt għall-assistenza legali la darba dan ma kienx possibbli taħt il-liġi Maltija. Il-Qorti tqis ukoll illi f'dan l-istadju diġa` kien evidenti minn dak li kien stqarr mal-Pulizija, illi l-imputat eventwalment kien ser jiġi mixli bir-reati mertu ta' dawn il-proċeduri.

Għaldaqstant, il-Qorti qed tiskarta wkoll ix-xhieda tal-imputat quddiem il-Maġistrat Dr. Edwina Grima, li permezz tagħha huwa kkonferma l-istqarrija rilaxxjata minnu lill-Pulizija.

**Ikkunsidrat ukoll:**

Jirriżulta wkoll illi fl-atti tal-kawża odjerna, ġiet esebita ix-xhieda ġuramentata ta' Brian Godfrey Bartolo tat-13 ta' Jannar 2014, li permezz tagħha, huwa kkonferma l-istqarrija rilaxxjata minnu lill-Pulizija nhar it-12 ta' Jannar 2014, quddiem il-Maġistrat Dr. Edwina Grima.

Jirriżulta in oltre mill-atti proċesswali, kif ingħad iżjed il-fuq, illi Brian Godfrey Bartolo ma xehedx f'dawn il-proċeduri u dan stante illi kien għad hemm proċeduri pendenti fil-konfront tiegħu. Apparti illi Brian Godfrey Bartolo għandu jiġi meqjus bħala ko-akkużat u għalhekk, kif se jingħad 'il quddiem, ix-xhieda tiegħu fi kwalunkwe każ ma kinitx tkun ammissibbli f'dawn il-proċeduri pendenti l-proċeduri fil-konfront tiegħu, in kwantu l-istqarrija ġuramentata tiegħu, li ġiet esebita bħala prova f'dawn il-proċeduri, din il-Qorti tirreferi għall-insenjament tal-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sentenza **<u>Il-Pulizija vs Pierre Gravina</u>** tas-26 ta' Mejju 2003, fejn ingħad is-segwenti:

> "Issa huwa principju generali li "…ix-xhieda ghandhom dejjem jiġu eżaminati fil-Qorti u viva voce" (Artikolu 646(1), Kap. 9). Għal din ir-regola, pero`, hemm ċerti eċċezzjonijiet li jipprovdi għalihom l-istess Artikolu 646 fis-subartikoli li jiġu wara s-subartikolu (1). Hemm ukoll l-eċċezzjoni tad-deposizzjoni meħuda in segwitu għall-ħrug ta' ittri rogatorjali bil-proċedura traċċjata fl-Artikolu 399 tal-Kodiċi Kriminali, proċedura li ġiet ritenuta

[86] Ara a fol. 116 tal-proċess.

applikabbli anke għal kawżi sommarji (ara Il-Pulizija v. Angelo Grima App. Krim. 18 ta' Ottubru, 1952), u li fil-prattika ġiet ukoll applikata mill-Qorti Kriminali f'xi każijiet wara l-ħruġ tal-att ta' akkuża. U hemm l-eċċezzjoni ta' meta xhud jinstema' f'daru minħabba mard jew xjuħija (Art. 647, Kap. 9). Jiġi osservat li anke fil-każ ta' xhieda permezz ta' rogatorji u ta' xhieda li jinstemgħu f'darhom, l-imputat jew akkużat għandu dejjem il-jedd li jkun presenti waqt is-smigħ tax-xhud jew li jaħtar rappresentant tiegħu għal waqt tali smigħ – Art. 647(3) u 399(2). L-ewwel sentenza tal-Artikolu 30A tal-Kap. 101 taghmilha ċara li dak l-Artikolu qed jipprovdi ukoll eċċezzjoni, pero` mhux eċċezzjoni għar-regola kontenuta fl-Artikolu 646(1) tal-Kodiċi Kriminali iżda għar-regola kontenuta fl-Artikolu 661 ta' l-istess Kodiċi. Minn dan isegwi, li anke meta l-prosekuzzjoni tkun trid taghmel użu minn dikjarazzjoni ġuramentata meħuda skond l-imsemmi Artikolu 30A, ir-regola għandha tkun li minn ikun għamel dik l-istqarrija għandu jinġieb fil-qorti biex l-imputat jew akkużat ikun jista' jikkontroeżaminaħ dwarha. S'intendi, dan ma jfissirx li jekk ix-xhud, meta jiġi eżaminat jew kontro-eżaminat, ibiddel jew jirritratta minn dak li jkun qal fid-dikjarazzjoni ġuramentata, allura dik id-dikjarazzjoni (jew il-parti mibdula jew ritrattata) ma tkunx aktar tista' tittieħed bħala prova kontra l-akkużat; il-gudikant jista' xorta waħda, wara li jkun sema' lix-xhud, jasal għall-konkluzzjoni li il-verita` hija dik kontenuta fl-istqarrija ġuramentata u mhux dak li jkun iddepona fil-qorti x-xhud. Ifisser biss li, bħala regola, min ikun għamel tali stqarrija ġuramentata għandu jinġieb il-qorti għall-fini ta' kontroll da parti tal-akkużat jew imputat. F'dan is-sens ukoll esprimiet ruhha l-Qorti Ewropea fil-kawza **Kostovski v. Netherlands** (20 ta' Novembru, 1989) meta qalet li d-dritt ta' akkużat li jikkonfronta xhud miġjub kontra tiegħu

**does not mean, however, that in order to be used as evidence statements of witnesses should always be made at a public hearing in court: to use as evidence such statements obtained at the pre-trial stage is not in itself inconsistent with paragraphs (3)(d) and (1) of Article 6, provided the rights of the defence have been respected. As a rule, these rights require that an accused should be given an adequate and proper opportunity to challenge and question a witness against him, either at the time the witness was making his statement or at some later stage in the proceedings**[87]."

Fil-każ in diżamina Mentosa la ġie prodott mill-prosekuzzjoni fil-qorti peress li kien telaq minn Malta definittivament, u anqas ittiehdet id-deposizzjoni tiegħu permezz tal-proċedura tar-rogatorji. L-ewwel qorti, għalhekk, kellha

[87] (1990) 12 E.H.R.R.434, para. 41.

tiskarta l-istqarrija ġuramentata tiegħu u mhux, kif effettivament għamlet, tistrieħ in parti fuqha…".

F'dik is-sentenza, il-Qorti tal-Appell Kriminali rriteniet ukoll illi:

"Għal kull buon fini l-Qorti tosserva li l-ġurisprudenza tal-Qorti Ewropea ma teskludix l-ammissibilita` ta' stqarrijiet magħmula minn persuni li in segwitu qatt ma jinġiebu bħala xhieda fil-proċess. Dak li dik il-Qorti tara biex tiddetermina jekk kienx hemm jew le smiegħ xieraq hu jekk dawk l-istqarrijiet kienux l-unika prova kontra l-akkużat, jew kinux altrimenti prova determinanti biex huwa jinstab ħati."

Fl-istess sens hija wkoll is-sentenza tal-Qorti Kriminali tat-8 ta' April 2010, flismijiet **<u>Ir-Repubblika ta' Malta vs Matthew-John Migneco</u>**, fejn ingħad illi:

"S'intendi, dana l-Artikolu 30A tal-Kap. 101 irid dejjem jinqara fid-dawl tad-disposizzjonijiet ġenerali tal-Kodiċi Kriminali (eċċetwat l-Artikolu 661 tal-istess Kodici, li għalih l-Artikolu 30A jagħmel deroga espressa). Issa, l-Artikolu 549(4) (u ma jistax ikun hemm dubju li l-intervent ta' Maġistrat taħt is-subartikoli (12) u (13) tal-Art. 24A tal-Kap. 101 hija forma ta' inkjesta dwar l-in genere b'modalitajiet kemm xejn differenti meħtieġa għall-finijiet tal-istess Kap. 101) u 646(2) tal-Kap. 9 huma ċari fil-portata tagħhom: id-deposizzjoni regolarment mogħtija fl-inkjesta dwar l-in genere … tista' tingieb bhala prova, u mhux sempliċiment għall-finijiet ta' kontroll, basta, pero`, li x-xhud jinġieb ukoll fil-qorti biex jiġi eżaminat viva voce … ħlief jekk ix-xhud ikun mejjet, ikun barra minn Malta jew ma jkunx jista' jinstab… (ara l-proviso tas-subartikolu (2) tal-imsemmi Artikolu 646)."

Irid jingħad ukoll illi fis-sentenza tagħha tat-13 ta' Ottubru 2016 fl-ismijiet **<u>Ir-Repubblika ta' Malta vs Charles Paul Muscat</u>**, il-Qorti tal-Appell Kriminali (Superjuri) qalet hekk dwar din il-kwistjoni:

"7. Issa, kif ingħad (*supra* para. 4) permezz ta' l-ewwel eċċezzjoni tiegħu l-appellant eċċepixxa l-inammissibilita` ta' l-istqarrijiet ġuramentati ta' Marlon Apap u Brian Godfrey Bartolo peress li dawn ma xehdux fl-Istruttorja u l-artikolu 30A ta' l-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi mhux eċċezzjoni għar-regola kontenuta fl-artikolu 646(1) tal-Kodiċi Kriminali. L-ewwel Qorti korrettement ċaħdet din l-eċċezzjoni. L-imsemmijin Apap u Bartolo fil-fatt ġew prodotti mill-prosekuzzjoni bħala xhieda iżda huma għażlu li ma jixhdux minħabba illi hemm proċeduri kriminali pendenti kontra tagħhom. Il-fatt li għażlu li ma jixhdux mhijiex ċertament raġuni biex l-istqarrijiet tagħhom jiġu dikjarati inammissibbli. Barra minn hekk il-

prosekuzzjoni ddikjarat quddiem din il-Qorti illi hija l-intenzjoni tagħha li tipproduċi lill-imsemmija żewġ xhieda fil-ġuri fil-konfront ta' l-appellant wara li jkunu ġew terminati definittivament il-proċeduri kontra tagħhom.

8. Issa, filwaqt illi l-appellant stqarr illi "pjuttost jaqbel ma' l-esposizzjoni legali maghmula mill-Qorti Kriminali", isostni li l-eċċezzjoni tiegħu kellha tiġi deċiża b'dikjarazzjoni ċara li l-istqarrijiet ġuramentati ta' dawn iż-żewġ xhieda huma inammissibbli sakemm l-istess xhieda ma jixhdux *viva voce* waqt il-ġuri. Jilmenta wkoll li l-ewwel Qorti rriteniet "li fl-eventwalita` li ż-żewġ xhieda Marlon Apap u Brian Godfrey Bartolo ma joffrux id-deposizzjoni tagħhom waqt il-ġuri minħabba l-pendenza tal-proċeduri kriminali fil-konfront tagħhom, 'f'dak l-istadju l-ġurati għandhom jiġu iggwidati meta jiġu biex jiżnu l-valur probatorju tal-istqarrijiet ġuramentati'." Hawn qegħdin, kif anke aċċettat id-difiża, fir-relm ta' l-ipotetiku. Tajjeb, pero`, li jiġi senjalat illi jekk, għal xi raġuni jew oħra l-imsemmijin żewġ xhieda ma jixhdux waqt il-ġuri, u allura jiġri li l-akkużat ma jkollux u ma kellu qatt l-opportunita` li jikkontroeżamina dawn ix-xhieda dwar id-dikjarazzjonijiet ġuramentati li kienu għamlu, l-istess dikjarazzjonijiet ma jkunux jistgħu jittieħdu bħala prova tal-kontenut tagħhom.

9. Apparti hekk, fil-fehma ta' din il-Qorti, minn qari akkurat tal-konsiderazzjonijiet li għamlet l-ewwel Qorti, ma hemm l-ebda ħtieġa li ssir kjarifika partikolari ulterjuri dwar dak li qalet ħlief li tissofferma fuq is-segwenti punti:

- l-artikolu 30A tal-Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta huwa eċċezzjoni għall-artikolu 661 biss.
- ix-xhieda għandhom jinstemgħu *viva voce* (salv f'dawk iċ-ċirkostanzi li jissemmew fis-subartikolu (2) ta' l-artikolu 646 tal-Kodiċi Kriminali).
- Fejn l-unika xiehda hija tal-kompliċi, hu applikabbli l-artikolu 639(3) tal-Kodiċi Kriminali.
- jekk ma jkunux ġew terminati definittivament il-proċeduri kontra x-xhieda, hu applikabbli *a contrario sensu* l-artikolu 636 tal-Kodiċi Kriminali."

Il-Qorti tqis illi la darba Brian Godfrey Bartolo baqa' ma xehedx f'dawn il-proċeduri, b'dan għalhekk illi l-imputat f'dan il-każ ma kellu qatt l-opportunita` li jagħmel il-kontro-eżami tal-istess Bartolo, ix-xhieda ta' Bartolo quddiem il-Maġistrat Dr. Edwina Grima li permezz tagħha huwa kkonferma bil-ġurament l-istqarrija rilaxxjata minnu lill-Pulizija, ma tistax tintuża bħala prova fil-konfront tal-imputat odjern. F'dan il-kuntest, il-Qorti qed tqis ukoll illi tali prova hija waħda tassew determinanti u tali li ċertament twassal għal sejbien ta' ħtija.

**Ikkunsidrat ulterjorment:**

Illi kif ingħad iżjed 'il fuq, fil-proċeduri odjerni xehed ukoll **Unai Lacalle Zumeta**, wara li ġie mwissi mill-Qorti li kellu d-dritt li ma jwieġeb għall-ebda domanda li setgħet tinkriminah, tenut kont tal-fatt illi kien hemm proċeduri pendenti fil-konfront tiegħu in konnessjoni mal-każ odjern. Fil-fatt mit-traskrizzjoni tax-xhieda tal-istess Zumeta, jirriżulta illi l-Qorti qalet hekk lill-imputat qabel xehed:

> "Qorti: Se naghtik il-caution li inti ghandek id-dritt li ma jirrispondi ghal ebda domanda li ser issirlu jekk bix-xhieda tieghu jista jinkrimina lilu nnifsu tenut kont ghal fatt illi hu ghad ghandu kawza relatata mhux deciza...".[88]

Illi l-istess Zumeta kien ko-akkużat u illi kellu proċeduri pendenti fil-konfront tiegħu jirriżulta wkoll mill-verbal tas-seduta sussegwenti ta' din il-Qorti kif diversament preseduta tat-28 ta'April 2015, li jgħid hekk:

> "Il-Qorti qed tigbed l-attenzjoni tal-Avukat Generali li ordna li jitharrek Unai Zumeta Lacalle u Ramon Lasarte ghandhom il-kawzi taghhom sub judice u huma meqjusa ko akkuzati u in vista ta' hekk ix-xhieda taghhom mhux ammissibbli."[89]

Din il-Qorti tinnota illi l-Avukat Ġenerali ħa konjizzjoni ta' dak ivverbalizzat mill-Qorti u fin-nota tar-rinviju ta' wara ossia dik tal-20 ta' Mejju 2015, talab illi l-Qorti "*tisma' lill-Unai Lacalle Zumeta u lil Jose Ramon Lasarte sabiex fl-istadju opportun jixhdu dwar il-fatti maghrufa lilhom*"[90]. Dan evidentement għaliex la darba Zumeta kienu għadu ko-akkużat, l-istadju li fih huwa xehed f'dawn il-proċeduri ma kienx wieħed opportun, u x-xhieda tiegħu f'dawn iċ-ċirkostanzi ma tistax titqies bħala ammissibbli fil-konfront tal-imputat odjern, kif iddikjarat ukoll din il-Qorti kif diversament preseduta fil-verbal tas-seduta tat-28 ta' April 2015.

Illi l-Artikolu 636(b) tal-Kodiċi Kriminali jgħid hekk:

> "636. Ebda eċċezzjoni dwar il-kompetenza ta' xhud ma tiġi milqugħa minħabba –
>
> ...

[88] A fol. 299 tal-proċess.
[89] Ara a fol. 310 tal-proċess.
[90] A fol. 312 tal-proċess.

(b) li kien imputat tal-istess reat li fuqu tkun meħtieġa x-xiehda tiegħu, meta l-Gvern ikun wegħdu jew tah l-impunità sabiex hekk ikun jista' jixhed;"

Fis-sentenza tagħha **Ir-Repubblika ta' Malta vs Ramon Fenech** tat-23 ta' Frar 2017, il-Qorti tal-Appell Kriminali (Superjuri) qalet hekk dwar l-aggravju tal-appellant li permezz tiegħu huwa eċċepixxa l-inammissibilita` tax-xhieda ta' Simon Linton Sancto fl-inkjesta maġisterjali u fil-kumpilazzjoni peress illi fil-mument li ngħataw kellu jitqies bħala ko-akkużat fit-termini tal-liġi, u dan wara li l-istess Qorti għamlet referenza għas-sentenza tagħha tat-13 ta' Ottubru 2016 fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta vs Charles Paul Muscat** fuq ċitata:

"17. Fil-każ in eżami, peress illi d-droga in kwistjoni hi regolata mill-Kap. 31 tal-Liġijiet ta' Malta, huwa applikabbli l-artikolu 121B li, bħall-artikolu 30A tal-Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta, irendi l-imsemmi artikolu 121B eċċezzjoni għall-artikolu 661 biss. Għalhekk, bħalma jipprovdi l-artikolu 646(1) tal-Kodiċi Kriminali, "ix-xhieda għandhom dejjem jiġu eżaminati fil-qorti u *viva voce*", salv f'dawk iċ-ċirkostanzi li jissemmew fis-subartikolu (2) ta' l-artikolu 646 tal-Kodiċi Kriminali. Għalhekk ukoll, fejn ma jkunux ġew terminati definittivament il-proċeduri kontra x-xhieda, hu applikabbli *a contrario sensu* l-artikolu 636(b) tal-Kodiċi Kriminali.

18. Issa, fil-każ odjern, meta x-xhud Simon Linton Sancto xehed fl-Istruttorja, il-proċeduri kontra tiegħu kienu għadhom ma ġewx terminati. Jirriżulta li huwa mhux biss xehed fl-Inkjesta Maġisterjali iżda xehed anke minn rajh quddiem il-Qorti Istruttorja wara li ngħata twissija minn dik il-Qorti u l-akkużat kellu l-opportunita` li jikkontroeżaminah iżda minflok għażel li jirriserva (ara fol. 138 ta' l-atti ta' l-Istruttorja). Pero` din il-Qorti tirreferi għal dak li ntqal f'digriet mogħti mill-Qorti Kriminali fit-22 ta' Diċembru 1998 fil-kawża fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta v. Ian Farrugia** dwar talba li saret biex jixhed ċertu Carmel Attard

**"L-Avukat Generali ... qed jeccepixxi l-inammissibilita` f'dana l-istadju ta' Carmel Attard, u cioe` sakemm il-kaz tal-imsemmi Attard ma jkunx gie definittivament deciz billi jghaddi in gudikat. L-Avukat Generali fuq dan il-punt ghandu ragun. Il-gurisprudenza hi cara fuq dan il-punt: persuna li tkun akkuzata, kemm bhala komplici kif ukoll bhala ko-awtur, bl-istess reat migjub kontra akkuzat iehor ma tistax tingieb bhala xhud favur jew kontra dak l-akkuzat l-iehor sakemm il-kaz taghha ma jkunx gie definittivament deciz. Dan il-principju japplika sia jekk dik il-persuna tkun giet akkuzata fl-istess kawza tal-akkuzat l-iehor – b'mod li jkun hemm 'ko-akkuzati' fil-veru sens tal-kelma – u sia jekk**

**tkun akkuzata fi proceduri separati. Il-bazi ta' dan il-principju hu argument *a contrario sensu* li jitnissel mill-paragrafu (b) tal-Artikolu 636 tal-Kodici Kriminali,**

**" '...[la] quale disposizione non pone alcuna distinzione circa il grado in cui il teste fosse stato imputato, se, cioe`, come autore o coautore del delitto o come complice, essendo solo importante per i fini della ammissibilita` della sua deposizione che egli, non avendo a temere alcuna azione criminale per quanto va a deporre, non abbia l'interesse di scagionarsi e di incriminare altri' (R. v. Carmelo Cutajar ed altri, 18/1/1927, Kollezz Deciz XXVI iv 758, 760).**

**"Il-Qorti taghmel referenza wkoll ghas-segwenti decizzjonijiet: R. v. Filippo Pace, Qorti Kriminali, 14/11/1890, Kollezz. Deciz. XII.531; P. v. Toni Pisani, App. Krim, 11/11/1944, Kollezz Deciz XXXII.iv.792; R v Karmnu Vella, Qorti Kriminali, 3/12/47, Kollezz Deciz XXXIII.iv.547; P v Alfred W Luck et, App. Krim., 25/4/1949, Kollezz. Deciz. XXXIII.iv.870; u Rep. v. Domenic Zammit et, Qorti Kriminali, 15/12/1997 kif integrata bid-decizzjoni tal-Qorti ta' l-Appell Kriminali fl-istess ismijiet tal-31/7/1998.**

**"Ghalhekk mhix kwistjoni, kif donnu qed jippretendi l-akkuzat odjern, li Carmel Attard ghandu xi ghazla li jixhed jew ma jixhedx ghax jista' jinkrimina ruhu. Carmel Attard, li kien akkuzat bhala ko-awtur <u>bl-istess reat</u> li bih l-akkuzat odjern jinsab akkuzat, <u>ma hux kompetenti li jixhed</u> (sia bhala xhud tal-prosekuzzjoni sia bhala xhud tad-difiza) <u>qabel ma l-kaz tieghu ighaddi in gudikat</u>. Sa ma jintlahaq dak l-istadju, Carmel Attard hu inammissibbli bhala xhud indipendentement minn jekk huwa stess iridx jixhed; wara li l-kaz tieghu jghaddi in gudikat, hu jsir ammissibbli bhala xhud u jkollu jixhed anke jekk ma jridx."** [sottolinear ta' dik il-Qorti]

19. F'dan il-kaz il-proċeduri kontra x-xhud Simon Linton Sancto għaddew in ġudikat, u huwa l-ħsieb tal-prosekuzzjoni li tipproduċieh bħala xhud. Konsegwentement il-posizzjoni hi li x-xiehda ġuramentata li huwa ta fl-Inkjesta Maġisterjali u dik li ta fl-Istruttorja hi issa ammissibbli bħala prova għall-finijiet ta' kontroll jew konfront. Meta jiġi hekk prodott l-imsemmi Simon Linton Sancto, il-valur probattiv tax-xiehda mogħtija preċedentement

minnu hi kif intqal fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Pierre Gravina**[91] mogħtija fis-26 ta' Mejju 2003 minn din il-Qorti fis-sede inferjuri tagħha..."

20. Naturalment jitfakkar ukoll dak li jipprovdi l-artikolu 639(3) tal-Kodiċi Kriminali."

Fil-każ odjern, kif ingħad iżjed il-fuq, fl-istadju li fih Unai Lacalle Zumeta xehed f'dawn il-proċeduri u kif irrelevat din il-Qorti kif diversament preseduta, huwa kien għadu ko-akkużat fi proċeduri separati, u għaldaqstant ma kienx xhud kompetenti ai termini tal-Artikolu 636(b) tal-Kodiċi Kriminali. Għaldaqstant anke fid-dawl tal-ġurisprudenza fuq ċitata, din ix-xhieda ma tistax tiġi meqjusa bħala prova ammissibbli f'dawn il-proċeduri.

**Ikkunsidrat ulterjorment:**

Illi permezz tal-imputazzjoni (a), l-imputat odjern qed jiġi akkużat bir-reat ta' assoċjazzjoni ma' terzi persuni sabiex ibiegħ jew jitraffika mediċina perikoluża (pjanta *cannabis*) f'dawn il-Gżejjer u dan bi ksur tad-disposizzjonijiet tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, jew illi ippromwova, ikkostitwixxa, organizza jew iffinanzja din l-assoċjazzjoni.

Fis-sentenza tagħha fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Nadia Rapinett** tat-8 ta' Jannar 2020, il-Qorti tal-Appell Kriminali qalet hekk dwar dan ir-reat:

> Illi r-reat tal-assocjazzjoni bil-ghan li jigi kommess delitt huwa mahsub mill-legislatur mhux biss fid-disposizzjonijiet generali tal-Kodici Kriminali fl-artikolu 48A tieghu introdott permezz tal-Att III tal-2002, izda ukoll fil-ligi specjali li tirregola r-reati marbuta mat-traffikar u pussess ta' droga u specifikatament fl-artikolu 22(1)(f) tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta fejn hemm dispost illi ikun hati ta' reat kull min:
>
> > **"jassoċja ruħu ma' xi persuna jew persuni oħra f'Malta jew barra minn Malta sabiex ibigħ jew jittraffika mediċina f'Malta kontra d-dispożizzjonijiet ta' din l-Ordinanza, jew li jippromovi, jikkostitwixxi, jorganizza jew jiffinanzja l-assoċjazzjoni."**
>
> Din l-assocjazzjoni tibda issehh u allura r-reat ikun ikkunsmat skont l-artikolu 22(1A) hekk kif:
>
> > **"..... jiġu kkumbinati jew miftehma l-mezzi, ikunu li jkunu, li bihom dawk il-persuni għandhom jimxu."**

[91] Ara din is-sentenza ċitata minn din il-Qorti *supra*.

Dan maghdud ghandu johrog illi l-elementi kostituttivi tar-reat ta' assocjazzjoni kontemplat fil-Kapitolu 101 huma erba u senjatament:

"**1. iz-zmien li fih ikun sar ir-reat;**

**2. li jkun hemm mill-inqas persuna ohra, kienet minn kienet f'Malta jew barra minn Malta, li tkun involuta,**

**3. sabiex tigi traffikata d-droga; u**

**4. li jkun hemm il-ftehim dwar il-mod kif din id-droga ser tigi traffikata. It-traffikar ghandu definizzjoni wiesgha u din tinkludi mhux tfisser kwalsiasi movement ta' droga minn id ghal id kemm versu korrispettiv kif ukoll b' mod gratuwitu**.[92]"

Indubbjament allura r-reat huwa ikkunsmat hekk kif ikun hemm il-ftehim dwar il-mezzi li ghandhom jigu adoperati ai fini biex jigi kommess id-delitt. L-Antolisei difatti ighid hekk:

**"Trattandosi di un reato tipicamente permanente, la consumazione si protrae fino alla cessazione dello stato antiguridico, e cioe' fino a quando si verifica lo scoglimento dell'associazione."**

Ikompli ighid hekk il-gurista Antolisei:

**"Il dolo consiste nella volonta di entrare a far parte di un'associazione, avendo lo scopo di commettere delitti .... una volta fatto ingresso nell'associazione, pero', il reato e' consumato anche per il partecipe che poi se ne dissoci, recidendo i legami con il resto del sodalizio.[93]"**

Illi l-Ewwel Qorti gustament taghmel referenza ghad-decizjoni moghtija fis-sentenza **The Republic of Malta v. John Steven Lewis Marsden**[94], fejn gie deciz:

***"Appellant maintains that once that the drugs that he actually brought into Malta were "fake" ecstasy pills – pills which up to that time were not prescribed by law – then under no circumstance can there be a conspiracy to import into Malta, or to traffic in, the "real" ecstasy pills, that is the ones whose chemical composition is prescribed by law. Even here appellant is simply trying to confuse issues and compound confusion. A person may be found guilty of, say, conspiracy to import heroin into Malta, even though the stuff that he eventually brings into***

---

[92] Hawnhekk il-Qorti rreferiet għas-sentenza tal-Qorti Kriminali fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta vs Simon Xuereb** tal-5 ta' Jannar 2004.
[93] Manuale di Diritto Penale Parte Speciale II Capitolo IX – Reati Contro l'Ordine Pubblico. 149.
[94] Deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali Sede Superjuri fit-2 ta' Novembru 2009.

***Malta turns out to be baking powder. It all depends on what was actually agreed upon between the conspirators and, more specifically, on the object of the conspiracy. Was the object of the conspiracy "real" ecstasy or "fake" ecstasy? The Attorney General is clearly of the opinion that it was "real" ecstasy; appellant disagrees. But this is a point which has to be decided by the jury, and not at this preliminary stage either by the Criminal Court or by this Court."***

***"... evidence of a conspiracy is not necessarily or only derived by inferring it from criminal acts of the parties involved. Indeed, a conspiracy may exist even though there is no subsequent criminal activity, that is to say even though the agreement to deal in any manner in a controlled substance is not followed by some commencement of execution of the activity agreed upon. In such circumstances it is obvious that no inference can be drawn from criminal acts because there are no criminal acts subsequent to the conspiracy itself."***

*Di piu* fis-sentenza fl-ismijiet The Republic of Malta v. Steven John Caddick et deċiża mill-Qorti tal-Appell Superjuri fis-6 ta' Marzu 2003 ġie ritenut:

***"…Under our law the substantive crime of conspiracy to deal in a dangerous drug exists and is completed "from the moment in which any mode of action whatsoever is planned or agreed upon between" two or more persons (section 22(1A) Chapter 101). Mere intention is not enough. It is necessary that the persons taking part in the conspiracy should have devised and agreed upon the means, whatever they are, for acting, and it is not required that they or any of them should have gone on to commit any further acts towards carrying out the common design. If instead of the mere agreement to deal and agreement as to the mode of action there is a commencement of the execution of the crime intended, or such crime has been accomplished, the person or persons concerned may be charged both with conspiracy and the attempted or consummated offence of dealing, with the conspirators becoming (for the purpose of the attempted or consummated offence) co-principals or accomplices."***

Esklużi l-provi li l-Qorti qed tqis inammissibbli jew mingħajr valur probatorju, fuq imsemmija, jirriżultaw is-segwenti provi mill-atti proċesswali:

i. Nhar il-11 ta' Jannar 2014, waqt osservazzjoni fuq ir-residenza ta' Brian Godfrey Bartolo ġewwa San Pawl il-Baħar, l-imputat odjern u Unai Lacalle Zumeta intlemħu ħerġin mill-blokka tal-appartamenti ta' Bartolo u flimkien imxew lejn vettura FDK 483. L-imputat odjern fetaħ il-vettura min-naħa tax-xufier, filwaqt illi Zumeta fetaħha min-naħa tal-passiġġier.

Dawn għalqu l-vettura, baqgħu jitkellmu għal ftit ħin, ħadu b'idejn xulxin u nfirdu.

Hawnhekk il-Qorti tosserva illi minkejja illi l-Ispettur Malcolm Bondin jixhed illi ngħad lilu mill-Pulizija preżenti fuq il-post illi dawn raw lil Bartolo dieħel ġewwa l-appartament tiegħu, wara li rawh ukoll nieżel mill-karozza tiegħu, tal-kiri, flimkien ma' żewġ persuni maskili, wieħed mill-liema kellu *haversack* fuq dahru, l-Uffiċjali tal-Pulizija li kienu fuq il-post u li xehdu f'dawn il-proċeduri dwar dak li huma osservaw, fl-ebda waqt ma kkonfermaw din il-parti tax-xhieda tal-Ispettur Bondin. Għalhekk dak li l-Ispettur Bondin jgħid illi qalulu li raw l-Uffiċjali tal-Pulizija preżenti, jibqa' biss *detto del detto* u ma jagħmilx prova tal-kontenut tiegħu.

Hawnhekk il-Qorti żżid ukoll b'referenza għall-vettura bin-numru ta' reġistrazzjoni FDK 483, u illi skont PS 891 Oscar Baldacchino u PC 1589 Tarik Shaik, kienet tintuża minn Bartolo, illi baqgħet ma nġabet l-ebda prova dwar dan. Ma jirriżultax kif dawn ix-xhieda waslu għal din il-konklużjoni, bħal per eżempju billi kienu rawh isuq din il-vettura u lanqas ma nġabet il-provi illi din il-vettura kienet mikrija lil Bartolo.

ii. Zumeta ġie arrestat u fil-pussess tiegħu nstabu €3,400 fi flus kontanti u basket fuq dahru li kien jikkontjeni żewġ nuċċalijiet tax-xemx, żewġ *mobile phones* u *wire*.

iii. L-imputat ukoll ġie arrestat u fil-pussess tiegħu nstabu weraq tal-*cannabis* u s-somma ta' €275 fi flus kontanti.

iv. Ġie arrestat ukoll Etienne Ciantar li ġie nnutat ħiereġ mill-blokka tal-appartamenti li fih kien jirrisjedi Bartolo wara l-arrest tal-imputat odjern, u fil-pussess tiegħu, dan kellu basket tal-karti kontenenti *cannabis.* Dan jixhed illi huwa akkwista din id-droga mingħand Bartolo u li lill-imputat ma jafux.

v. Bartolo ġie arrestat hekk kif ħareġ mir-residenza tiegħu. Fil-pussess tiegħu nstabu droga kokaina u *cannabis.* Minn tfittxija li saret fir-residenza tiegħu, instabu fost affarijiet oħrajn, droga kokaina u *cannabis*, imwieżen, oġġetti relatati mad-droga u flus kontanti.

vi. Ġewwa kamra f'lukanda fejn kien qed jirrisjedi Unai Lacalle Zumeta, instabet bagalja b'qiegħ falz li kienet tikkontjeni diversi boroż bid-droga *cannabis*. Hemmhekk instab ukoll Jose` Ramon Lasarte Garate.

vii. Jose` Ramon Lasarte Garate irrilaxxja stqarrija lill-Pulizija nhar it-12 ta' Jannar 2014, fl-istess jum ikkonferma din l-istqarrija quddiem il-Maġistrat Dr. Edwina Grima salv għal xi korrezzjonijiet li huwa għażel li jagħmel, nhar it-18 ta' Jannar 2014 xehed ukoll quddiem il-Maġistrat Dr. Consuelo Scerri Herrera fejn ikkoreġa dak li kien qal fl-istqarrija oriġinali tiegħu u mbagħad xehed f'dawn il-proċeduri nhar it-2 ta' Ġunju 2016 u nhar it-12 ta' Lulju 2016, wara li l-proċeduri fil-konfront tiegħu ġew deċiżi. F'dan ir-rigward, għalkemm id-difiża fin-nota ta' sottomissjonijiet tagħha, tgħid illi m'hemm xejn fl-atti in sostenn ta' dan għajr għax-xhieda tiegħu, il-Qorti tqis illi m'għandhiex għalfejn tiddubita minn dan l-istat ta' fatt. Irid jingħad ukoll illi fis-seduta tat-12 ta' Lulju 2016, meta huwa xehed għat-tieni darba quddiem din il-Qorti kif diversament preseduta, ġie vverbalizzat illi "*Ghall kull buon fini deher Dott. Malcolm Mifsud li kien jippatroċinja lix-xhud Lasarte meta kienu ghaddejjin fil-konfront tal-imsemmi Lasarte proceduri kriminali <u>li issa gew konkluzi</u>.*"[95] [sottolinear ta' din il-Qorti]

Fir-rigward tax-xhieda ta' Lasarte Garate tat-2 ta' Ġunju 2016, il-Qorti tibda biex tinnota illi minkejja li x-xhud jgħid illi fiż-żewġ stqarrijiet, huwa kien stqarr il-verita` kollha, fil-fatt huwa kien irrilaxxja biss stqarrija waħda. Issa jekk b'dan ix-xhud kien qed jirreferi għal dak li stqarr nhar it-12 ta' Jannar 2014, kif ikkonfermat minnu quddiem il-Maġistrat Dr. Edwina Grima u dak li xehed sussegwentement quddiem il-Maġistrat Dr. Consuelo Scerri Herrera fit-18 ta' Jannar 2014, allura ma jistax ikun li fiż-żewġ okkażżjonijiet huwa kien qed jgħid il-verita` kollha għaliex f'ta' l-ewwel kien stqarr illi kien ġie f'Malta sempliċiment sabiex ifittex xogħol u f'tat-tieni kien xehed illi importa d-droga f'Malta flimkien ma' Zumeta. Fix-xhieda tiegħu tat-2 ta' Ġunju 2016 huwa jerġa' jirrepeti li ġie f'Malta sabiex ifittex xogħol, kif jagħmel ukoll f'dik tat-12 ta' Lulju 2016, għalkemm hawnhekk iżid li Zumeta kellu jġib miegħu d-droga, skont hu, nofs kilo *cannabis*, u illi lilu kien se jagħtih €500. Huwa evidenti għal din il-Qorti illi fl-istqarrija tiegħu tat-12 ta' Jannar 2014, Lasarte Garate, filwaqt illi jinsisti li ġie sabiex isib ix-xogħol, jipprova jiddistanzja ruħu mid-droga li nstabet fil-lukanda fil-bagalja billi jilgħabha ta' bir-ruħu li

[95] A fol. 391 tal-proċess.

huwa ma kienx jaf bid-droga, illi Zumeta kien b'xi skuża jew oħra jitolbu jerfa' l-bagalja li nstabet bid-droga u illi kien biss ftit tal-mumenti qabel l-arrest tiegħu li nduna bid-droga fil-bagalja. Biss fix-xhieda tiegħu tat-12 ta' Lulju 2016, anke wara li ġiet moqrija lilu l-istqarrija tat-12 ta' Jannar 2014 u kkonfermaha, huwa jerġa' jikkonferma illi huwa kien jaf li Zumeta kellu d-droga, u li dan qallu li kellu ħames mitt gramma, għalkemm jgħid ukoll illi ħaseb li Zumeta kien ħareġ bid-droga kollha u ma kienx jaf li kien fadal id-droga fil-bagalja (li eventwalment instabet fil-lukanda).

Il-Qorti qed tqis ukoll illi meta xehed nhar it-18 ta' Jannar 2014, l-istess Lasarte Garate jixhed illi meta telaq minn Spanja huwa kien jaf li kien se jkun *courier* bid-droga *cannabis*, għalkemm ma kienx jaf il-kwantita`, li Zumeta kien se jħallas għal kollox u kien se jagħtih €500.

Il-kredibilita` tax-xhud għandha tiġi meqjusa u mistħarrġa fid-dawl ta' dak li jipprovdi l-Artikolu 637 tal-Kodiċi Kriminali, inkluż jekk din ix-xhieda għandhiex mis-sewwa jew hix konsistenti, u ta' fattizzi oħra tax-xhieda tiegħu, u jekk hix imsaħħa minn xhieda u provi oħra u taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ u a bażi ta' dan tasal sabiex tara f'hiex temmen lix-xhud u f'hiex ma temmnux. Hawnhekk il-Qorti qed tqis ukoll illi quddiem din il-Qorti kif diversament preseduta, fl-ebda ħin ma nqrat lix-xhud ix-xhieda tiegħu tat-12 ta' Jannar 2014 quddiem il-Maġistrat Dr. Edwina Grima, kif lanqas ma nqrat lilu x-xhieda quddiem il-Maġistrat Dr. Consuelo Scerri Herrera tat-18 ta' Jannar 2014, iżda nqrat lilu biss l-istqarrija tiegħu lill-Pulizija tat-12 ta' Jannar 2014. Biss din il-Qorti qed tqis illi dan ma jnaqqasx mill-ammissibilita` tax-xhieda li ma nqratx lilu. Dak li hu rikjest mil-liġi ossia mill-Artikolu 646 tal-Kodiċi Kriminali u mill-ġurisprudenza fir-rigward, huwa illi x-xhud jinġieb il-Qorti sabiex tingħata l-opportunita` lid-difiża li huwa jiġi kontro-eżaminat. Hekk ġara f'dan il-każ. Ix-xhud nġieb il-Qorti u xehed. Veru illi ma nqratx lilu x-xhieda msemmija, iżda din kienet tinsab fl-atti u għalhekk ma kien hemm l-ebda impediment għad-difiża li tikkontro-eżamina lil Lasarte Garate anke fuq din ix-xhieda, kieku dehrilha li kellha tagħmel dan.

Għalhekk fil-konsiderazzjonijiet tagħha, din il-Qorti qed tqis l-istanzi kollha li fihom xehed dan ix-xhud. Huwa evidenti għal din il-Qorti illi l-verita` hija dik kontenuta fix-xhieda tiegħu tat-18 ta' Jannar 2014 quddiem il-Maġistrat Dr. Consuelo Scerri Herrera ossia illi huwa kien *courier* bid-droga *cannabis*, illi huwa importaha ġewwa Malta flimkien ma' Zumeta u

illi ġie Malta b'dan l-iskop u mhux sabiex ifittex xogħol. Fil-fehma ta' din il-Qorti l-istejjer tiegħu dwar kif Zumeta kull darba, bi skuża jew oħra, talbu sabiex iġorrlu l-bagalja bid-droga, ma kinux ħlief tentattiv fjakk sabiex jeżimi ruħhu mir-responsabilita` kriminali tiegħu fir-rigward.

Il-Qorti tinnota wkoll illi in kwantu l-imputat odjern, Lasarte Garate jibqa', bejn wieħed u ieħor, jirrepeti l-istess verżjoni. Allura fl-istqarrija tiegħu tat-12 ta' Jannar 2014, huwa jgħid illi għall-ħabta tal-4.00 p.m. (sussegwentement jikkoreġi dan u jgħid illi kien iżjed viċin it-3:00 p.m.) Zumeta kien sejjer il-baħar u talbu biex jagħtih il-*haversack* biex ipoġġi x-xugaman u l-affarijiet tiegħu. Sa hawn madankollu Lasarte Garate kien għadu m'ammettiex l-involviment tiegħu fil-każ u illi huwa ġie Malta flimkien ma' Zumeta bid-droga. Dwar dan, fix-xhieda tiegħu tat-12 ta' Lulju 2016, huwa jgħid illi għalkemm ma jafx x'kien hemm fil-*haversack* għax ma rax lil Zumeta jdaħħal xi ħaġa fih, huwa mmaġina x'kien hemm. B'dan il-Qorti ma tistax ħlief tifhem illi Lasarte Garate kien qed jirreferi għad-droga. Fix-xhieda tat-18 ta' Jannar 2014, imbagħad, huwa jixhed illi fil-*haversack* kien hemm id-droga.

Dwar x'sar b'dan il-*haversack*, fl-istqarrija tiegħu tat-12 ta' Jannar 2014, huwa jixhed illi huwa mar ma' Zumeta filwaqt li ġarrlu l-*haversack*, marru fuq il-bajja bil-mixi u ltaqgħu ma' persuna li kellha sinna nieqsa u hu telaq lura fil-lukanda, filwaqt li għadda l-*haversack* lil Zumeta. Fix-xhieda tiegħu tat-12 ta' Jannar 2014 quddiem il-Maġistrat Dr. Edwina Grima huwa jikkoreġi din il-parti u jgħid illi lura fil-lukanda, il-*haversack* ħadu miegħu. Ikompli li Zumeta reġa' lura fil-lukanda, reġa' talbu biex joħroġ miegħu u sabiex iġorrlu l-*haversack* (skont ix-xhieda quddiem il-Maġistrat Dr. Edwina Grima, Zumeta hawnhekk ħa l-*haversack* miegħu) u x'ħin kienu quddiem il-knisja reġgħu ltaqgħu mal-persuna ta' qabel (tas-sinna nieqsa). Hawnhekk - skont hu f'din il-verżjoni, għax induna li ma kienx dan li se jagħtih xogħol - huwa ta l-basket lil Zumeta u telaq 'l hemm. Jgħid in oltre illi kien hemm karozza ħdejn dan ir-raġel (tas-sinna nieqsa), iżda ma setax jara jekk kienx hemm xi ħadd ġo fiha. Minn dak il-ħin lil Zumeta ma rahx iżjed sakemm dan mar fil-lukanda mal-pulizija. Fix-xhieda tiegħu tat-18 ta' Jannar 2014, huwa jixhed illi huwa akkompanja lil Zumeta ħdejn il-knisja tal-Qawra bil-*haversack* bid-droga u telaq 'l hemm, filwaqt li jikkonferma wkoll dak li kien xehed qabel. Fix-xhieda tiegħu tat-12 ta' Lulju 2016, jirrepeti li l-aħħar darba li ħareġ ma' Zumeta ltaqgħu ma' persuna li kellha sinna nieqsa fuq quddiem, wara li Zumeta qallu biex

imur miegħu, dawn tkellmu, iżda ma jafx x'intqal jew x'sar u jinnega li kien hemm xi skambju ta' oġġetti bejniethom. Hawnhekk ma jiftakarx jekk kienx hu jew Zumeta li kien qed iġorr il-*haversack*, iżda dan ħadu Zumeta u telaq ma' l-oħrajn ossia mal-persuna bis-sinna nieqsa u ma' raġel li kellu karozza, li huwa ma setax jara min kien għax ma kienx fil-viċin.

Dwar il-persuna li ltaqgħu miegħu, u li huwa jiddeskrivih bħala b'sinna nieqsa fuq quddiem, ix-xhud jidentifikah f'ritratt fix-xhieda tiegħu quddiem il-Maġistrat Dr. Edwina Grima bħala l-imputat odjern, bil-kliem '*naħseb*', fix-xhieda tiegħu tat-2 ta' Ġunju 2016 huwa jagħraf lill-imputat bħala dak li ra f'jum partikolari u li kien ħadlu b'idejh u li jaħseb li jismu 'Jason'. Fix-xhieda tiegħu tat-12 ta' Lulju 2016, muri l-istess ritratt li ntwera quddiem il-Maġistrat Dr. Grima, jgħid illi '*nahseb'* li l-imputat huwa dak ta' mingħajr sinna, iżda ma kienx ċert għaliex għaraf ukoll persuna oħra fuq ir-ritratti li seta' kien il-każ li kien jafu mill-ħabs, u fl-awla mbagħad ukoll mistoqsi kienx qed jagħraf lil '*dan tas-sinna*', għalkemm reġa' uża l-kliem '*nahseb li iva*', indika lill-imputat.

Minn dan, mill-fatt illi fil-kamra tal-lukanda fejn instab Lasarte Garate, u li fiha huwa kien qed joqgħod ma' Zumeta, instabet bagalja b'qiegħ falz li kienet tikkontjeni diversi boroż bid-droga *cannabis,* u mix-xhieda tal-Uffiċjali tal-Pulizija li sussegwentement raw lill-imputat flimkien ma' Zumeta, il-Qorti m'għandhiex dubju illi nhar il-11 ta' Jannar 2014, Lasarte Garate u Zumeta ltaqgħu mal-imputat odjern l-ewwel fuq il-bajja, u t-tieni darba wara li reġgħu lura fil-lukanda waħedhom, quddiem il-knisja u dan filwaqt illi fil-pussess tagħhom Lasarte Garate u Zumeta kellhom *haversack* bid-droga *cannabis*. Zumeta bil-*haversack* kontenenti d-droga u l-imputat imbagħad telqu ma' terza persuna f'vettura.

viii. Il-Qorti qed tqis illi din il-verżjoni ta' Lasarte Garate ssib korroborazzjoni fil-messaġġi li nstabu fuq il-*mobile phones* tal-imputat u li jirriżultaw mir-relazzjoni esebita mill-espert Dr. Martin Bajada. Dawn il-*mobile phones*, wieħed tad-ditta Blackberry u ieħor tad-ditta iPhone, ġew esebiti mill-Ispettur Malcolm Bondin bħala Dok. MB 1 u Dok. MB 3 rispettivament, tal-ewwel bħala li nstab fir-residenza tal-imputat u tat-tieni fuq il-persuna tiegħu. L-Ispettur Bondin ma kienx preżenti għal dawn it-tfittxijiet u ħadd mill-uffiċjali tal-pulizija li xehdu ma jirreferi għal dawn il-*mobile phones*, ħlief għal PC 1589 Tarik Shaik li xehed illi ġew elevati żewġ *mobile phones* mir-residenza tal-imputat. Fir-rigward il-Qorti tqis illi fi

kwalunkwe każ, mill-*mobile phone* 'Blackberry' analizzat mill-imsemmi espert, jirriżultaw messaġġi proprju bl-isem ta' 'Jason' (bħal per eżempju messaġġ numru 116 – "*Hey good afternoon its jason...*", a fol. 94 tar-relazzjoni; messaġġ numru 246 – "*...regards jason!*", a fol. 102 tar-relazzjoni; messaġġ numru 293 – "*Isma jason ...*", a fol. 104 tar-relazzjoni; messaġġ numru 309 – "*Just as a recap jason ...*", a fol. 106 tar-relazzjoni; messaġġ numru 453 – "*Hey Jason ...*", a fol. 115 tar-relazzjoni), u anke 'jsn' (messaġġ numru 196 – "*Can u call me wen u get the chance please its jsn!!!*", a fol. 99 tar-relazzjoni). Bl-istess mod, fil-*mobile phone* 'iPhone', jirriżultaw is-segwenti messaġġi bl-isem ta' 'jas' (messaġġ numru 1 - "*jas call me ...*", a fol. 181 tar-relazzjoni; messaġġ numru 7 – "*jas just tell me how long im going to be waiting here*", a fol. 181 tar-relazzjoni; messaġġ numru 185 – "*jas im leaving madliena now ...*", a fol. 185 tar-relazzjoni). Dan jikkorrobora għalhekk ix-xhieda tal-Ispettur Malcolm Bondin u dan fis-sens illi l-istess *mobile phones* ġew elevati mill-pussess tal-imputat. In oltre m'hemmx dubbju illi kien hu li kien jagħmel użu minnhom.

In kwantu l-*mobile phone* 'Blackberry', il-Qorti tinnota illi fil-*Phone Book Contents* tal-istess ċellulari, jidher l-isem ta' ċertu Unai, imniżżel bħala 'Unai malta' bin-numru 35699125388, u illi fil-*Phone Book Contents* tal-*mobile phone* 'iPhone' ukoll jidher l-istess 'Unai malta' bl-istess numru, kif ukoll 'Unai 2' bin-numru +356 79395197. Fil-*Calls Counter* tal-istess 'iPhone', imbagħad, jidhru numru ta' telefonati i) mingħand 'Unai 2' fl-10 ta' Jannar 2014, fis-2:24:15 PM (telefonata 13, a fol. 173 tar-relazzjoni), ii) lil 'Unai 2' fl-10 ta' Jannar fis-6:56:42 PM (telefonata 55, a fol. 174 tar-relazzjoni), iii) *missed call* mingħand 'Unai 2' fl-10 ta' Jannar 2014 fis-7:15:50 PM (telefonata 69, a fol. 175 tar-relazzjoni), iv) mingħand 'Unai 2' fl-10 ta' Jannar 2014 fis-7:16:49 PM (telefonata 73, a fol. 175 tar-relazzjoni), v) lil 'Unai 2' fl-10 ta' Jannar 2014 fis-7:21:29 PM (telefonata 74, a fol. 175 tar-relazzjoni), vi) lil 'Unai 2' fl-10 ta' Jannar 2014 fis-7:23:06 PM (telefonata 79, a fol. 175 tar-relazzjoni), vii) lil 'Unai 2' fl-10 ta' Jannar 2014 fis-7:46:03 PM (telefonata 85, a fol. 175 tar-relazzjoni), viii) lil 'Unai 2' fl-10 ta' Jannar 2014 fis-7:57:56 PM (telefonata 93, a fol. 175 tar-relazzjoni), ix) lil 'Unai 2' fil-11 ta' Jannar 2014 fit-3:02:42 PM (telefonata 125, a fol. 176 tar-relazzjoni), x) lil 'Unai 2' fil-11 ta' Jannar 2014 fit-3:36:55 PM (telefonata 146, a fol. 177 tar-relazzjoni), xi) mingħand 'Unai 2' fil-11 ta' Jannar 2014 fl-3:40:17 PM (telefonata 149, a fol. 177 tar-relazzjoni), xii) lil 'Unai 2' fil-11 ta' Jannar 2014 fl-4:11:36

PM (telefonata 158, a fol. 177 tar-relazzjoni), xiii) lil 'Unai 2' fil-11 ta' Jannar 2014 fl-4:23:38 PM (telefonata 161, a fol. 177 tar-relazzjoni), xiv) lil 'Unai 2' fil-11 ta' Jannar 2014 fl-4:33:35 (telefonata 162, a fol. 177 tar-relazzjoni), u lil 'Unai 2' fil-11 ta' Jannar 2014 fil-5:23:13 (telefonata 172, a fol. 178 tar-relazzjoni), filwaqt illi wara dan it-telefonati kollha lill-imputat huma lkoll *missed calls*, naturalment stante li ġie arrestat.

Mill-messaġġi fuq l-istess 'iPhone', imbagħad jirriżultaw is-segwenti minn u lejn in-numru '35679395197'[96]:

| *Container* | Data/Ħin/Numru | Messaġġ |
|---|---|---|
| 14 *Incoming* | 1/10/2014 11:14:21 PM **+35679395197** | *forgot to tell u i got a expensive new mont blanc sunglasses u may like to see,cheap* |
| 36 *Outgoing* | 1/10/2014 11:47:59 PM **+35679395197** | *I need sunglasses tomorrow I see them* |
| 37 *Incoming* | 1/10/2014 11:51:35 PM **+35679395197** | *Mont blanc is top stuff brand check it out* |
| 60 *Incoming* | 1/10/2014 7:13:03 PM **+35679395197** | *Can not meet u man my mate is not here* |
| 61 *Incoming* | 1/10/2014 7:14:26 PM **+35679395197** | *He is got it so I hope latter if not tomorrow* |
| 78 *Outgoing* | 1/11/2014 12:13:44 AM **+35679395197** | *I know what it is I will see it tomorrow ...I saw bob just like half an hour ago we're meeting at around eleven or twelve...I will call u tom bro have a good one* |
| 79 *Incoming* | 1/11/2014 12:16:30 AM **+35679395197** | *Cool,have a good one aswell* |

[96] Ara a fol. 181 sa 187 tar-relazzjoni.

| | | |
|---|---|---|
| | | |
| 86 *Incoming* | 1/11/2014<br>3:07:48 PM<br>**+35679395197** | *Sorry but u got to understand is not nice go around with this..* |
| 88 *Outgoing* | 1/11/2014<br>3:17:54 PM<br>**+35679395197** | *Am going to his house now will call u in abit* |
| 91 *Incoming* | 1/11/2014<br>3:19:00 PM<br>**+35679395197** | *We r next to the sea were we meet last time* |
| 92 *Outgoing* | 1/11/2014<br>3:19:33 PM<br>**+35679395197** | *Ok we pick u up from there* |

Il-Qorti tinnota illi għalkemm il-Prosekuzzjoni baqgħet ma ġabitx prova tan-numru jew numri tal-*mobile phone/s* illi kien jew kienu qed jintużaw minn Zumeta, m'għandhiex dubju fid-dawl tal-isem indikat fiċ-ċellullari tal-imputat ossia 'Unai 2' u anke tal-konversazzjoni tramite l-messaġġi hawn fuq indikati, illi dan kien proprju Unai Lacalle Zumeta u illi hawnhekk l-imputat u Zumeta kienu qed jiftehmu sabiex jiltaqgħu, in linea ma' dak li xehed Lasarte Garate. Illi fil-fatt iltaqgħu jirriżulta mhux biss mix-xhieda ta' Lasarte Garate, li jirreferi proprju għall-ħinijiet ta' dawn il-messaġġi, iżda kif ingħad ukoll mix-xhieda tal-Uffiċjali tal-Pulizija li raw lill-imputat u lil Zumeta ħerġin flimkien mill-blokka tal-appartament fejn kien jirrisjedi Brian Godfrey Bartolo. Il-Qorti tinnota wkoll illi l-Prosekuzzjoni lanqas ma ġabet prova dwar in-numru tal-*mobile phone* li kien jagħmel użu minnu Brian Godfrey Bartolo fiż-żmien in kwistjoni u l-*mobile phone* tal-istess Brian Godfrey Bartolo jew il-kontenut tiegħu lanqas ma ġie ppreżentat f'dawn il-proċeduri. L-imputat jirreferi għal 'Bob' fil-messaġġi tiegħu lil Zumeta. Fil-*Phone Book Contents* tal-'iPhone' jirriżulta l-isem 'Bob' bin-numru 99035825, u iżjed l'isfel l-istess numru 990-358-25 jidher ħdejn l-isem 'Brian c friend'.[97] Jirriżulta wkoll fl-istess *Phone Book Contents* ċertu 'Bob D' bin-numru +35677055821. Il-Qorti tinnota illi kien hemm

[97] A fol. 157 tal-proċess.

numru ta' telefonati u messaġġi lil dan l-aħħar numru mill-*mobile phone* tal-imputat fil-ħin illi l-istess imputat kien qed iċempel u jibgħat il-messaġġi lil Zumeta.[98] Hekk per eżempju fit-3:17:13 tal-11 ta' Jannar 2014, huwa jibgħat messaġġ lil dan 'Bob D': "*Sa wasalni pawlu ghandek*" u eżatt wara lil Zumeta fit-3:17:54: "*Am going to his house now will call u in abit*"; fit-3:33:59 jibgħat lil 'Bob D': "*Jien tlaqt*", fl-4:02:18 'Bob D' jibgħat lill-imputat: "*Xha tamel ax sia ohra irrid nohrog*" u l-imputat iwieġbu fl-4:05:08: "*Jien qieghed HSBC il pjazza mieghu gej*".[99] Għalkemm kemm mill-messaġġi tal-imputat lil Zumeta, kif ukoll mix-xhieda ta' Lasarte Garate jidher illi dan kien il-ħin li fih l-imputat iltaqa' ma' Zumeta, biss ma tirriżultax il-prova illi dan 'Bob D' kien fil-fatt Brian Godfrey Bartolo. Lasarte Garate jixhed illi kien hemm raġel b'vettura, iżda baqa' ma identifikahx. Veru wkoll illi kif ingħad l-Uffiċjali tal-Pulizija raw lill-imputat u lil Zumeta ħerġin mill-blokka tal-appartamenti fejn kien jirrisjedi Bartolo, iżda ma jirriżultax x'ġara minn meta l-imputat iltaqa' ma' Zumeta sakemm ħarġu flimkien mill-imsemmija blokka tal-appartamenti, anke għaliex Lasarte Garate ma baqax fil-kumpanija tagħhom. Li hu żgur huwa illi meta Zumeta ltaqa' mal-imputat, dan kellu d-droga fil-*haversack,* kif jixhed Lasarte Garate, iżda meta ħareġ mill-blokka tal-appartamenti din ma kinitx fil-pussess tal-istess Zumeta. Fid-dawl tal-provi prodotti, il-Qorti tqis illi ċertament kien hemm xi ftehim bejn l-imputat u Zumeta, u illi dan il-ftehim kien jirrigwarda d-droga, u dan qed jingħad kemm għaliex Zumeta ltaqa' mal-imputat mhux darba, skont Lasarte Garate, iżda darbtejn u f'ħin qasir, u fiż-żewġ okkażjonijiet Zumeta kellu d-droga fil-pussess tiegħu, kif ukoll mill-messaġġi fuq indikati. Fir-rigward, il-Qorti tqis illi għalkemm fl-ebda waqt ma tissemma d-droga b'mod speċifiku, biss Zumeta jgħid lill-imputat "*is not nice go around with this*", u dan fil-fehma tal-Qorti, b'referenza ċara għad-droga speċjalment meta ftit tal-ħin wara l-imputat u Zumeta ltaqgħu u Zumeta kien proprju fil-pussess tad-droga. Madankollu mill-provi la jirriżulta, lil hinn mill-kull dubju raġjonevoli, x'kien dan il-ftehim u l-iskop tiegħu, u lanqas il-mezzi jew il-mod li bih kienu se jimxu. Ma jirriżultax ippruvat illi l-imputat u Zumeta spaċċaw id-droga lil xulxin – għajr għal droga f'ammonti żgħar, ma nstabitx droga fil-pussess tal-imputat fil-11 ta' Jannar 2014 - u għalkemm seta' kien il-każ illi l-ftehim kien dwar spaċċ lil terza persuna, il-messaġġi lil 'Bob D' m'humiex prova univoka f'dan is-sens jew dwar il-mezzi li kellhom jiġu adoperati sabiex isir l-ispaċċ.

Għaldaqstant, il-Qorti qed tqis illi l-imputazzjoni (a) ma tirriżultax sodisfaċentement ippruvata.

[98] Ara a fol. 173 *et seq* tar-relazzjoni
[99] Ara a fol. 186 u 187 tar-relazzjoni.

Permezz tal-imputazzjonijiet (b) u (ċ), imbagħad, l-imputat ġie akkużat bir-reati ta' traffikar tal-pjanta u tar-raża tal-*cannabis* u dan b'referenza għall-11 ta' Jannar 2014 u t-tmien xhur ta' qabel din id-data. In oltre b'referenza għall-istess żmien, permezz tal-imputazzjonijiet (d) u (e) l-imputat qed jiġi akkużat bir-reat ta' pussess 'aggravat' tal-istess droga.

Skartata l-istqarrija rilaxxjata mill-imputat għar-raġunijiet fuq indikati, il-Qorti qegħda tqis in-numru konsiderevoli ta' messaġġi li nstabu fuq il-*mobile phones* li kien jagħmel użu minnhom l-istess imputat u li fid-dawl tagħhom, m'għandha l-ebda dubju illi l-imputat kien jispaċċa l-*cannabis* fiż-żmien li għalih jirreferu l-imputazzjonijiet odjerni. Stante illi l-*mobile phones* tal-imputat huma miżgħuda b'dawn il-messaġġi, il-Qorti se tirreferi biss għall-uħud minn dawn il-messaġġi. Is-segwenti jirriżultaw mill-*mobile phone* 'Blackberry':

| *Container* | Data/Ħin/Numru | Messaġġ |
|---|---|---|
| 42 *Sent* | 8/16/2013 6:47:58 PM **+35677777949** | *What u need matey?* |
| 44 *Sent* | 8/16/2013 6:50:28 PM **+35677777949** | ***U want the offer 3b for 100?*** |
| 46 *Sent* | 8/16/2013 7:02:27 PM **+35677777949** | *Ok let me eat and I be there in one hour cya soon* |
| 50 *Sent* | 8/16/2013 9:06:22 PM **+35677777949** | *Leaving in 5 mins* |
| 75 *Inbox* | 8/16/2013 10:46:4 PM **+35677777949** | *Hey buddy can you come by san gwann? Jacob* |
| 77 *Inbox* | 8/16/2013 10:48:53 PM **+35677777949** | *A bag mate* |
| 79 *Inbox* | 8/16/2013 10:52:10 PM **+35677777949** | *Yes please :)* |

| | | |
|---|---|---|
| 82 *Inbox* | 8/16/2013 11:03:33 PM **+35677777949** | *see you soon matey* |
| 84 *Inbox* | 8/17/2013 1:02:17 AM **+35677777949** | *Hey mate. Think it will be much later? Jacob* |
| 85 *Inbox* | 8/17/2013 1:07:22 AM **+35677777949** | *Ok see u soon* |
| | | |
| 173 *Inbox* | 8/18/2013 12:44:52 PM **Louise sarah friend** | *U have brown?* |
| 191 *Inbox* | 8/19/2013 10:40:55 AM **Louise sarah friend** | *Do you know anyone who has brown? As I am allergic to green :-(* |
| 92 *Sent* | 8/19/2013 11:41:43 AM **Louise sarah friend** | ***Hey good afternoon I can get u brown but larger amounts but its worth it ....u know now??*** |
| 97 *Sent* | 8/19/2013 11:48:28 AM **Louise sarah friend** | ***U will have to share it with your friends 50g for 300euro its worth it and u save much more!!*** |
| 102 *Sent* | 8/19/2013 11:51:06 AM **Louise sarah friend** | ***Well u can have like your bro takes if u want 3b for 100 or I do you one b 2g for 50 up to u!!*** |
| 110 *Sent* | 8/19/2013 2:39:44 PM **Louise sarah friend** | *Yes please u can?* |

| | | |
|---|---|---|
| 195 *Inbox* | 8/19/2013 3:46:19 PM **Louise sarah friend** | *How much imma?* |
| 197 *Inbox* | 8/19/2013 3:49:19 PM **Louise sarah friend** | *Thanks anyway but no one will as they have, how much green?* |
| 207 *Inbox* | 8/19/2013 6:33:11 PM **Louise sarah friend** | *Do I need to come up?* |
| 217 *Inbox* | 8/19/2013 7:19:05 PM **Louise sarah friend** | *I'm outside piccolo calabria* |
| 212 *Sent* | 8/22/2013 3:00:08 PM **Louise sarah friend** | ***Hey louise saw mr brown if u still interested to meet him...thks!!*** |
| 508 *Sent* | 9/4/2013 10:54:33 AM **Louise sarah friend** | ***Yeah I saw him but not in small quantity its good to meet him with friends if u know what I mean:)*** |
| 510 *Sent* | 9/4/2013 10:56:20 AM **Louise sarah friend** | ***I don't have personally and the only way I can get u is like that otherwise I have green!!*** |
| 512 *Sent* | 9/4/2013 11:04:31 AM **Louise sarah friend** | ***Why don't u ask a couple of friends of yours and u gather the money together? Its worth it !*** |
| 514 *Sent* | 9/4/2013 11:05:44 AM **Louise sarah friend** | ***50g its sealed and very good for 300 :)*** |
| 516 *Sent* | 9/4/2013 11:08:02 AM | ***No and I dont' t have like I said ...why don't u ask your bro maybe u*** |

| | | |
|---|---|---|
| | **Louise sarah friend** | ***can get it together coz he likes it like u!!!*** |
| 518 *Sent* | 9/4/2013 11:08:49 AM **Louise sarah friend** | *Ok* |
| 526 *Sent* | 9/4/2013 1:29:01 PM **Louise sarah friend** | ***Listen not to push u or anything but if u really like the brown than u should get this ...am charging u 6 euro per g lol.....let me know :)*** |
| | | |
| 179 *Inbox* | 8/18/2013 4:29:59 PM **Lewis luke friend** | *Hello mate it's Lewis, hope you're good! I thought the other day I was getting 2 for 50 as that is what you said the previous time? You said 3 for 100 so I gave you 50 the first time for one so the next time I would get 2 for 50? That's what you agreed mate? Can I get the other one today jekk joghbok?* |
| 144 *Sent* | 8/20/2013 6:56:11 PM **Lewis luke friend** | ***Hey matey u want this awesome deal 4b for 100...?*** |
| 148 *Sent* | 8/20/2013 7:55:24 PM **Lewis luke friend** | ***U get 2 today and 2 tomorrow for sure ....*** |
| 150 *Sent* | 8/20/2013 7:59:56 PM **Lewis luke friend** | *Am at home u coming?* |
| 273 *Inbox* | 8/21/2013 12:04:47 AM | *Hello mate it's Lewis, sorry I have been at work! That sounds good to me,can I get all 4 today though?* |

| | | |
|---|---|---|
| | **Lewis luke friend** | |
| 275 *Inbox* | 8/21/2013 12:13:58 AM **Lewis luke friend** | *Sorry was washing up mate can you call again jekk joghbok* |
| 297 *Inbox* | 8/21/2013 6:22:37 PM **Lewis luke friend** | *Hello mate how's it going? Hope you're good! Is it still cool for those 2 today?* |
| 305 *Inbox* | 8/21/2013 9:43:43 PM **Lewis luke friend** | *Ok brilliant mate, I will be at yours quite late if that's ok? Around 22:30-23:00? Is that ok? And I'm come knock on your door? Thanks mate :)* |
| 316 *Sent* | 8/29/2013 6:54:18 PM **Lewis luke friend** | ***Hey lewis hope your good u wanna do an awesome deal 100 for 5 b ....u get two tonight and three tomorrow send me back if u interested...thks!!!*** |
| 317 *Sent* | 8/29/2013 7:27:38 PM **Lewis luke friend** | *If u want me to come myself I can got my friend s car .....:)* |
| 320 *Sent* | 8/29/2013 7:29:42 PM **Lewis luke friend** | ***Am only doing this coz need urgently 100 they worth much more up to u now....*** |
| 322 *Sent* | 8/29/2013 7:41:36 PM **Lewis luke friend** | ***Sorry for being a pest but if u want this awesome deal u need to tell me now or otherwise later I can't....;)*** |
| 324 *Sent* | 8/29/2013 7:44:54 PM **Lewis luke friend** | ***Ok no problem shall we do it in the morning than ? Same deal :)*** |
| 326 *Sent* | 8/29/2013 7:46:12 PM **Lewis luke friend** | ***I give u everything obviously wen u pay me !!! ;)*** |

| | | |
|---|---|---|
| 340 *Sent* | 8/30/2013 1:23:28 PM **Lewis luke friend** | *Yes come* |
| 342 *Sent* | 8/30/2013 1:33:21 PM **Lewis luke friend** | *What time u coming* |
| 346 *Sent* | 8/30/2013 2:28:31 PM **Lewis luke friend** | *Yes both today don't be longer pls...thanks!!* |
| 697 *Inbox* | 8/30/2013 5:23:02 PM **Lewis luke friend** | *Hello mate how you doing today? Sorry couldn't help you out this morning :( would it be possible for 2b for 50?* |
| 703 *Inbox* | 8/30/2013 6:27:58 PM **Lewis luke friend** | *Sorry for taking ages to reply mate, had a few things to do, can I get both today for 50? I can be round in about 20 minutes?* |
| 458 *Sent* | 9/3/2013 5:08:28 PM **Lewis luke friend** | ***Yes of course how much u need 100 for 4?*** |
| 460 *Sent* | 9/3/2013 5:36:49 PM **Lewis luke friend** | *Ok that's fine what time u coming over ?* |
| 462 *Sent* | 9/3/2013 5:53:25 PM **Lewis luke friend** | *What time u want me to come at naxxar?* |
| 464 *Sent* | 9/3/2013 6:41:28 PM **Lewis luke friend** | *call me when u finish work* |
| 466 *Sent* | 9/3/2013 6:42:01 PM | *Ok am coming* |

| | | |
|---|---|---|
| | **Lewis luke friend** | |
| 470 *Sent* | 9/3/2013 7:11:50 PM **Lewis luke friend** | *Am leaving xemxija soon* |
| 792 *Inbox* | 9/3/2013 9:07:41 PM **Lewis luke friend** | *Hello matey how's it going? Can we meet tonight? Lewis* |
| 793 *Inbox* | 9/3/2013 9:34:23 PM **Lewis luke friend** | *Would it be possible to get 2 for 50? As can't really afford 100 at the moment! But will do next time mate! :)* |
| 799 *Inbox* | 9/3/2013 10:50:29 PM **Lewis luke friend** | *Grazzi hafna mate! So that's definitely cool for 2 for 50, both today?:)* |
| 800 *Inbox* | 9/3/2013 11:11:30 PM **Lewis luke friend** | *Awesome thanks mate, what time should I be by the church?* |
| 922 *Inbox* | 9/7/2013 10:24:01 PM **Lewis luke friend** | *Hello mate, how are you? Can I come pick up that g jekk joghbok?* |
| 925 *Inbox* | 9/7/2013 10:55:24 PM **Lewis luke friend** | *I only have use of a car for the next 30 minutes really, can you confirm off that's ok or not mate!:)* |
| 926 *Inbox* | 9/8/2013 12:45:41 AM **Lewis luke friend** | *Sorry to keep messaging you mate, can I just have an answer though, I have the car pretty much all night now so I can come whenever! Really fancy a smoke :(* |

| | | |
|---|---|---|
| 934 *Inbox* | 9/8/2013<br>9:31:06 PM<br>**Lewis luke friend** | *Hello Mate, can I come over now? I will leave that deal for today, maybe next week though? But can I come pick up that g you owe me jekk joghbok? I will be there in 10 minutes!:)* |
| 935 *Inbox* | 9/8/2013<br>9:58:47 PM<br>**Lewis luke friend** | *... can I get 2 for 50 tonight? Plus that g? Would that be possible?* |
| 936 *Inbox* | 9/8/2013<br>10:01:07 PM<br>**Lewis luke friend** | *Sorry as in 2 bags mate* |
| | | |
| 118 *Sent* | 8/20/2013<br>1:00:21 PM<br>**Will jay friend** | ***Hey matey need some gonna be in that area soon!!!!*** |
| 156 *Sent* | 8/21/2013<br>6:41:29 AM<br>**Will jay friend** | ***I have got either greenm or browm pick your choice.....:) goodmorning btw!*** |
| 158 *Sent* | 8/21/2013<br>7:07:24 AM<br>**Will jay friend** | *Ok np gimme some time to wake up and will come to u cool?* |
| 279 *Inbox* | 8/21/2013<br>10:54:23 AM<br>**Will jay friend** | *What have you got?* |
| 281 *Inbox* | 8/21/2013<br>11:09:14 AM<br>**Will jay friend** | *1 of each please* |
| | | |

| | | |
|---|---|---|
| 18 *Sent* | 8/16/2013<br>1:14:55 PM<br>**Matthias corner** | ***Hey matey long time no see ...am gonna pass that area soon if u need anyhting just let me know ...thanks!!*** |
| 120 *Sent* | 8/20/2013<br>1:00:41 PM<br>**Matthias corner** | ***Hey matey need some gonna be in that area soon!!!!*** |
| 122 *Sent* | 8/20/2013<br>1:02:47 PM<br>**Matthias corner** | *Ok np* |
| 247 *Inbox* | 8/20/2013<br>3:02:28 PM<br>**Matthias corner** | *Sorry mate it will have to wait till next week* |
| 453 *Inbox* | 8/25/2013<br>12:16:10 PM<br>**Matthias corner** | *Hey Jason, any chance of getting something today?* |
| 455 *Inbox* | 8/25/2013<br>12:43:18 PM<br>**Matthias corner** | *Brown for a 100 euro* |
| 457 *Inbox* | 8/25/2013<br>12:47:07 PM<br>**Matthias corner** | *Or make it Brown for a 100 and green for 50* |
| 294 *Sent* | 8/28/2013<br>1:43:54 PM<br>**Matthias corner** | ***Sorry to bother you but just wanted to know if u need those things just need yes or a not will be fine...thanks!!!*** |
| 1011 *Inbox* | 9/10/2013<br>7:45:46 PM<br>**Matthias corner** | *Hey dude, i know its late but just want to check if you have green for a 100 today or tomorrow?* |
| | | |
| 210 *Sent* | 8/22/2013<br>2:59:03 PM | ***Hey matey got brown u need some?*** |

| | | |
|---|---|---|
| | **Andy Jacob friend** | |
| 214 *Sent* | 8/22/2013 3:02:05 PM **Andy Jacob friend** | *Ok* |
| 345 *Inbox* | 8/22/2013 7:12:31 PM **Andy Jacob friend** | *Not tonight but lets chat tomorrow* |
| 226 *Sent* | 8/23/2013 10:45:39 AM **Andy Jacob friend** | ***Hey matey good afternoon what time u need me to pass by and how much u need?*** |
| 436 *Sent* | 9/2/2013 3:42:59 PM **Andy Jacob friend** | ***Hey u need something heading that area now....*** |
| 660 *Sent* | 9/9/2013 5:13:40 PM **Andy Jacob friend** | ***Yeah no problem how much u need matey?*** |
| 664 *Sent* | 9/9/2013 5:21:31 PM **Andy Jacob friend** | ***Why don't u get the brown the 50g it much worth it ?*** |
| | | |
| 655 *Inbox* | 8/29/2013 4:36:27 PM **Andy Pandy** | *Dont no if u can, but could u do a 25 and i'll sort u out in a few days.* |
| 710 *Inbox* | 8/30/2013 9:12:47 PM **Andy Pandy** | *Need 2 no if ur comin up or not, i hate waiting around like this, u said 1 or 2 hrs mt ok.* |

| | | |
|---|---|---|
| 711 *Inbox* | 8/30/2013 9:26:12 PM **Andy Pandy** | *Or i meet u at the square in 30m ok.* |
| 751 *Inbox* | 9/1/2013 5:44:46 PM **Andy Pandy** | *Hope ur ok mt ,have some cash 4 u if u can deliver the goods today ok* |
| 921 *Inbox* | 9/7/2013 9:15:28 PM **Andy Pandy** | *Can u do a good 50 of green or brown in the next hr pls.* |
| | | |
| 433 *Inbox* | 8/24/2013 7:13:35 PM **Kenzo** | *I need weed bro something small for me and big u got?* |
| | | |
| 368 *Sent* | 8/31/2013 1:40:45 PM **Tom Greg friend** | ***Hey tommy u need something am like 5mins away from your home?*** |
| 727 *Inbox* | 8/31/2013 5:42:45 PM **Tom Greg friend** | *I dont have money but if for u is ok to pay u tuseday i can take some* |
| 729 *Inbox* | 8/31/2013 5:42:52 PM **Tom Greg friend** | *I just want one bag to try what u have* |

Mis-suespost u minn messaġġi oħra simili għal dawn, il-Qorti m'għandhiex dubju illi l-imputat kien jittraffika d-droga *cannabis*. Fil-messaġġi tiegħu jirreferi għal *brown* u *green* u kemm fid-dawl tal-fatt illi fil-pussess tiegħu, ġewwa r-residenza tiegħu, instabet kemm ir-raża tal-*cannabis*, kif ukoll il-pjanta tal-*cannabis*, il-Qorti m'għandhiex dubju illi hawnhekk l-imputat kien qed jirreferi proprju għal din id-droga. Dan qed jingħad ukoll anke fil-kuntest tal-messaġġi hawn fuq indikati. Lil

‘*Louise sarah friend*’ filwaqt illi joffrilha l-‘brown’ f’ammonti ikbar milli xtaqet hi, l-imputat jissuġġerilha illi taqsamha ma’ sħabha u f’messaġġ ieħor, b’referenza għall-‘mr brown’, jgħidilha li tajjeb li tiltaqa’ miegħu ma’ sħabha, evidentement suġġeriment sabiex taqsam jew tikkonsma din id-droga flimkien ma’ sħabha. Huwa wara kollox risaput illi huwa komuni li l-*cannabis* tiġi kkunsmata bejn diversi persuni flimkien. Imbagħad lill-istess ‘*Louise sarah friend*’ l-imputat joffrilha wkoll illi jagħtiha mill-‘green’, b’referenza ovvja għall-pjanta tal-*cannabis* minflok ir-raża, għalkemm il-preferenza tagħha kienet ir-raża, wara li tgħidlu li hija allerġika għal ‘green’, u dan għax hi ma riditx minn din id-droga f’ammonti kbar. Bl-istess mod, ‘*Kenzo*’ jitlob il-*weed* lill-imputat b’referenza ċara għall-*cannabis*, u ‘*Lewis luke friend*’ wara diversi offerti lilu da parti tal-imputat, jgħidlu li verament xtaq ‘*a smoke’* dakinhar, ukoll b’referenza ċara għall-*cannabis*, u dan wara li jidher li l-imputat baqa’ ma rrispondihx dakinhar. ‘*Matthias corner*’ jitolbu *brown* u anke *green*, wara li l-imputat jiem qabel qallu li kien fl-akkwati tiegħu u seta’ jgħaddi kemm il-darba kellu bżonn xi ħaġa. L-istess jitolbu ‘*Andy Pandy*’. Il-Qorti tqis ukoll illi l-piż ta’ 50 gramma ‘brown’ li l-imputat isemmi fil-messaġġ tiegħu lil ‘*Andy Jacob friend*’ huwa piż li ċertament huwa iżjed sinonimu ma’ piż li fih tinbiegħ il-*cannabis* u mhux l-eroina. Dan il-piż jissemma wkoll fil-messaġġi tiegħu lil ‘*Louise sarah friend*’. Il-Qorti tqis illi irrispettivament minn jekk l-imputat, f’kull każ, kienx verament provda d-droga lil kull min kien qed jitlobhielu jew lil kull min hu kien qed joffriha, ai termini tal-Artikolu 22(1B) tal-Kap. 101 tal-Liġijiet ta’ Malta, li wieħed joffri li jipprovdi d-droga wkoll jirrendih ħati ta’ traffikar f’mediċina perikoluża. Fid-dawl tal-messaġġi in kwistjoni, li bħala żmien jaqgħu fil-parametri tal-imputazzjonijiet odjerni, il-Qorti tqis illi jirriżulta ppruvat ukoll lil hinn minn kull dubju raġjonevoli, illi l-imputat kien fil-pussess tad-droga, kemm raża tal-*cannabis*, kif ukoll pjanta tal-*cannabis*, illi ma kinitx għall-użu esklussiv tiegħu.

Għaldaqstant, il-Qorti tqis illi l-imputazzjonijiet (b), (ċ), (d) u (e) jirriżultaw sodisfaċentement ippruvati, għalkemm dan mhux b’referenza għall-11 ta’ Jannar 2014, iżda għat-tmien xhur ta’ qabel din id-data.

Hawnhekk irid jingħad illi fir-rigward tad-droga li nstabet fir-residenza tal-imputat, fin-nota tagħha, id-difiża ssostni fl-ewwel lok illi din is-sejba seħħet nhar it-12 ta’ Jannar 2014, u għalhekk ġurnata wara mill-parametri tad-data u ż-żmien li għalihom jirreferu l-imputazzjonijiet odjerni. Id-difiża għandha raġun f’dan ir-rigward. Fil-fatt kemm mix-xhieda ta’ PS 891 Oscar Baldacchino, kif ukoll mix-xhieda ta’ PC 1589 Tarik Shaik, jirriżulta illi t-tfittxija fir-residenza tal-imputat saret fit-12 ta’ Jannar 2014 u mhux fil-11 ta’ Jannar 2014 u għaldaqstant, mhux fil-parametri tal-imputazzjonijiet odjerni. Biss il-Qorti ma taqbilx ma’ dak sottomess mid-difiża in

kwantu ċ-*chain of custody of evidence* tas-sustanza misjuba ġewwa r-residenza tal-imputat. Għalkemm ma ġiex indikat lil min ġiet mgħoddija d-droga misjuba fil-kamra tas-sodda tal-imputat, fir-relazzjoni tiegħu PS 612 Theo Vella jirreferi għal oġġetti li ġew mgħoddija lilu mill-Ispettur Dennis Theuma – li jirriżulta li kien qed jassisti fl-investigazzjoni billi ottjena l-istqarrija rilaxxjata mill-imputat - ġewwa l-uffiċju tiegħu – u ċioe`is-segwenti:

| | |
|---|---|
| Dok. 14 ACC 212 | Oġġetti relatati mad-droga mgħoddija mill-Ispettur D. Theuma ġewwa l-uffiċju tiegħu – evidence bag B00957964; |
| Dok. 14 ACC 213A | *Cash box* lewn griża sgassat kontenenti ammont sostanzjali ta' boroż mgħoddija mill-Ispettur Dennis Theuma ġewwa l-uffiċju tiegħu; |
| Dok. 14 ACC 213 B | Sustanza suspettata droga; 9 biċċiet blokka, ħaxixa, żerriegħa u xi boroż b'xi traċċi fiha mgħoddija mill-Ispettur Dennis Theuma ġewwa l-uffiċju tiegħu – *evidence bag* B00957877. |

Skont l-istess relazzjoni, dawn l-oġġetti mbagħad ġew mgħoddija minnu lix-Xjenzat Godwin Sammut. Dawn l-oġġetti jidhru fotografati fir-ritratti meħuda minn PC 910 Sean Pace fil-faxxikolu fotografiku anness mal-istess relazzjoni (ara r-ritratti b'referenza FS 140055 – 14ACC 166 sa FS 140055 – 14ACC 173). Fuq dawn l-oġġetti tidher ukoll *tag*, fil-każ ta' Dok. 14 ACC 212, bil-kliem li juri illi l-oġġetti ġew elevati fit-12 ta' Jannar 2014, fil-11:00 a.m., minn fuq il-mejda tas-*sitting room* fil-presenza ta' Jason Grima minn PS 891 u PC 1589 u in kwantu għal Dok. 14 ACC 213, li dawn l-oġġetti ġew elevati fl-istess data u ħin minn ġol-komodina tal-kamra tas-sodda minn PC 467 u WPC 284, fil-presenza ta' Jason Grima. Dawn tal-aħħar baqgħu ma xehdux f'dawn il-proċeduri, iżda PC 1589 Tarik Shaik li kien preżenti għal din it-tfittxija jixhed ċar illi mill-kamra tal-imputat, minn komodina, ġiet elevata kaxxa tal-kartun b'*safe*, li kellha *sealable bags* trasparenti b'sustanza kannella suspettata raża tal-*cannabis* u *sealable bags* oħra b'sustanza ħadranija suspettata pjanta tal-*cannabis*, kif fil-fatt jidher fir-ritratti msemmija. Fir-relazzjoni tiegħu, mbagħad, l-espert ix-Xjenzat Godwin Sammut jirreferi għal dawn is-sustanzi mgħoddija lilu billi jindika l-istess *tags* bil-kliem fuq imsemmi u jagħtihom il-kodiċi tal-laboratorju 018_14_44, biex għalhekk mill-istess relazzjoni jirriżulta illi l-ħaxix f'dan id-dokument kellu piż ta' 27.89 grammi, fil-waqt illi s-sustanza kannella kellha piż ta' 31.06 grammi u illi kemm tal-ewwel, kif ukoll tat-tieni nstabet fihom is-sustanza *Tetrahydrocannabinol.* Fiċ-ċirkostanzi, il-Qorti m'għandhiex dubju illi

dak li xehed dwaru PC 1589 Tarik Shaik kien proprju dak li finalment għadda għand l-espert u li nstab li kien jikkontjeni s-sustanza appena msemmija.

Finalment permezz tal-imputazzjoni (f), l-imputat ġie akkużat ukoll bir-reat ta' pussess tad-droga kokaina, b'dan madankollu illi la darba skartata l-istqarrija tal-imputat għar-raġunijiet fuq imsemmija, ma jibqa' l-ebda prova f'dan ir-rigward u għaldaqstant il-Qorti tqis illi din l-imputazzjoni ma ġietx sodisfaċentement ippruvata.

**Ikkunsidrat ukoll:**

Illi għall-fini ta' piena, il-Qorti qegħda fl-ewwel lok tqis il-fedina penali tal-imputat kif aġġornata sal-lum, mil-liema jirriżulta illi l-imputat instab ħati ta' reati kontravvenzjonali, reati kontra r-Regolamenti tat-Traffiku u taħt il-Kap. 104 tal-Liġijiet ta' Malta, u r-reat taħt l-Artikolu 95 tal-Kodiċi Kriminali, dwar liema l-imputat ingħata pieni pekunjarji u ġie lliberat mingħajr kundizzjoni. L-aħħar reati jirrisalu għas-sena 2018.

Qed tqis in oltre illi wara d-digriet ta' din il-Qorti, kif diversament preseduta, tal-4 ta' Lulju 2019, li permezz tiegħu assumiet il-funzjoni ta' Qorti dwar id-Droga u rreferiet lill-imputat quddiem il-Bord ta' Rijabilitazzjoni ta' Persuni li Nqabdu bid-Droga ai termini tal-Artikolu 8(3) tal-Kap. 537 tal-Liġijiet ta' Malta, l-istess Bord informa lill-Qorti li kien sodisfatt illi l-proċess ta' rijabilitazzjoni tal-imputat ntemm b'suċċess. Mir-rapport anness mal-istess nota, jirriżulta illi huwa segwa l-pjan ta' kura li sar lilu mal-Aġenzija Caritas u illi numru ta' kampjuni ta' urina li ttieħdulu bejn Novembru 2019 u Jannar 2020 u bejn Lulju u Awwissu 2020, irriżultaw ilkoll fin-negattiv għal teħid ta' sustanzi lleċiti. Skont ir-rapport tal-istess Aġenzija, kif aġġornat fi Frar 2020, "*Jason has adhered well to his current care-plan and moreover has shown a huge amount of commitment to address and deal with his past drug use. Currently, client is coping very well with daily stressors and has maintained a drug-free lifestyle for a very long time*".[100]

Jirriżulta wkoll mill-atti proċesswali illi sas-7 ta' Ottubru 2020, din kienet l-unika kawża pendenti fil-konfront tal-imputat odjern, salv għall-kawżi sommarji, li dwarhom ir-Reġistratur Qrati u Tribunali Kriminali ma seta' jagħti l-ebda informazzjoni.

---

[100] A fol. 497 tal-proċess.

Tqis ukoll in-natura tar-reati li tagħhom qed jinstab ħati l-imputat, iċ-ċirkostanzi tal-każ odjern, kif ukoll illi mill-provi proċesswali jirriżulta, tal-inqas fuq bilanċ ta' probabbiltajiet, illi l-imputat wettaq ir-reati li tagħhom qed jinstab ħati minħabba l-fatt illi dak iż-żmien huwa kien dipendenti fuq id-droga. Dan qed jingħad b'mod partikolari fid-dawl tan-natura tar-reati li tagħhom qed jinstab ħati l-istess imputat, kif ukoll fid-dawl taċ-ċirkostanzi tal-każ u l-provi riżultanti mill-atti proċesswali. Naturalment dan ma jiskolpax lill-imputat, iżda l-Qorti ma tistax ma tqisx ukoll illi minn dakinhar, huwa mpenja ruħu bis-serjeta` sabiex jirrijabilita ruħu mill-vizzju tad-droga, ilu żmien il-bogħod minnha u illi qed jgħix ħajja stabbli.

Għalhekk tenut kont ta' dan kollu, u fit-termini tal-Artikolu 8(7) tal-Kap. 537 tal-Liġijiet ta' Malta, la darba l-Qorti hija sodisfatta illi r-reati li dwarhom l-imputat qed jinstab ħati kienu prinċipalment attribwibbli għad-dipendenza tiegħu fuq id-droga, ser tieqaf milli tapplika t-terminu minimu mandatorju ta' priġunerija jew l-esklużjoni tas-sospensjoni tat-terminu ta' priġunerija, altrimenti applikabbli għar-reati odjerni.

Tqis ukoll illi fiċ-ċirkostanzi, piena ta' priġunerija sospiża hija piena idonea. In oltre fid-dawl tax-xhieda tal-Uffiċjal Prosekutur u tal-Assistent Kummissarju Dennis Theuma, il-Qorti qegħda tapplika d-disposizzjonijiet tal-Artikolu 29 tal-Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta billi tnaqqas il-piena, dwar priġunerija, bi grad u dwar piena pekunjarja, b'terz.

**Konklużjoni**

Għal dawn il-motivi, il-Qorti wara li rat l-Artikoli 8(a), 8(b), 8(d), 8(e), 22(1B), 22(1)(a), 22(2)(b)(i) u 29 tal-Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta, ir-Regolamenti 4 u 9 tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 101.02, l-Artikolu 17 tal-Kodiċi Kriminali u l-Artikolu 8(7) tal-Kap. 537 tal-Liġijiet ta' Malta, qed issib lill-imputat **Jason Grima** mhux ħati tal-imputazzjonijiet (a) u (f) miġjuba kontra tiegħu u qegħda tilliberah minnhom, filwaqt illi qed issibu ħati tal-imputazzjonijiet (b), (ċ), (d) u (e) u tikkundannah għall-piena ta' ħmistax-il (15) xahar priġunerija, li bl-applikazzjoni tal-Artikolu 28A tal-Kodiċi Kriminali, qegħda tiġi sospiża għall-perjodu ta' tlett (3) snin mil-lum u għall-piena ta' multa ta' elfejn ewro (€2,000).

Ai termini tal-Artikolu 28A(4) tal-Kodiċi Kriminali, il-Qorti wissiet lill-ħati fi kliem ċar u sempliċi l-konsegwenzi skont il-liġi kemm il-darba huwa jwettaq reat ieħor punibbli bi priġunerija matul il-perjodu operattiv tas-sentenza sospiża.

In oltre ai termini tal-Artikolu 533 tal-Kodiċi Kriminali, tikkundanna lill-ħati għall-ħlas tal-ispejjeż konnessi mal-ħatra tal-esperti maħtura fil-proċeduri u fl-istadju tal-proċess verbal tal-inkjesta ossia s-somma ta' ħames mija, ħamsa u sebgħin ewro u tlieta u tmenin ċenteżmu (€575.83), rappreżentanti l-ispejjeż konnessi mar-relazzjoni tal-espert Dr. Martin Bajada, is-somma ta' tlieta u sebgħin ewro u wieħed u disgħin ċenteżmu (€73.91), rappreżentanti parti mill-ispejjeż konnessi mar-relazzjoni ta' PS 612 Theo Vella u PC 910 Sean Pace[101], is-somma ta' mija, erbgħa u tmenin ewro u tmienja u tletin ċenteżmu (€184.38), rappreżentanti l-ispejjeż konnessi mar-relazzjoni tal-espert ix-Xjenzat Godwin Sammut, esebita minnu fis-seduta tat-3 ta' Lulju 2014 bħala Dok. GS, oltre l-ispejjeż konnessi mar-relazzjoni tal-espert ix-Xjenzat Godwin Sammut in kwantu l-analiżi tiegħu fuq id-dokument indikat bil-kodiċi tal-laboratorju 018_14_43 (li kellu jaqra 18_14_44) u li jinsab indikat bħala l-aħħar dokument f'paġna 10 tar-relazzjoni tiegħu, esebita minnu fis-seduta tat-8 ta' Marzu 2016, liema spejjeż għandhom jiġu stabbiliti mir-Reġistratur tal-Qrati u Tribunali Kriminali stante illi dawn ma jirriżultawx mill-istess relazzjoni; b'kollox għalhekk is-somma ta' tmien mija, erbgħa u tletin ewro u tnax-il ċenteżmu (€834.12), oltre l-ispejjeż li għandhom jiġi stabbiliti mir-Reġistratur kif ingħad.[102] Dawn l-ispejjeż għandhom jitħallsu mill-ħati fi żmien tliet (3) xhur mil-lum.

Ai termini tal-Artikolu 23 tal-Kodiċi Kriminali u tal-Artikolu 22(2)(b) tal-Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta, tordna l-konfiska tal-*mobile phones* 'Blackberry' u 'iPhone' esebiti bħala Dok. MB1 u MB3 favur il-Gvern ta' Malta.

Ai termini tal-Artikolu 22(3A)(d) tal-Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta, tordna wkoll il-konfiska favur il-Gvern ta' Malta ta' kull flejjes, jew proprjeta` mobbli oħra u tal-proprjeta` immobbli kollha tal-ħati.

Finalment sakemm il-Prosekuzzjoni ma tindikax b'nota, illi għandha tiġi preżentata <u>fi żmien ħmistax-il jum</u> mid-data ta' din is-sentenza, illi d-droga u l-oġġetti konnessi mad-droga esebiti f'dawn il-proċeduri huma meħtieġa in konnessjoni ma' xi proċeduri kriminali oħra kontra terzi persuni, tordna d-distruzzjoni tad-droga u ta' dawn l-oġġetti, hekk kif din is-sentenza tgħaddi in ġudikat, u dan taħt il-ħarsien tar-Reġistratur li għandu jirrediġi proċess verbal li jiddokumenta l-proċedura tad-

---

[101] Fir-rigward, il-Qorti ħadet in konsiderazzjoni illi din ir-relazzjoni kienet tikkonċerna wkoll is-sejba ta' droga ġewwa l-lukanda San Anton Hotel, Triq ir-Ramel, San Pawl il-Baħar u illi l-maġġor parti tax-xogħol tal-esperti kien jikkonċerna din is-sejba. Għalhekk il-Qorti allokat is-segwenti spejjeż lill-ħati ossia €41.88 in konnessjoni ma' tnax-il ritratt, €11.65 dwar ilbies protettiv, €6.99 in konnessjoni mal-ippakjar tal-esebiti, €6.99 dwar aċċess, €4.66 in konnessjoni ma' vjaġġar u €1.74 in konnessjoni mal-paġni tar-relazzjoni, b'kollox għalhekk is-somma ta' €73.91.

[102] Il-Qorti m'hijiex tikkundanna lill-ħati għall-bqija tal-ispejjeż konnessi mal-ħatra ta' esperti oħrajn maħtura kemm fil-proċeduri, kif ukoll fl-istadju tal-proċess verbal tal-inkjesta, stante illi l-konklużjonijiet ta' dawn l-esperti ma nċidew bl-ebda mod fuq il-ħtija tal-imputat.

distruzzjoni, liema dokument għandu jiġi nserit fl-atti ta' din il-kawża mhux aktar tard minn ħmistax-il jum minn tali distruzzjoni.

Tordna notifika ta' din is-sentenza lir-Reġistratur tal-Qrati u Tribunali Kriminali.

Natasha Galea Sciberras
Maġistrat